

Riskji u xejriet ġodda fis-sigurtà u s-saħħa tan-nisa fuq il-post tax-xogħol

L-Osservatorju Ewropew tar-Riskju
Sommarju ta' rapport tal-aġenzija



Kontributuri

Sommarju ta' rapport imħejji għall-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol miċ-Ċentru għat-Temi dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (kap tal-kompitu Roxane Gervais, HSL, ir-Renju Unit).

Ġestjoni tal-proġett: Elke Schneider, Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EEU-OSHA)

B'kontributi minn:

Eva Flaspöler, Angelika Hauke, Dorothea Koppisch, Dietmar Reinert, (IFA), Institut für Arbeitsschutz der Deutschen Gesetzlichen Unfallversicherung, il-Ġermanja

Theoni Koukoulaki, (ELINYAE), L-Istitut Elleniku għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, il-Greċja.

Gediminas Vilkevicius, (LZUU), Lietuvos Žemės Ūkio Universitetas, il-Litwanja

Mónica Águila Martínez-Casariago, Myriam Baquero Martínez, Luis González Lozar, Sofía Vega Martínez, Sara López Riera, (INSHT), Instituto Nacional de Seguridad e Higiene en el Trabajo, Spanja

Louise Carter, Christine Leah, Roxane Gervais, (HSL), Il-Laboratorju dwar is-Saħħa u s-Sigurtà, ir-Renju Unit

Juliet Hassard, (I-WHO), L-Istitut dwar ix-Xogħol, is-Saħħa u l-Organizzazzjonijiet, ir-Renju Unit.

Kontroverifikatur: Simon Kaluza, (BAuA), L-Istitut Federali għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Ġermanja

Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet

għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea

Numru tat-telefon waħdieni bla ħlas (*):

00 800 6 7 8 9 10 11

(*) Xi operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għan-numri 00 800, jew inkella dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas.

Aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet (<http://europa.eu>).

© L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Werrej

Sommarju eżekuttiv	5
Metodu	6
X'iżid dan ir-rapport mal-għarfien	7
Differenzi fost l-Istati Membri	9
Xejriet fl-impjieg tan-nisa u kif dawn iħallu impatt fuq l-OSH	10
Segregazzjoni fuq il-post tax-xogħol	12
Xogħol informali	16
Ħaddiema migranti nisa	17
Aċċidenti fuq il-post tax-xogħol	18
Esponimenti, problemi tas-saħħa u mard ikkawżat mix-xogħol	20
Esponimenti ikkombinati	31
Id-diżabbiltà u r-riabilitazzjoni	34
Konklużjonijiet għall-politika, ir-riċerka u l-prevenzjoni	35
L-integrazzjoni tas-sessi u l-OSH — eżempji ta' implimentazzjoni b'suċċess	43
Referenzi	48

Lista ta' dijagrammi u tabelli

Dijagramma 1: Is-setturi prinċipali ta' impjieg tan-nisa, UE-27, 2000-2007. In-nisa impjegati, bl-età ta' 15-il sena u aktar (eluf)	13
Dijagramma 2: Is-setturi prinċipali ta' impjieg tan-nisa, UE-27, 2008-2012, NACE Rev. 2 In-nisa impjegati, bl-età ta' 15-il sena u aktar (eluf)	13
Dijagramma 3: Impjieg tan-nisa fl-UE-27 skont is-settur ekonomiku, bl-etajiet minn 15 sa 24 sena, fl-2000 u l-2007	14
Dijagramma 4: Impjieg tan-nisa fl-UE-27 skont is-settur ekonomiku, bl-etajiet minn 50 sa 64 sena, fl-2000 u l-2007	15
Dijagramma 5: Rata ta' inċidenza standardizzata ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol skont l-attività ekonomika, il-gravità u s-sess (kull 100 000 ħaddiem), UE-15, 1995-2006*	19
Tabella 1: Eżempji ta' esponimenti potenzjali għal sustanzi perikolużi għall-ħaddiema nisa	27
Tabella 2: Riskji kkombinati — kwistjoni ta' importanza kbira għan-nisa fuq il-post tax-xogħol	33
Tabella 3: Eżempji ta' perikli u riskji li nstabu fl-impjieg ddominati min-nisa	33
Tabella 4: Kif ix-xejriet tal-impjieg u l-esponimenti ikkombinati jista' jkollhom impatt fuq l-OSH tan-nisa	37
Tabella 5: In-nisa u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol — eżempji ta' studji u politiki sensittivi għas-sessi inklużi f'dan ir-rapport	44

Abbrevjazzjonijiet

KE	Kummissjoni Ewropea
EDC	sustanza li tfixxkel is-sistema endokrinali
ESAW	Statistika Ewropea dwar l-Aċċidenti fuq ix-Xogħol
ETUI-REHS	Istitut tat-Trade Unions Ewropej għar-Riċerka, l-Edukazzjoni u s-Saħħa u s-Sigurtà
UE	Unjoni Ewropea
UE-12	L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li adottaw il-munita waħdanija: BE, DE, EL, ES, FR, IE, IT, LU, NL, AU, PT, FI
UE-15	L-Unjoni Ewropea, 15-il Stat Membru qabel l-1 ta' Mejju 2004: UE-12 flimkien ma' DK, SE u UK
UE-25	L-Unjoni Ewropea, 25 Stat Membru wara l-1 ta' Mejju 2004: BE, CZ, DK, DE, EE, EL, ES, FR, IE, IT, CY, LV, LT, LU, HU, MT, NL, AT, PL, PT, SI, SK, FI, SE, UK
UE-27	L-Unjoni Ewropea, 27 Stat Membru: BE, BG, CZ, DK, DE, EE, EL, ES, FR, IE, IT, CY, LV, LT, LU, HU, MT, NL, AT, PL, PT, RO, SI, SK, FI, SE, UK
UE-28	L-Unjoni Ewropea, 28 Stat Membru: BE, BG, CZ, DK, DE, EE, EL, ES, FR, IE, IT, CY, LV, LT, LU, HU, HR, MT, NL, AT, PL, PT, RO, SI, SK, FI, SE, UK
UE-LFS	Stħarriġ Ewropew dwar il-Forza tax-Xogħol
EU-OSHA	L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol
Eurofound	Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol
Eurostat	Statistika Ewropea - Uffiċċju tal-Istatistika tal-Unjoni Ewropea
EWCS	Stħarriġ Ewropew dwar il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol
FIOH	L-Istitut Finlandiż għas-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol
Horeca	Lukandi, ristoranti u forniment tal-ikel
HSE	L-Eżekuttiv tas-Saħħa u tas-Sigurtà
MSD	Mard muskuloskeletal
NACE	Klassifikazzjoni Statistika tal-Attivitajiet Ekonomiċi fil-Komunità Ewropea
NIOSH	L-Istitut Nazzjonali għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol
OSH	Is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol
SMEs	L-intrapriżi żgħar u medji

Kodiċi tal-pajjiżi

Kodiċi magħmula minn żewġ ittri	Pajjiż
BE	Il-Belġju
BG	Il-Bulgarija
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
DK	Id-Danimarka
DE	Il-Ġermanja
EE	L-Estonja
IE	L-Irlanda
EL	Il-Greċja
ES	Spanja
FR	Franza
HR	Il-Kroazja
IT	L-Italja
CY	Ċipru
LV	Il-Latvja
LT	Il-Litwanja
LU	Il-Lussemburgu
HU	L-Ungerija
MT	Malta
NL	Il-Pajjiżi l-Baxxi
AT	L-Awstrija
PL	Il-Polonja
PT	Il-Portugall
RO	Ir-Rumanija
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja
FI	Il-Finlandja
SE	L-Isvezja
UK	Ir-Renju Unit

Sommarju eżekuttiv

Fl-2009 u l-2010, l-Aġenzija kkommissjonat aġġornament għar-riċerka preċedenti tagħha dwar kwistjonijiet relatati mas-sessi fuq il-post tax-xogħol (EU-OSHA, 2003), li sab li l-inugwaljanza kemm ġewwa kif ukoll barra l-post tax-xogħol jista' jkollha effetti fuq is-saħħa u s-sigurtà tan-nisa fuq il-post tax-xogħol. Dan ir-rapport jipprova dak l-aġġornament u l-ewwel ċifri dwar l-effetti tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku riċenti fuq in-nisa fuq il-post tax-xogħol. Huwa għandu l-għan li jwettaq il-kompitu deskritt mill-Istrateġija Ewropea dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (KE, 2002) għall-Osservatorju Ewropew tar-Riskju tal-EU-OSHA: "li jeżamina l-isfidi speċifiċi fir-rigward tas-saħħa u tas-sigurtà li jinħolqu mill-integrazzjoni aktar estensiva tan-nisa fis-suq tax-xogħol".

Il-kwistjonijiet tal-inugwaljanzi bejn is-sessi fuq il-post tax-xogħol u tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata saru dejjem aktar importanti hekk kif ir-rati ta' impjieg tan-nisa komplew jikbru fl-Istati Membri kollha. Għalkemm fl-2012, 58.6 % tan-nisa fl-età tax-xogħol (fl-UE-27) kienu jaħdmu u n-nisa kienu jokkupaw 59 % tal-impjieg ġodda kollha fl-2009⁽¹⁾, il-punt sa fejn in-nisa jikkontribwixxu ekonomikament jidher li għadu sottovalutat. Fil-bidu tagħha, in-nisa kienu anqas affettwati mill-irġiel mill-kriżi ekonomika riċenti, peress li l-ewwel impjieg li ntilfu kienu l-aktar fl-industriji tal-konstruzzjoni u tal-manifattura li huma dominati mill-irġiel. Madankollu, bejn l-2008 u l-2012, id-differenzi bejn is-sessi fl-impjieg Ewropej niżlu b'medja ta' 7.6 sa 6.3 punti perċentwali, l-aktar minħabba li ir-rati ta' impjieg tal-irġiel naqsu aktar minn dawk tan-nisa, li reġġu lura għal-livell tal-2007. Organizzazzjoni moderna tax-xogħol, ekonomija bbażata fuq l-għarfien, il-kompetittività u aktar impjieg u impjieg aħjar huma ta' importanza prinċipali għall-Istrateġija ta' Lisbona wara l-2010 u l-Istrateġija UE 2020. In-nisa huma essenzjali għall-forza tax-xogħol f'termini tal-provvista ta' sors ta' xogħol attiv u sostenibbli, u f'Ġunju 2010 il-Kunsill Ewropew stabbilixxa mira ambizzjuża ġdida bil-għan li jgħolli r-rata tal-impjieg għan-nisa u l-irġiel bl-età ta' bejn l-20 u l-64 sena għal 75 % sal-2020, parzjalment permezz tal-parteċipazzjoni akbar taż-żgħażaġħ, tal-ħaddiema ikbar fl-età u tal-ħaddiema b'ħiliet baxxi u bl-integrazzjoni aħjar tal-migranti legali. Madankollu, għalkemm ir-rati ta' impjieg għan-nisa qegħdin jogħlew, għad baqa' ħafna xi jsir, b'mod speċjali għan-nisa ta' età ikbar u ta' età iżgħar, sabie x jintlaħaq dan l-għan u fl-istess ħin jiġi żgurat xogħol diċenti għal kulħadd.

Il-kwistjoni tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (OSH) għan-nisa li jaħdmu fl-Unjoni Ewropea (UE) hija ta' importanza prinċipali għal fehim tal-ambjent tax-xogħol. Riċerka preċedenti wriet li l-OSH tan-nisa għandha tittjeb. Riċerka mill-Kommissjoni Ewropea turi li, anke mill-1995, in-nisa ammontaw għal madwar kważi jew aktar minn nofs tal-każijiet kollha jew aktar ta' mard relatat max-xogħol, inklużi lmenti dwar l-allergji (45 %), il-mard infettiv (61 %), l-ilmenti newroloġiċi (55 %) u l-ilmenti epatetiċi u dawk dermatoloġiċi (48 %). Is-sitwazzjoni ma tji bitx. Barra minn hekk, fir-rigward ta' "impjieg tan-nisa", b'hal dawk fis-servizz tas-saħħa u s-servizz soċjali, fis-setturi tal-konsumatur u tal-ospitalità, hemm staġnar fir-rati ta' aċċidenti f'ċerti pajjiżi; huwa aktar probabbli li n-nisa jkun b'buljati u ffastidjati, ikunu soġġetti għal fastidju sesswali u jkollhom jużaw tagħmir protettiv personali li ma jiġihomx sew peress li normalment ma jkunx ta' daqs adattat għal ġisem iżgħar.

L-għanijiet ta' dan ir-rieżami huma li:

- Tingħata ħarsa ġenerali lejn l-istatistika tax-xejriet fl-impjieg u l-integrazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, u tiġi esplorata kif dawn iħallu impatt fuq is-saħħa u s-sigurtà tagħhom fuq il-post tax-xogħol.
- Jiġu identifikati u enfasizzati l-kwistjonijiet u x-xejriet ewlenin fil-karatteristiċi tal-impjieg, il-kondizzjonijiet tax-xogħol, l-esponiment għall-periklu u l-aċċidenti relatati max-xogħol u l-problemi ta' saħħa għan-nisa fuq il-post tax-xogħol u jiġu esplorati aktar fil-fond kwistjonijiet magħżula li ma ġewx indirizzati sew qabel, b'hal-esponimenti ikkombinati, ix-xogħol informali u r-riabilitazzjoni tan-nisa fix-xogħol.
- Jiġu identifikati kwistjonijiet emerġenti għar-riċerka tal-OSH u għall-prevenzjoni ta' mard u aċċidenti okkupazzjonali li jaffettwaw lin-nisa fuq il-post tax-xogħol.

Din l-attenzjoni fuq l-OSH hija ta' benefiċċju mhux biss għan-nisa iżda wkoll għall-irġiel li jaħdmu, u b'hekk issaħħaħ il-potenzjal konsiderevoli li jista' jinkiseb minn postijiet tax-xogħol imtejbja.

Sommarju tas-sejbiet u x-xejriet u lista aktar dettaljata ta' suġġerimenti huma inklużi f'kull kapitolu ta' dan ir-rapport u fil-konklużjonijiet.

⁽¹⁾ Din is-sentenza ġiet ikkoreġuta meta mqabbla mal-verżjoni tal-20 ta' Diċembru 2013. 30 ta' Jannar 2014.

Metodu

Ir-rieżami tal-letteratura kien jinvolvi l-aċċess u l-interpretazzjoni ta' informazzjoni u data minn bażijiet ta' data strutturati u minn ġurnali rieżaminati bejn il-pari, inklużi bażijiet ta' data ta' statistika tal-UE, ir-riċerka u r-rapporti rieżaminati bejn l-pari. Barra minn hekk, l-użu tal-letteratura "griża" (2) iffaċilita l-valutazzjoni tar-rapporti u l-output tar-riċerka, li, filwaqt li mhumix koperti matul it-tfittxijiet regolari tal-bażijiet ta' data elettroniċi, jistgħu jippermettu evalwazzjoni aktar komprensiva u usa' tas-suġġetti varji li qed jiġu diskussi. Id-data minn barra l-UE ġiet inkluża sabiex tiġi ssupplimentata l-informazzjoni, b'mod partikolari għal suġġetti fejn ftit hemm data disponibbli mill-UE.

Ir-rieżami huwa bbażat wkoll fuq ir-riċerka tal-EU-OSHA mwettqa mill-2004 li hija rilevanti għan-nisa fuq il-post tax-xogħol. Informazzjoni dwar trasport, edukazzjoni, ġestjoni tal-iskart, kura tas-saħħa, ħaddiema li jnaddfu u ħaddiema oħra tas-servizzi ġiet integrata hawnhekk, kif ukoll is-sejbiet tar-riċerka dwar gruppi vulnerabbli bħal ħaddiema żgħażaġh u migranti u r-riżultati tal-istudji tal-Osservatorju Ewropew tar-Riskju dwar riskji kkombinati u emerġenti.

Ir-riżultati preliminari ġew diskussi wkoll waqt workshop fi Brussell fid-9 ta' Diċembru 2010 li kien jinvolvi partijiet interessati minn 10 Stati Membri. Ir-riżultati tal-workshop huma disponibbli fuq: <http://osha.europa.eu/en/seminars/seminar-on-women-at-work-raising-the-profile-of-women-and-occupational-safety-and-health-osh>

Konklużjonijiet ewlenin tar-riċerka preċedenti tal-EU-OSHA

- Huma meħtieġa sforzi kontinwi sabiex jittejjbu l-kondizzjonijiet tax-xogħol kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel.
- Id-differenzi bejn is-sessi fil-kondizzjonijiet tal-impjegi għandhom impatt kbir fuq id-differenzi bejn is-sessi fir-riżultati tas-saħħa relatati max-xogħol. Ir-riċerka u l-interventi jridu jikkunsidraw l-impjegi reali tal-irġiel u n-nisa u d-differenzi fl-esponiment u l-kondizzjonijiet tax-xogħol.
- Nistgħu ntejjbu r-riċerka u l-monitoraġġ billi tiġi inkluża b'mod sistematiku d-dimensjoni tas-sessi fil-ġbir tad-data, nagħmlu aġġustament għas-siġħat maħduma (peress li n-nisa ġeneralment jaħdmu anqas siġħat mill-irġiel) u l-bażi tal-evalwazzjoni tal-esponiment fuq ix-xogħol reali mwettaq. Metodi epidemjoloġiċi għandhom jiġu vvalutati għal kwalunkwe preġudizzju bejn is-sessi. L-indikaturi fis-sistemi ta' monitoraġġ, bħar-rappurtar u l-istħarriġ nazzjonali dwar aċċidenti, għandhom ikopru b'mod effettiv ir-riskji fuq il-post tax-xogħol għan-nisa.
- Riskji relatati max-xogħol fir-rigward tas-saħħa u s-sigurtà tan-nisa ġew sottovalutati u ttraskurati meta mqabbla ma' dawk tal-irġiel, kemm fir-rigward tar-riċerka kif ukoll tal-prevenzjoni. Dan l-iżbilanċ għandu jiġi indirizzat permezz ta' attivitajiet ta' riċerka, ta' tqajjim ta' sensibilizzazzjoni u ta' prevenzjoni.
- It-teħid ta' approċċ newtrali fir-rigward tas-sessi fil-politika u l-leġiżlazzjoni kkontribwixxa biex anqas attenzjoni u anqas riżorsi jkunu diretti lejn ir-riskji relatati max-xogħol għan-nisa u l-prevenzjoni tagħhom. Id-direttivi Ewropej dwar is-sigurtà u s-saħħa ma jkoprox lill-ħaddiema domestiċi (b'mod predominanti n-nisa). Nisa li jaħdmu b'mod informali, pereżempju n-nisa jew is-sħab tal-irġiel fin-negozji agrikoli tal-familja, mhux dejjem jistgħu jkunu koperti mil-leġiżlazzjoni. Valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-sessi għandhom jitwettqu skont id-direttivi tal-OSH, l-iffissar tal-istandards u l-arranġamenti tal-kumpens eżistenti u futuri.
- Abbażi tal-għarfien attwali fir-rigward tal-prevenzjoni u l-integrazzjoni tas-sessi fl-OSH, id-direttivi eżistenti jistgħu jiġu implimentati b'mod aktar sensitiv għas-sessi, minkejja l-ħtieġa għal valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-sessi u attenzjoni għal diskrepanzi li hemm fl-għarfien.
- Interventi sensitivi għas-sessi għandhom jieħdu approċċ parteċipattiv, li jinvolvi l-ħaddiema kkonċernati, u jkun ibbażat fuq eżami ta' sitwazzjonijiet reali ta' xogħol.
- It-tiżni tas-saħħa u s-sigurtà tan-nisa fuq il-post tax-xogħol ma jistax jitqies b'mod separat minn kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni usa' fuq il-post tax-xogħol u fis-soċjetà. Azzjonijiet ta' ugwajanza fl-impjegi għandhom jinkludu l-OSH.
- Attivitajiet biex is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol jiġu integrati f'oqsma ta' politika oħrajn, bħal ma huma l-inizjattivi tas-saħħa pubblika jew ir-responsabbiltà soċjali korporattiva, għandhom jinkludu element marbut mas-sessi.

(2) Letteratura griża hija letteratura ta' rapport xjentifiku primarju awtorevoli fid-dominju pubbliku, spiss prodotta internament għal-laboratorji ta' riċerka tal-gvern, dipartimenti universitarji jew organizzazzjonijiet kbar tar-riċerka, iżda spiss mhumix inkluża mill-produtturi ta' bażijiet ta' data kummerċjali biblijoġrafici maġġuri.

- In-nisa mhumieq irrappreżentati biżżejjed fit-teħid tad-deċiżjonijiet li jikkonċernaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fil-livelli kollha. Dawn għandhom ikunu aktar involuti b'mod dirett u l-fehmiet, l-esperjenzi, l-għarfien u l-ħiliet tan-nisa għandhom ikunu riflessi fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' strateġiji tal-OSH.
- Hemm eżempji ta' suċċess fejn id-differenza fis-sessi ġiet inkluża jew kienet il-mira fl-approċċi tar-riċerka, l-interventi, il-konsultazzjoni u t-teħid ta' deċiżjonijiet, l-għodod u l-azzjonijiet. Esperjenzi u riżorsi eżistenti għandhom jiġu kondiviżi.
- Għalkemm ix-xejriet ġenerali fil-kondizzjonijiet u s-sitwazzjonijiet tax-xogħol tan-nisa huma simili fl-Istati Membri u l-pajjiżi kandidati kollha, hemm ukoll differenzi minn pajjiż għal ieħor fi ħdan dawn ix-xejriet ġenerali. Pajjiżi individwali għandhom jeżaminaw iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom fir-rigward tas-sessi u l-OSH, sabiex jipplanaw azzjonijiet xierqa.
- It-teħid ta' approċċ olistiku għall-OSH, inkluża r-relazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, kwistjonijiet usa' fl-organizzazzjoni tax-xogħol u l-impjeg itejjeb il-prevenzjoni tar-riskju okkupazzjonali, li jkun ta' benefiċċju kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel.
- In-nisa mhumieq grupp omoġeni u mhux in-nisa kollha jaħdmu f'impjegi tradizzjonalment "tan-nisa". Dan japplika wkoll għall-irġiel. Approċċ olistiku jrid jikkunsidra d-diversità. L-azzjonijiet biex itejjbu l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għandhom jikkunsidraw l-iskedi tax-xogħol kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel u jridu jiffasslu sabiex ikunu attraenti għat-tnejn li huma.

X'iżid dan ir-rapport mal-għarfien

- In-nisa jibqgħu attivi fil-forza tax-xogħol, kif jidher miż-żieda fir-rati tal-impjeg tagħhom. Madankollu, ħaddiema b'kuntratti ta' impjeg mhux standard, bħal ma huma l-impjegi part-time jew il-kuntratti mhux permanenti, ammontaw għall-maġġoranza taż-żidiet riċenti fiċ-ċifri tal-impjegi, u kien hemm ukoll żieda fl-impjeg multipli. It-tnaqqis finanzjarju jista' jkollu impatt fuq il-prospettivi tal-impjegi, b'mod partikolari ta' nisa iżgħar fl-età.
- Is-segregazzjoni fuq il-post tax-xogħol, jew il-konċentrazzjoni tal-attività tan-nisa fi ftit setturi, tidher li maż-żmien qiegħda tiżdied aktar milli tonqos. Il-mixja lejn is-setturi tas-servizzi taffettwa b'mod partikolari lin-nisa, li jaħdmu fis-setturi li qed jikbru tal-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, l-amministrazzjoni pubblika, l-Horeca (lukandi, ristoranti u forniment tal-ikel) u tal-bejgħ, kif ukoll fis-servizzi finanzjarji u f'servizzi tal-klijenti oħrajn. Konsegwentement, jekk trid tkun effettiva, il-politika tal-OSH għandha ttejjeb l-attività tagħha f'dawn is-setturi.
- Madankollu, il-perċezzjonijiet attwali ta' segregazzjoni vertikali u orizzontali għandhom jiġu riveduti: meta d-data tiġi evalwata fil-livell mikro, din turi li l-impjegi mwettqa mill-irġiel jistgħu jkun aktar segregati minn dawk imwettqa min-nisa. Skont l-aħħar ċifri Ewropej (KE, 2010a), huwa aktar probabbli li l-irġiel jaħdmu f'impjegi ddominati mill-irġiel milli li n-nisa jaħdmu f'dawk iddominati min-nisa, li jfisser li n-nisa, minkejja li huma kkonċentrat f'ċerti professjonijiet, huwa aktar probabbli li jaħdmu fuq medda ta' xogħlijiet u impjegi milli l-irġiel. Huwa interessanti li, skont l-Istħarriġ Ewropew dwar il-Kondizzjonijiet tax-Xogħol (EWCS), huma biss il-kategoriji okkupazzjonali "ħaddiema bla sengħa" u "professjonisti" (fejn il-ħaddiema nisa jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-professjonijiet tax-xjenza tal-ħajja, is-saħħa u t-tagħlim) li huma b'bilanċjati bejn is-sessi, b'żieda riċenti fl-impjeg fl-impjegi elementari. Dan jista' jkollu impatt fuq il-politika tal-ispezzjoni tax-xogħol peress li, aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar m'għandhom jiġu kkunsidrati ż-żewġ sessi waqt li jsiru l-ispezzjonijiet, jiġu allokati riżorsi u jiffasslu l-istrateġiji tal-OSH.
- Ix-xogħol informali qed jiżdied fost in-nisa, li jqajjem tħassib dwar l-OSH, peress li dawn it-tip ta' impjegi aktarx li jkun aktar instabbli, mhux protetti u prekarji.
- L-impjegi mwettqa min-nisa jiddependu b'mod qawwi mill-età u l-orijini tagħhom, aktar milli mill-kapaċità edukattiva tagħhom. Filwaqt li n-nisa ta' età iżgħar jippreferu jaħdmu fis-setturi tal-ospitalità u tal-bejgħ, in-nisa akbar fl-età għandhom it-tendenza li jaħdmu fil-kura tas-saħħa u fl-edukazzjoni. F'setturi fejn proporzjon dejjem jiżdied ta' ħaddiema li qed jikbru fl-età bħall-kura tas-saħħa, għandhom jiġu żviluppati politiki speċifiċi biex jiġu indirizzati r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà ta' dawn il-ħaddiema u biex titjeb il-kapaċità tax-xogħol u l-benesseri tagħhom.
- L-impjegi mwettqa min-nisa u l-għażliet li jagħmlu għandhom jiddependu ħafna mill-impenji tal-familja tagħhom. Dan huwa minnu wkoll għan-nisa ta' età akbar. Min-naħa l-oħra, il-prattiki jħallu impatt fuq l-għażliet li huma jingħataw. Kif juri dan ir-rapport, ħafna nisa huma b'mod involontarju f'impjegi temporanji, fuq kuntratti multipli u għal żmien qasir, u dan għandu impatt qawwi fuq l-OSH tagħhom.
- In-nisa huma aktar probabbli li jbatu minn diskriminazzjoni multipla fuq il-post tax-xogħol mill-irġiel. Dan jista' jkun relatat mal-ġeneru, l-età, l-isfond etniku, id-diżabilità u l-orjentazzjoni

sesswali, filwaqt li n-nisa migranti wkoll jiffaċċjaw diskriminazzjoni abbażi tal-oriġini jew il-klassi tagħhom. Xi gruppi partikolarment vulnerabbli huma identifikati f'dan ir-rapport: nisa żgħażaġħ, nisa bl-obbligu ta' kura f'pajjiżi fejn ir-riżorsi huma limitati, nisa migranti involuti f'xogħol informali, bħal tindif u kura fid-dar, in-nisa fl-impjiegi multipli u l-ommijiet żgħażaġħ ħafna. Is-sitwazzjoni tan-nisa ta' età akbar hija wkoll ferm varjabbli u tiddependi fuq mill-pajjiż.

- Mal-ewwel daqqa t'għajn, il-ħaddiema rġiel spiss jidhru li huma iktar esposti għal riskji speċifiċi mill-kontropartijiet femminili tagħhom. Madankollu, ħarsa aktar fil-fond lejn id-data turi li n-nisa jista' jkollhom livell ogħla ta' esponiment u huma partikolarment affettwati minn esponimenti multipli, kif seta' jintwera għas-setturi tal-Horeca, tal-kura tas-saħħa u tat-tindif, kif ukoll fis-setturi tradizzjonali tal-agrikoltura, il-manifattura u t-trasport.
- Issa hemm aktar informazzjoni dwar it-tipi ta' aċċidenti u problemi tas-saħħa li n-nisa jħabbtu wiċċhom magħhom fuq il-post tax-xogħol, li qed jiġi rikonoxxut dejjem aktar li huma relatati b'mod dirett mad-differenzi fit-tip ta' xogħol li jagħmlu. In-nisa huma aktar esposti għaż-żliq, tfixkil fuq oġġetti u waqgħat u aċċidenti relatati mal-vjolenza. Id-differenzi fl-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol jistgħu jeħtieġu monitoraġġ u azzjoni differenti; pereżempju, il-modi differenti ta' vjaġġar u l-obbligi tal-familja differenti jista' jkollhom impatt fuq il-mudell tal-aċċidenti waqt it-traġitt tagħhom, u dan għandu jiġi esplorat. Huwa possibbli li l-kunċett ta' aċċidenti fit-traġitt ikollu jiġi rivedut sabiex, pereżempju, jikkunsidra aċċidenti li jseħħu meta t-tfal ikunu qed jittieħdu l-iskola qabel persuna tmur għax-xogħol, li, skont xi studji, għadu fil-parti l-kbira d-dmir tan-nisa.
- In-nisa qegħdin dejjem aktar jiġu affettwati minn mard muskuloskeletal (MSDs) u l-istress. Dan iqiegħed f'dubju l-kunċett żbaljat li x-xogħol tan-nisa huwa inqas fiżiku u mentalment eżiġenti. It-taħlita ta' riskji organizzattivi u fiżiċi fuq il-post tax-xogħol, ir-rabtiet bejn ix-xogħol imħallas u mhux imħallas tan-nisa, inklużi l-esponimenti għar-riskji flimkien ma' anqas ħin liberu, u d-diffikultajiet biex jinstab impjieg stabbli, u l-impatt tagħhom fuq is-saħħa u s-sigurtà tan-nisa għandhom jiġu esplorati ulterjorment.
- Il-vjolenza u l-fastidju huma kwistjoni partikolari fis-setturi tas-servizzi, u d-diskriminazzjoni fuq ix-xogħol qed tiżdied. Barra minn hekk, forom ġodda ta' fastidju, bħall-fastidju ċibernetiku, huma kwistjoni emerġenti f'xi setturi, pereżempju fl-edukazzjoni. Ir-rappurtar u l-proċeduri ta' appoġġ għadhom neqsin, u l-ħaddiema nisa fis-servizzi personali u li jaħdmu fl-istabbilimenti tal-klijenti huma partikolarment vulnerabbli. Barra minn hekk, ir-rapporti dwar il-vjolenza jvarjaw b'mod konsiderevoli fost l-Istati Membri; dan jista' jkun marbut ma' nuqqas ta' sensibilizzazzjoni.
- Skont iċ-ċifri tal-UE, qed jiżdiedu s-siġħat tax-xogħol atipiċi fl-UE, filwaqt li fl-istess ħin id-distakk bejn is-sessi jidher li qiegħed jonqos xi ftit. Dan jista' jaffettwa aktar lin-nisa minħabba r-responsabbiltajiet tal-familja u domestiċi tagħhom, kif deskritt hawn fuq. Jekk il-mudelli tal-ħin tax-xogħol huma aktar irregolari, dan jista' jnaqqas l-abbiltà tagħhom li jirrikonċiljaw ix-xogħol u l-ħajja privata. Bħala eżempju, fis-settur tar-ristoranti, 28.6 % tal-ħaddiema jirrapportaw ġranet tax-xogħol twal, nofshom biss (50.5 %) għandhom ħinijiet fissi ta' bidu u ta' tmien, kważi terz minnhom jaħdmu bix-xift (29.9 %) u s-siġħat medji tax-xogħol huma fost l-ogħla fi kwalunkwe settur. Għalhekk, inqas ħaddiema f'dan is-settur jirrapportaw li jieħdu ħsieb tat-tfal, li huwa wkoll konsistenti mal-età iżgħar tal-ħaddiema fis-settur tal-ospitalità. Il-kondizzjonijiet jista' jkollhom influwenza fuq is-saħħa riproduttiva tagħhom kif ukoll fuq l-istatus tas-saħħa u l-kapaċità għax-xogħol tagħhom fuq perjodu twil ta' żmien.
- Ma kien hemm kważi l-ebda bidla fid-differenza globali bejn il-pagi tal-irġiel u tan-nisa mill-2003, u n-nisa jkomplu jirċievu pagi aktar baxxi (fuq medja ta' 16 % inqas mill-irġiel), li huwa wkoll il-każ fl-impjiegi fejn hemm maġġoranza ta' ħaddiema nisa. Dan jikkonferma s-sejbiet preċedenti rrapportati mill-EU-OSHA. Evalwazzjoni vera tar-riskji li n-nisa jġarrbu fuq ix-xogħol u perċezzjoni modifikata tal-valuri relatati max-xogħol tan-nisa tista' b'mod indirett tgħin biex tonqos din id-differenza, jekk il-valur tal-kontribut tax-xogħol tan-nisa huwa daqs tal-irġiel.
- Reċentement, iż-żieda fl-impjiegi tan-nisa f'xogħlijiet tekniċi u fost il-professjonisti, b'rati ogħla ta' impjiegi fil-pajjiżi ta' adeżjoni, tista' tkun għet ikkumpensata fir-rigward ta' ċifri ġenerali minn żieda fil-professjonijiet elementari, b'pagi baxxi. Iż-żewġ tendenzi għandhom jiġu vvalutati b'mod separat għall-impatt tagħhom fuq l-OSH tan-nisa.
- Dan ir-rieżami juri li, għalkemm in-numru ta' manijers nisa żdied xi ftit mill-2003, in-nisa għadhom mhux irrappreżentati biżżejjed f'pożizzjonijiet ta' manijment u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet fi ħdan il-kumpaniji. In-nisa għad għandhom diffikultajiet biex jilħqu pożizzjonijiet superjuri fi ħdan organizzazzjonijiet minħabba l-"effett saqaf tal-ħġieġ". Barra minn hekk, in-nisa għadhom primarjament jamministraw lin-nisa. Dan jillimita wkoll l-oportunitajiet tagħhom li jinfluwenzaw u jfasslu l-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u li jikkontribwixxu b'mod attiv għall-prevenzjoni tar-riskji fuq il-post tax-xogħol fil-livell ta' teħid tad-deċiżjonijiet.

- Barra minn hekk, hemm evidenza konkreta li l-prospetti limitati ta' avvanz fil-karriera għan-nisa jista' jkollhom impatt dirett fuq is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol tagħhom, peress li l-kombinazzjoni ta' tliet tal-istess impjeg għal żmien twil u l-karatteristiċi ta' ħafna impjegi tan-nisa, billi huma ripetittivi u monotoni, jistgħu jikkontribwixxu għal riskji fis-saħħa u s-sigurtà, bħall-istress u l-MSDs. Min-naħa l-oħra, studju fl-Amerika ta' Fuq wera li l-involvement akbar tan-nisa fil-manigement fl-intrapriżi agrikoli bħala riżultat ta' bidliet strutturali jista' jirriżulta f'esponiment u riskji għas-saħħa akbar għalihom, minħabba li huma jiġġestixxu l-pestiċidi u jwettqu kompiti li qabel kienu jitwettqu mill-irġiel.
- Spiss in-nisa ma jkunux fi trejdjunjin u jkollhom diffikultajiet biex jeleġġu rappreżentanti. Huma għandhom ukoll anqas aċċess għal servizzi preventivi tal-OSH. Konsegwentement, dawn jistgħu jiġu injorati fl-evalwazzjonijiet tar-riskju fuq il-post tax-xogħol u meta l-ħaddiema jiġu kkonsultati dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom u dwar l-aħjar miżuri ta' prevenzjoni tal-OSH li għandhom jittieħdu fuq il-postijiet tax-xogħol tagħhom, minħabba li spiss jaħdmu part time u f'impjegi temporanji.
- Is-sitwazzjoni tal-OSH tan-nisa fis-setturi ewlenin tal-impjieg ġiet investigata ulterjorment mill-EU-OSHA mill-2004 u tirrinforza r-rakkomandazzjoni għal sforzi integrati fl-oqsma kollha tal-politika għall-integrazzjoni tal-OSH u l-ugwaljanza f'azzjoni ta' politika. Mal-oqsma msemmija qabel tal-politika soċjali u l-benesseri, is-saħħa pubblika, l-impjegi u l-ugwaljanza, u l-edukazzjoni u t-taħriġ għandhom jiġu miżjuda l-politiki tat-trasport u l-enerġija, l-inizjattivi ta' żvilupp tat-teknoloġija, l-impjegi ekoloġiċi, il-ġestjoni tal-iskart u politiki oħra dwar il-protezzjoni ambjentali, fost oħrajn.

Differenzi fost l-Istati Membri

Hemm differenzi kbar fost l-Istati Membri tal-UE fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-impjegi tan-nisa u l-impjegi tagħhom, u kif dan iħalli impatt fuq is-saħħa u s-sigurtà tagħhom.

- Fl-Istati Membri tal-Lvant u l-pajjiżi Baltiċi, in-nisa huma mifruxa b'mod aktar ugwali fl-impjegi (aktar impjegi tekniċi u fost il-professjonisti), iż-żieda fl-impjegi kienet ta' aktar benefiċċju għalihom, hekk kif huma daħlu f'impjegi aħjar, iżda l-użu ta' kuntratti part-time huwa limitat ħafna u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata tagħhom huwa batut.
- B'kuntrast mal-UE-15, fl-Istati l-Membri aktar ġodda, sal-2007, għalkemm l-irġiel u n-nisa bbenefikaw bl-istess mod mit-tkabbir fl-impjegi, il-pożizzjonijiet maħluqin ġodda għan-nisa kienu jiffukaw fuq impjegi mħallsa sew.
 - Skont l-EWCS tal-2010, fil-parti l-kbira tal-Ewropa tal-Lvant u l-pajjiżi Baltiċi, in-nisa jammontaw bħala medja għal aktar minn 30 % tal-maniġers. Pereżempju, fl-Estonja 41 % tal-maniġers huma nisa. L-ogħla proporzjonijiet qegħdin fil-pożizzjonijiet klerikali li jeħtieġu kwalifiki għoljin.
 - Fost l-10 Stati Membri aktar ġodda li kienu l-ewwel li żdiedu mal-UE-15, fl-2005, fil-gruppi kollha ta' età, aktar minn 50 % tan-nisa ħadmu taħt kuntratti permanenti. Ħafna aktar nisa milli fl-UE-15 kienu impjegati b'mod permanenti għal aktar minn 35 siegħa fil-ġimgħa. Fl-2011, madankollu, il-proporzjon ta' ħaddiema nisa fuq kuntratti temporanji kien l-ogħla fi Spanja (27 %), iżda kien ukoll relattivament għoli f'Ċipru, il-Polonja, il-Portugall, il-Pajjiżi l-Baxxi u s-Slovenja, filwaqt li kien aktar baxx iżda qed jiżdied f'xi wħud mill-pajjiżi Ewropej tal-Lvant l-oħra, u l-aktar baxx fil-pajjiżi Baltiċi. Barra minn hekk, f'Ċipru, l-Isvezja u l-Finlandja, proporzjon ogħla ta' nisa milli ta' rġiel kien fuq kuntratti b'terminu fiss.
 - Fil-pajjiżi Ewropej tan-Nofsinhar, proporzjon għoli ta' nisa akbar fl-età għadhom barra mis-suq tax-xogħol, u nuqqas ta' akkomodazzjoni tar-rekwiżiti għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata (arranġamenti tal-ħinijiet tax-xogħol, faċilitajiet għall-kura tat-tfal u tal-anzjani) ipoġġi piż qawwi fuq nisa li jaħdmu.
 - F'xi pajjiżi ferm żviluppati, bħall-Awstrija u l-Ġermanja, il-kunċetti tradizzjonali ta' maternità u r-responsabbiltajiet tal-kura jfisser li l-faċilitajiet tal-kura tat-tfal u oħrajn huma nieqsa wkoll, u l-impjegi għan-nisa maħluqa ġodda huma fil-maġġoranza tagħhom part time u prekarji, u kkonċentrati f'ċerti setturi u attivitajiet. Dan għandu impatt dirett fuq l-għażliet ta' impjeg u fuq is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema nisa.
 - Uħud mill-pajjiżi tal-Lvant u daww Baltiċi raw tnaqqis fl-impjegi fost ċerti gruppi ta' ħaddiema nisa.
 - Is-sitwazzjoni tan-nisa migranti u n-nisa fl-impjegi mhux formali hija wkoll fattur varjabbli

ħafna fost il-pajjiżi u tiddependi mill-politiki attivi fis-seħħ biex jindirizzaw ix-xogħol informali, pereżempju fis-servizzi personali.

Xi pajjiżi implimentaw politiki biex jindirizzaw xi wħud minn dawn il-kwistjonijiet u biex jintegraw l-ugwaljanza bejn is-sessi u azzjoni sensittiva għas-sessi fl-OSH u f'oqsma relatati, u kisbu riżultati tajbin.

Xi inizjattivi huma deskritti f'dan ir-rapport, u l-EU-OSHA bħalissa qiegħda twettaq rieżami fil-fond ta' għażla ta' eżempji ta' Prattika tajba.

Xejriet fl-impjegi tan-nisa u kif dawn iħallu impatt fuq l-OSH

Iż-żieda drammatika fir-rati ta' parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol tan-nisa mill-1995 sal-2010 kienet akkumpanjata minn ħafna bidliet soċjali, ekonomiċi u demografiċi fl-istatus tan-nisa. Xi wħud minn dawn il-bidliet u l-impatt tagħhom huma deskritti hawn taħt.

L-aspett tas-sessi fir-rigward tax-xogħol jibqa' ta' interess fi ħdan l-UE. Dan huwa muri permezz tal-Istrateġija ta' Lisbona, li pproponiet il-kisba ta' rata ta' impjieg tan-nisa ta' aktar minn 60 % sal-2010. Dan ir-rieżami juri li, fl-UE, dan kien wasal biex jintlaħaq, peress li fl-2008 ir-rata tal-impjegi tan-nisa kienet ta' 59.1 %. It-tkabbir fl-impjegi kien kważi tliet darbiet ogħla għan-nisa milli għall-irġiel fuq dan il-perjodu ta' żmien. Għalhekk, naqset id-differenza bejn ir-rati ta' impjegi tal-irġiel u tan-nisa. Iżda l-kisbiet fl-impjegi ma kinux mifruxa b'mod ugwali fost il-gruppi ta' età: 39.1 % kienu tal-età ta' bejn il-25 u l-54 sena u 19 % kienu tal-età ta' bejn il-55 u l-64 sena. In-nisa żgħażaġħ bl-età ta' bejn il-15-il sena u l-24 sena ammontaw għal 0.3 % biss u nisa ta' età akbar minn 65 sena jammontaw għal 0.6 %.

Madankollu, għalkemm ix-xejriet rappurtati huma pożittivi, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-kriżi ekonomika laqtet lill-Ewropa fl-2008 u daħħlet lill-UE f'reċessjoni. Ir-rata ta' impjieg għan-nisa, li żdiedet kontinwament minn 53.7 % fl-2002 sa 59.1 % fl-2008, niżlet għall-ewwel darba fl-2009, għal 58.6 %. Fl-2011, 64.3 % ('l isfel minn 65.9 % fl-2008) tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol tal-UE kienet impjegata (56.7 % tan-nisa bl-età ta' bejn il-15 u l-64 sena ('l isfel minn pożizzjoni għolja ta' 58.9 % fl-2008) u 70.1 % tal-irġiel bl-età ta' bejn il-15 u l-64 sena ('l isfel minn 72.8 % fl-2008)).

Sal-2010, 16 minn 27 pajjiż laħqu r-rata ta' impjegi tan-nisa immirata ta' aktar minn 60 %, 'l isfel minn 20 minn 27 fl-2008, bħala riżultat tal-kriżi ekonomika. It-telf ta' impjegi fost in-nisa seħħet fis-settur tal-bejjieġha bl-imnut, fil-ħaddiema manwali fil-manifattura tat-tessuti/tal-ilbies u fl-agrikoltura.

Ir-rati ta' impjegi ta' nisa ta' età aktar jvarjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri. Fl-2011, l-ogħla rata ta' impjegi għan-nisa ta' età aktar kienet fil-pajjiżi Ewropej tat-Tramuntana, b'aktar minn 55 %, u l-anqas kienet fil-pajjiżi Ewropej tan-Nofsinhar, fejn kienet taħt il-35 % fil-każijiet kollha.

Barra minn hekk, ir-rati globali tal-qgħad għan-nisa u l-irġiel resqu lejn xulxin. Madankollu, din il-miżura mhux bilfors tkopri l-aspetti kollha tal-kondizzjonijiet ekonomiċi li qed jinbidlu għan-nisa, peress li l-ħaddiema nisa huma aktar probabbli mill-irġiel li jgħid mis-suq tax-xogħol għal kollox, b'mod speċjali n-nisa żgħażaġħ, li jistgħu jesperjenzaw diffikultajiet biex jidħlu mill-ġdid fis-suq tax-xogħol.

Ommijiet żgħar ħafna bit-tfal żgħar huma grupp partikolarment vulnerabbli fir-rigward tad-dħul tagħhom fis-suq tax-xogħol: ir-rati ta' attività tagħhom huma ħafna aktar baxxi minn dawk tal-ommijiet li għandhom aktar minn 25 sena. Miżuri speċifiċi huma meħtieġa biex jiġu evalwati l-kondizzjonijiet tal-impjegi u tax-xogħol potenzjali ta' dawn l-ommijiet żgħar ħafna u biex jiġu indirizzati xi wħud mill-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom fil-politika tal-OSH u tal-prevenzjoni, u l-politiki relatati, minħabba li dawn jagħmlu parti minn grupp f'riskju partikolari ta' faqar. Il-vulnerabbiltà tagħhom u d-diffikultà biex ikollhom aċċess għas-suq tax-xogħol jistgħu jagħmluhom aktar suxxettibbli biex jaċċettaw kondizzjonijiet aġħar tax-xogħol.

Ir-rati ta' impjegi ta' nisa ta' età akbar jvarjaw b'mod konsiderevoli bejn l-Istati Membri. Fl-2011, l-ogħla rata ta' impjieg għan-nisa ta' età akbar kienet fil-pajjiżi Ewropej tat-Tramuntana, b'aktar minn 55 %, u l-anqas kienet fil-pajjiżi Ewropej tan-Nofsinhar, fejn kienet taħt il-35 % fil-każijiet kollha.

Id-data tenfasizza wkoll li, filwaqt li n-nisa okkupaw 59 % tal-impjegi maħluqa ġodda, dawn il-kisbiet kienu kkonċentrati fil-grupp tal-paga l-aktar baxxa u fit-tieni l-ogħla grupp ta' pagi minn ħames kategoriji okkupazzjonali. Madankollu, kif imsemmi, fl-Istati Membri aktar ġodda s-sitwazzjoni hija differenti: l-irġiel u n-nisa bbenefikaw bl-istess mod minn tkabbir fl-impjegi f'termini ta' pożizzjonijiet

maħluqa ġodda, iżda t-tkabbir fl-impjieg tan-nisa kien iffukat fuq l-impjieg mħallsa tajjeb.

Fi ħdan dawn l-impjieg maħluqa ġodda, in-nisa huma aktar probabbli li jaħdmu fl-irwoli part-time. L-impjieg part-time jkompli jkun importanti għan-nisa, peress li din tibqa' għażla waħda ta' kif jiġu ttrattati d-dmirijiet ta' kura fir-rigward tat-tfal u tal-anzjani. Fl-2008, għalkemm proporzjonijiet indaqs tal-irġiel u n-nisa kellhom impjieg full-time, 73 % ta' dawk li ħadmu f'impjieg part-time kienu nisa. Kważi terzi (32.1 %) tan-nisa impjegati fl-UE-27 ħadem fuq bażi part-time fl-2011, proporzjon ħafna ogħla miċ-ċifra korrispondenti għall-irġiel (9 %). L-impjieg part-time huwa l-aktar komuni fost il-ħaddiema ta' età akbar (ta' età ta' 55+) u l-ħaddiema żgħażaġh (minn 15 sa 24 sena). Ir-raġunijiet sottostanti għall-kurva b'forma ta' U ta' impjieg part-time huma differenti fit-trufijiet differenti tal-ispettru tal-età. Fil-każ ta' ħaddiema ta' età akbar, l-impjieg part-time huwa mod ta' kif wieħed jista' jibqa' fis-suq tax-xogħol jekk, pereżempju, problemi tas-saħħa ma jippermettux impjieg full-time. Il-kura tan-neputijiet jew ta' qraba b'diżabbiltà hija raġuni oħra spiss iddikjarata min-nisa ta' età akbar għaliex jippreferu impjieg part-time. Proporzjon għoli ta' nisa part-timers għandhom xogħol li ma jisfruttax il-kapaċitajiet tagħhom, li jfisser li huma jaħdmu part-time b'mod involontarju. Ix-xogħol part-time ntuża bħala miżura biex jiġi evitat il-qgħad fi żminijiet ta' kriżi, iżda fl-UE-27 fl-2010 aktar minn żewġ terzi ta' part-timers li xogħolhom ma jisfruttax il-kapaċitajiet tagħhom kienu nisa (68.4 %), jiġifieri 5.8 miljun mara meta mqabbla ma' 2.7 miljun raġel.

Hemm mudell distint li jrid jiġi osservat fil-pajjiżi tal-Lvant, fejn l-impjieg part-time mhumex komuni. Fir-rigward tas-setturi u tax-xogħlijiet, xogħol part-time huwa prevalenti fis-setturi aktar bbażati fuq is-servizzi (eż. servizzi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u oħrajn) u impjieg li huma ddominati min-nisa (eż. kura tas-saħħa, is-servizz u l-bejgħ u l-impjieg bla sengħa). Kien hemm żieda notevoli fix-xogħol part-time fl-impjieg elementari għall-irġiel, kif ukoll għan-nisa.



Bil-permess tal-Ispettorat tax-Xogħol tal-Awstrija

Ommijiet żgħar ħafna bit-tfal żgħar huma grupp partikolarment vulnerabbli. Jinħtieġu miżuri speċifiċi biex tiġi evalwata s-sitwazzjoni tal-OSH tagħhom u biex jiġu żviluppati politiki mmirati u l-prevenzjoni.

Jidher li l-ħaddiema nisa part-time jinvestu l-ħin liberu tagħhom f'ħidma domestika mhux imħallsa. Meta jiġu kkunsidrati l-indikaturi tas-siġhat tax-xogħol imħallat (jiġifieri s-somma tas-siġhat maħduma fl-impjieg prinċipali u fl-impjieg sekondarji, flimkien mal-ħin meħtieġ għat-traġitt u x-xogħol tad-dar) ir-riċerka ssib li n-nisa fl-impjieg jaħdmu sistematikament siġhat itwal mill-irġiel. Dan jagħti stampa ċara tal-"irwol doppju" li aktar ma jgħaddi żmien aktar jitwettaq min-nisa kemm fis-suq tax-xogħol kif ukoll fid-dar. Huwa interessanti li, meta jiġu kkunsidrati l-ħinijiet tax-xogħol imħallat, bħala medja, in-nisa fl-impjieg part-time jaħdmu aktar siġhat mill-irġiel fl-impjieg full-time. Jeħtieġ li jkun hemm aktar rikonoxximent tar-rabtiet bejn ix-xogħol imħallas u mhux imħallas tan-nisa, u l-effett tagħhom fuq is-saħħa tan-nisa, inklużi esponimenti għar-riskju flimkien ma' anqas ħin liberu.

Impjieg part-time jista' wkoll jaħbi impjieg multipli. Studju tal-2005 fi Franza wera li aktar minn miljun ħaddiem, kważi 5 % tal-popolazzjoni impjegata, kienu f'impjieg multipli. Għan-nisa, dawn l-impjieg

kienu jinvolvu l-aktar il-kura tat-tfal u l-kura tal-anzjani u x-xogħol domestiku, fejn l-OSH tan-nisa hija diffiċli li tiġi segwita u l-protezzjoni diffiċli biex tiġi implimentata. Studju Ġermaniż wera li 640 000 anqas nisa ħadmu full-time fl-2009 minn 10 snin qabel, mibdula minn aktar minn miljun impenn temporanju u 900 000 "impjegat żgħir". Dan ġie enfazzat bħala kwistjoni ta' tħassib mill-awtoritajiet tal-OSH.

L-impjegat temporanju qiegħed jiżdied għan-nisa u l-irġiel fil-maġġoranza tal-pajjiżi tal-UE-27. Madankollu, dan huwa mqassam b'mod aktar uniformi bejn is-sessi milli huwa l-impjegat part-time. Madankollu, inqas ħaddiema għandhom kuntratti ta' impjegat; 25 % biss tal-ħaddiema fl-agrikoltura u inqas minn kwart tal-ħaddiema bla sengħa qegħdin b'kuntratt. L-għadd ta' impjegati fl-agrikoltura naqas kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel. Madankollu, aktar nisa milli rġiel jaħdmu b'mod involontarju fis-settur agrikolu fl-impjegati b'kuntratt definit. Barra minn hekk, fl-2005, skont l-Istħarriġ Ewropew dwar il-Forza tax-Xogħol, aktar minn 30 % tan-nisa impjegati b'mod involontarju fl-impjegati b'kuntratt definit kienu fl-edukazzjoni u s-saħħa. Madwar 43 % tan-nisa u 48 % tal-irġiel impjegati f'impjegati b'kuntratt definit, b'mod involontarju, kellhom kuntratti ta' inqas minn 6 xhur.

L-arranġamenti kuntrattwali li taħthom in-nisa qed jaħdmu jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għad-differenza fil-pagi bejn is-sessi, kif ukoll inaqqsu l-oportunitajiet tagħhom ta' ċaqliq lejn impjegati ta' maniment. U d-differenza fil-pagi bejn is-sessi tikber bl-età: fl-2011, filwaqt li d-differenza kienet sa 7 % sal-età ta' 24 fl-Istati Membri tal-UE, din telgħet għal 35-45 % għan-nisa bl-età ta' aktar minn 55 sena f'xi pajjiżi. Studju riċenti fl-Istati Uniti wera li n-nisa u l-ħaddiema aktar żgħira bl-età ta' bejn it-22 u l-44 sena b'mod partikolari, jistgħu jkunu f'riskju ta' pressjoni għolja meta jaħdmu għal pagi baxxi.

L-użu ta' kuntratti definiti fost il-ħaddiema huwa relattivament komuni f'madwar terz tal-Istati Membri tal-UE. Il-firxa konsiderevoli fil-propensità biex jintużaw kuntratti b'duratura limitata bejn l-Istati Membri tista', tal-inqas sa ċertu punt, tirrifletti l-prattiki nazzjonali, il-provvista u d-domanda tax-xogħol u l-faċilità li biha min iħaddem jista' jimpjega jew ikeċċi. Fl-2011, il-proporzjon ta' ħaddiema nisa fuq kuntratti bħal dawn kien l-oġġla fi Spanja (27 %), iżda kien ukoll relattivament għoli f'Ċipru, il-Polonja, il-Portugall, il-Pajjiżi l-Baxxi, is-Slovenja, il-Finlandja u l-Isvezja filwaqt li kien aktar baxx iżda qed jiżdied f'xi wħud mill-pajjiżi Ewropej tal-Lvant l-oħra, u l-aktar baxx fil-pajjiżi Baltiċi.


Kuntratti definiti huma aktar frekwenti fost il-ħaddiema nisa milli l-ħaddiema rġiel. Dan huwa b'mod speċjali l-każ f'Ċipru, fejn fl-2011 20.7 % tan-nisa kienu fuq kuntratti definiti, meta mqabbla ma' 7 % biss tal-irġiel. Il-proporzjon ta' nisa fuq kuntratti definiti, relattiv għall-proporzjon ta' rġiel fuq dawn il-kuntratti, kien ukoll għoli fl-Isvezja u l-Finlandja.

L-arranġamenti kuntrattwali li taħthom in-nisa qed jaħdmu jikkontribwixxu b'mod konsiderevoli għad-differenza fil-pagi bejn is-sessi, kif ukoll inaqqsu l-oportunitajiet tagħhom ta' ċaqliq lejn impjegati ta' maniment. Id-differenza fil-pagi bejn is-sessi tikber bl-età: fl-2011, id-differenza fost il-ħaddiema rġiel u nisa taħt l-età ta' 24 sena kienet sa 7 % fl-Istati Membri tal-UE (Eurostat, 2013), iżda d-differenzi kibret għal 35-45 % f'dawk li bl-età ta' aktar minn 55 sena f'xi pajjiżi. Studju riċenti fl-Istati Uniti wera li n-nisa u l-ħaddiema ta' età iżgħira li għandhom bejn it-22 u l-44 sena jistgħu jkunu b'mod partikolari f'riskju ta' pressjoni għolja meta jaħdmu għal pagi baxxi (Leigh et al., 2012).

Segregazzjoni fuq il-post tax-xogħol

B'mod ġenerali, il-konċentrazzjoni tal-attività tan-nisa f'x setturi, jidher li qiegħda tiżdied aktar milli tonqos. Ma kienx hemm ħafna titjib pożittiv fil-livelli aggregati ta' segregazzjoni f'setturi u impjegati, għalkemm in-nisa għadhom jidhru għal impjegati tradizzjonalment tal-"irġiel". Is-settur l-aktar importanti u li dejjem qiegħed jiżdied għall-impjegat tan-nisa huwa s-settur tas-saħħa u dak soċjali (Dijagramma 1), li huwa kklassifikat fit-tielet post fil-popolazzjoni ġenerali (Dijagramma 2). Is-settur tal-kummerċ huwa t-tieni l-aktar settur ta' impjegat importanti, kemm għan-nisa kif ukoll għall-popolazzjoni ġenerali. L-edukazzjoni hija kklassifikata fit-tielet post fis-setturi kollha tal-impjegat fost in-nisa u ssuperat lill-manifattura matul il-kriżi finanzjarja. L-amministrazzjoni pubblika tikklassifika fil-ħames post. L-impjegati tan-nisa qegħdin jonqsu fis-setturi preċedentement predominanti tal-agrikoltura u l-manifattura, għalkemm il-proporzjon ta' ħaddiema nisa qiegħed jiżdied fl-agrikoltura.


Dijagramma 1: Is-setturi prinċipali ta' impjieg tan-nisa, UE-27, 2000-2007. In-nisa impjegati, bl-età ta' 15-il sena u aktar (eluf)



Sors: Eurostat, EU-LFS (2010)

FI-2008, kien hemm waqfa fis-serje minħabba bidla fil-kodifikazzjoni tas-setturi industrijali (minn NACE Rev. 1.1. għal NACE Rev. 2), li issa tirrifletti aħjar professjonijiet tas-servizzi. Għaldaqstant, id-data hija ppreżentata hawnhekk għall-perjodu sal-2008 u wara.

Dijagramma 2: Is-setturi prinċipali ta' impjieg tan-nisa, UE-27, 2008-2012, NACE Rev. 2 In-nisa impjegati, bl-età ta' 15-il sena u aktar (eluf)




Sors: Eurostat, EU-LFS (2013)

Hemm mudelli ta' impjieggi distinti ħafna skont il-gruppi ta' etajiet differenti: filwaqt li n-nisa ta' età iżgħar jaħdmu aktar fil-bejgħ bl-imnut u fl-Horeca, in-nisa ta' età akbar jaħdmu aktar fl-educazzjoni u fil-kura tas-saħħa.


Id-Dijagrammi 3 u 4 juru ċifri sal-2007. Il-bidla fil-kodifikazzjoni tas-settur industrijali hija mistennija li tirrifletti aħjar iċ-ċaqliq mill-industrija għas-servizzi u tipprovdi aktar dettall dwar it-tendenzi fl-impjieggi tan-nisa fil-futur.

Dijagramma 3: Impjieggi tan-nisa fl-UE-27 skont is-settur ekonomiku, bl-etajiet minn 15 sa 24 sena, fl-2000 u l-2007



Sors: Eurostat, EU-LFS

Dijagramma 4: Impjiegi tan-nisa fl-UE-27 skont is-settur ekonomiku, bl-etajiet minn 50 sa 64 sena, fl-2000 u l-2007



Sors: Eurostat, EU-LFS

Iċ-ċaqliq tan-nisa lejn impjiegi tradizzjonalment tal-irġiel qiegħed jiżdied bil-mod. L-edizzjoni l-aktar riċenti tal-EWCS turi li hemm aktar nisa li qed jaħdmu fl-impjiegi ddominati mill-irġiel milli hemm irġiel jaħdmu fis-setturi tradizzjonalment iddominati min-nisa. Madankollu, ir-riċerka mill-Istati Uniti turi li impjiegi "goddha" li n-nisa jagħżlu bħala xogħol jistgħu mhux neċessarjament ikollhom l-prevenzjonijiet meħtieġa fis-seħħ sabiex jitnaqqsu r-riskji li n-nisa jħabbtu wiċċhom magħhom fuq il-post tax-xogħol. Studju dwar sewwieqa nisa ta' trakkijiet fuq distanza twila wera li inqas minn terz tal-kumpaniji pprovdew taħriġ dwar il-prevenzjoni ta' fastidju sesswali jew ta' vjolenza jew kellhom politika għall-protezzjoni mill-vjolenza. Dan huwa kkonfermat mir-riċerka riċenti tal-EU-OSHA fis-settur tat-trasport (EI-OSHA, 2011a), li rrakkomandat li għandhom jiġu introdotti politiki ta' prevenzjoni speċifiċi u l-evalwazzjoni u l-prevenzjoni tar-riskju għandhom iqisu kemm in-numru dejjem jikber ta' nisa li jaħdmu fis-settur tat-trasport kif ukoll in-numru dejjem jikber ta' professjonijiet ta' servizz tan-nisa li jinstabu f'dan is-settur (eż. kejtters fuq il-ferroviji, trejners sportivi fuq il-vapuri, ħaddiema li jnaddfu).

Filwaqt li n-nisa ta' età iżgħar huma aktar probabbli li jaħdmu fis-setturi tal-konsumatur u tal-Horeca, in-nisa ta' età akbar huma aktar probabbli li jaħdmu fl-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa.

Barra minn hekk, in-nisa li deħlin fi professjonijiet tradizzjonalment tal-irġiel bħall-kostruzzjoni u l-inġinerija ċivili jistgħu jibdwu jassumu d-drawwiet tax-xogħol tal-kollegi rġiel tagħhom (sigħat twal, preżenteiżmu, viżibilità), li għandhom tendenza li jżommu l-istatus quo u mhux se jgħinu biex itejbu riżultati relatati max-xogħol bħal strapazz fuq ix-xogħol.

L-għażliet li n-nisa jagħmlu professjonalment huma riflessi wkoll fl-edukazzjoni tagħhom: ħafna aktar nisa milli rġiel huma edukati sal-livell terzjarju (università) fil-maġġoranza tal-pajjiżi Ewropej. Madankollu, għad hemm differenza kbira bejn l-oqsma tal-edukazzjoni li fihom in-nisa u l-irġiel itemmu b'suċċess (l-ewwel stadju ta') programmi fuq livell terzjarju. Filwaqt li n-nisa jiffurmaw maġġoranza kbira ta' daww li jiggradwaw fil-liġi, in-negozju, ix-xjenzi soċjali, is-saħħa u l-assistenza soċjali, it-taħriġ tal-għalliema u l-programmi ta' edukazzjoni, huwa l-maqlub fil-każ tal-inġinerija, il-manifattura u l-kostruzzjoni. B'mod ġenerali, dan jista' jkattar is-segregazzjoni attwali u għandu jiġi kkunsidrat fit-tfassil tal-politiki u l-allokazzjoni tar-riżorsi.

Xogħol informali

Sors ieħor ta' xogħol għan-nisa huwa dawk l-impjegji deskritti bħala xogħol informali. Xogħol informali jista' jiġi kkunsidrat bħala "settur" li qed jikber minħabba li għandu rata dejjem tikber ta' impjeg, bil-maġġoranza tal-impjegji okkupati min-nisa. Madankollu, ix-xogħol informali huwa perikoluż għan-nisa peress li jagħmilhom vulnerabbli għall-fastidju u l-vjolenza u jesponihom għal riskji fiżiċi varji u għal arranġamenti ta' ħin tax-xogħol mhux favorevoli. Hija diffiċli li tinstab data preċiża dwar l-impjegji fl-ekonomija informali. Kif jidher mill-istudji varji diskussi f'dan ir-rieżami, dan l-impjeg huwa diffiċli li jitkejjel minħabba li huwa kumpless ħafna; barra minn hekk, in-nies involuti f'dawn l-attivitàjiet jipprovaw ma jkunx identifikabbli.

Problema oħra hija li l-pajjiżi jiddefinixxu l-impjeg informali b'mod differenti; bħala riżultat, id-data miġbura tirrifletti biss stampa parzjali tal-kamp ta' applikazzjoni tal-attività li qed isseħħ fl-ekonomija informali. Pereżempju, ħafna mill-informazzjoni miġbura fil-livell nazzjonali tirreferi biss għal dawk il-ħaddiema li x-xogħol prinċipali jew uniku tagħhom huwa fl-ekonomija informali, li tħalli barra lil dawk li għandhom impjegji sekondarji fl-ekonomija informali (numru li huwa maħsub li huwa pjuttost kbir f'xi pajjiżi). Ħafna tipi ta' xogħol u setturi informali huma "maħluqa" bl-istess mod bħal ma jiġri fil-parti formali "viżibbli" tas-suq tax-xogħol. Il-karatteristiċi ewlenin tal-ħaddiema informali kemm irġiel kif ukoll nisa huma l-insigurtà u l-vulnerabbiltà tagħhom, kif ukoll ir-riskju ta' faqar ogħla tagħhom meta mqabbla ma' ħaddiema "formali".

Ħafna nies li jaħdmu b'mod informali, b'mod speċjali n-nisa, huma m'caħħda minn xogħol sikur, benefiċċji, protezzjoni, rappreżentanza jew leħen. Ewrobarometru speċjali (Riedmann u Fischer, 2007) jirrappreżenta l-ewwel tentattiv biex jitkejjel xogħol mhux iddikjarat fl-UE kollha u wera li bejn terz u nofs il-fornituri kollha ta' xogħol mhux iddikjarat huma nisa. Il-persuni aktar żgħar fl-età, il-persuni qiegħda, dawk li jaħdmu għal rashom u l-istudenti għandhom rappreżentanza żejda fix-xogħol informali. Is-servizzi domestiċi huma l-attività l-anqas iddikjarata b'mod sinifikanti, inklużi servizzi ta' tindif, kura għat-tfal u għall-anzjani. Qasam ieħor huwa l-industrija tal-Horeca.

Ħafna nisa fiż-żoni rurali huma involuti f'impjegji li huma komparabbli ma' attività professjonali iżda mhumex rikonoxxuti, protetti jew imħallsa bħala tali. Barra minn hekk, in-nisa fiż-żoni rurali huma aktar affettwati mill-qgħad moħbi milli l-irġiel minħabba l-mudelli tradizzjonali tal-irwoli u l-provvista fqira ta' infrastruttura, bħall-faċilitajiet għall-kura tat-tfal, f'ħafna oqsma. Xi riskji speċifiċi li jħabbtu wiċċhom magħhom dawn in-nisa jinkludu n-nuqqas ta' drittijiet bażiċi bħall-vaganzi u l-assigurazzjoni, nuqqas ta' informazzjoni dwar riskji u riżorsi preventivi u nuqqas ta' rappreżentanti tal-ħaddiema. Xogħol filgħaxija, billejl u fi tmiem il-ġimgħa huwa pjuttost komuni fl-Horeca, bħal ma huma x-xiftijiet irregolari. Dawn il-mudelli (jiġifieri xogħol filgħaxija, billejl u fi tmiem il-ġimgħa) spiss iwasslu għal aktar għeja u problemi biex tiġi kkombinata l-ħajja tax-xogħol u dik mhux tax-xogħol, inklużi d-dmirijiet ta' kura tat-tfal u tad-dar u d-dmirijiet tal-kura tal-ġenituri, li huwa aktar probabbli li jaffettwaw lin-nisa.



Bil-permess tas-servizz pubbliku Belġjan għall-Impjegji, ix-Xogħol u d-Djalogu Soċjali.

Ma nstab l-ebda sors tal-letteratura li jindirizza b'mod dirett l-OSH fil-kuntest ta' xogħol mhux iddikjarat, kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa. Id-data hija ta' spiss mifruxa u ppreżentata f'rapporti mhux uffiċjali. Madankollu, xi informazzjoni dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol hija disponibbli fi studji kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll tal-UE, li huma ta' spiss relatati ma' setturi. Kif intwera fir-riċerka tal-EU-OSHA preċedenti (EU-OSHA, 2007, 2008), m'hemm l-ebda kejl tal-istat tas-saħħa tal-ħaddiema mhux iddikjarati (bħas-saħħa stmata mill-persuna nnifisha, l-assenteiżmu, l-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, il-mard mentali) u huwa probabbli li ma tanx jiġu rrapportati fl-istatistika okkupazzjonali.

L-għarfien dwar l-OSH fis-setturi tipikament meqjusa li għandhom perċentwal għoli ta' ħaddiema nisa u attivitajiet fejn ix-xogħol informali huwa aktar prevalenti, huwa punt ta' tluq tajjeb fid-determinazzjoni tar-riskji u l-problemi tas-saħħa ffaċjati min-nisa li l-impjeg tagħhom mhuwiex iddikjarat. Kliġenti ta' dawn is-servizzi għandhom jiġu inklużi fil-gruppi fil-mira għall-informazzjoni tal-OSH u għall-kampanji għall-prevenzjoni f'dawn is-setturi, kif għandhom jagħmlu l-organizzaturi ta' dawn is-servizzi.

L-isfida partikolari għall-prevenzjoni tal-OSH fir-rigward tax-xogħol mhux iddikjarat tibqa' n-nuqqas ta' aċċessibilità tal-ħaddiema u l-postijiet tax-xogħol tagħhom għal spezzjonijiet tax-xogħol. Il-kombinazzjoni partikolari ta' esponimenti fuq il-post tax-xogħol mhux ikkontrollati, relazzjonijiet tax-xogħol prekarji, biża' li wieħed jitlef l-impjeg tiegħu, nuqqas ta' għarfien dwar id-drittijiet u nuqqas ta' rappreżentanza tagħmilha diffiċli biex jintlaħqu dawn il-ħaddiema. L-għarfien dwar l-OSH fis-setturi tipikament meqjusa li għandhom perċentwal għoli ta' ħaddiema nisa u attivitajiet fejn ix-xogħol informali huwa aktar prevalenti, huwa punt ta' tluq tajjeb biex jiġu ddeterminati r-riskji u l-problemi tas-saħħa ffaċjati min-nisa li l-impjeg tagħhom mhuwiex iddikjarat.

Filwaqt li l-infurzar fl-agrikoltura u l-Horeca jista' jkun li sar aktar faċli, approċċi tradizzjonali għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni fuq il-post tax-xogħol ma jwasslux għal miżuri f'xi oqsma, bħas-servizzi tad-dar. Rapport tal-Eurofound riċenti (Eurofound, 2005) jipprovdi evalwazzjoni aġġornata ta' approċċi u miżuri attwali differenti użati fis-27 Stat Membru tal-UE biex jiġi indirizzat ix-xogħol mhux iddikjarat. Xi miżuri ta' politika huma applikabbli għall-attivitajiet tipiċi tan-nisa, prinċipalment is-servizzi tad-dar. Vawċers tas-servizz biex jinxtraw is-servizzi bi prezz aktar baxx, jew il-faċilitajiet mifruxa tal-kura tat-tfal biex jeliminaw dan is-settur mill-ekonomija mhux iddikjarata, jistgħu jittqiesu bħala eżempju. Fis-Slovenja, l-attivitajiet imsemmija hawn fuq u x-xogħol tal-arti u tas-snaġġa u attivitajiet simili ġew identifikati bħala "xogħol supplimentari personali" f'regolament li stabbilixxa proċedura li twassal għal notifika. Dan huwa l-ewwel pass lejn l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni, inklużi r-regolamenti tal-OSH. Dawn il-miżuri jistgħu jiġu kkumpliementati minn miżuri tal-OSH, kif diġà ġie propost f'xi Stati Membri, pereżempju fil-kura fid-dar, settur li żdied fid-daqs biż-żieda fl-età tal-popolazzjoni Ewropea, li għalih tista' tiġi pprovduta gwida bażika dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema li jipprovdu servizzi ta' kura fid-djar privati. Kliġenti ta' dawn is-servizzi għandhom jiġu inklużi fil-gruppi fil-mira għall-informazzjoni tal-OSH u għall-kampanji għall-prevenzjoni f'dawn is-setturi, kif għandhom jagħmlu l-organizzaturi ta' dawn is-servizzi.

Ħaddiema migranti nisa

L-istudji identifikaw problemi ta' lingwa, komunikazzjoni u taħriġ fuq il-post tax-xogħol dgħajfa, sigħat tax-xogħol u għeja bħala fatturi possibbli għar-rati ogħla ta' korrimment fuq il-post tax-xogħol għall-minoranzi etniċi. L-obbligi tal-familja għandhom impatt ogħla b'mod sinifikanti fuq l-attività u l-impjeg ta' migranti nisa milli għaċ-ċittadini nisa. In-nisa migranti mhumieq grupp omoġenju. In-nisa migranti tat-tieni ġenerazzjoni għandhom livelli edukattivi aħjar u integrazzjoni aħjar fis-suq tax-xogħol minn dawk tal-ewwel ġenerazzjoni u anke minn ċittadini f'xi Stati Membri.

Tendenza li qed tikber u li taffettwa l-OSH tal-ħaddiema nisa hija r-rata tal-migrazzjoni dejjem tikber tan-nisa, li hija viċin dik tal-irġiel. Ħaddiema nisa migranti jistgħu jiffaċċjaw diskriminazzjoni doppja jew trippla, b'mod speċjali meta jaħdmu b'mod "informali". Gruppi oħrajn bi proporzjon għoli ta' ħaddiema informali, jinkludu persuni qiegħda, dawk li jaħdmu għal rashom, ħaddiema staġjonali, studenti u tfal, li ħafna minnhom huma nisa. Tendenza li qed tiżdied tinkludi dawk in-nisa li jwettqu xogħol domestiku jew huma impjegati bħala ħaddiema li jnaddfu. Jista' jkun li n-nisa f'dawn is-setturi ma jkunux jikkellmu l-lingwa ta' min iħaddimhom, ma jirċevux taħriġ jew tagħrif dwar l-OSH, ikollhom jaħdmu sigħat twal u jiġu mitluba jagħmlu ċertu xogħol mingħajr it-tagħmir adattat. Huma jistgħu jiġu soġġetti wkoll għal

fastidju, vjolenza, vittimizazzjoni, diskriminazzjoni u paga baxxa.

In-nisa ħaddiema migranti fl-Ewropa għandhom it-tendenza li jaħdmu b'mod aktar estensiv fl-oqsma li huma miftuħa għalihom, bħas-setturi tax-xogħol soċjali u tas-servizzi domestiċi, li joffru ftit possibiltajiet biex wieħed jitlaq jew jikseb promozzjoni. Huma għandhom it-tendenza li jiksbu impjieg fil-postijiet tax-xogħol li f'tit li xejn għandhom kultura ta' taħriġ fis-sigurtà u s-saħħa. Ħaddiema migranti tqal huma grupp partikolarment vulnerabbli, u l-postijiet tax-xogħol rarament ikunu adattati biex jipproteġuhom minn riskji għas-saħħa u s-sigurtà.

L-istudji identifikaw problemi ta' lingwa, komunikazzjoni u taħriġ fuq il-post tax-xogħol dgħajfa sigħat ta' xogħol u għeja bħala fatturi possibbli għar-rati ogħla ta' korrimment fuq il-post tax-xogħol għall-minoranzi etniċi. Aċċidenti u korrimmenti li tellfu l-ħin kienu wkoll assoċjati mat-tul ta' ħin fuq ix-xogħol, l-etniċità u ma' avvenimenti fejn kważi kien hemm korrimment. Ħaddiema immigranti rarament ikunu koperti mill-istatistika jew s'tħarriġ uffiċjali. Għaldaqstant, hemm nuqqas ta' data dwar ir-riskji li għalihom huma esposti u l-problemi tas-saħħa li jġarrbu. Dan huwa saħansitra aktar ta' tħassib għall-professjonijiet tas-servizzi, li għandhom it-tendenza li jiġu esklużi mid-data minħabba l-karattru temporanju u prekarju tal-kuntratti.

L-obbligi tal-familja għandhom impatt ogħla b'mod sinifikanti fuq l-attività u l-impjieg ta' migranti nisa milli għaċ-ċittadini nisa. Dan jirrifletti n-normi kulturali, iżda huwa wkoll influwenzat ħafna minn restrizzjonijiet fl-aċċess tas-suq tax-xogħol għall-ħaddiema nisa li jemigraw għal raġunijiet tal-familja.

In-nisa migranti mhumie x grupp omoġenu. In-nisa migranti tat-tieni ġenerazzjoni għandhom livelli edukattivi aħjar u integrazzjoni aħjar fis-suq tax-xogħol minn dawk tal-ewwel ġenerazzjoni u anke minn ċittadini f'xi Stati Membri. Il-fatturi ta' suċċess wara dawn ix-xejriet pożittivi għandhom jiġu analizzati u kondiviżi fost l-Istati Membri tittejjeb is-sitwazzjoni għall-migranti nisa żgħażaġħ kif ukoll għan-nisa żgħażaġħ b'mod ġenerali.

Aċċidenti fuq il-post tax-xogħol

Il-fatt li l-irġiel huma aktar probabbli li jesperjenzaw aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, minħabba l-involviment tagħhom f' aktar setturi b'riskju għoli ta' aċċidenti, ma nbidilx, iżda, b'mod ġenerali, kien hemm tnaqqis fir-rata ta' aċċidenti. Skont studju riċenti tal-UE (Eurostat, 2009, 2010), meta n-nisa fil-fatt ikollhom aċċidenti fuq il-post tax-xogħol huwa l-aktar probabbli meta dawn jaħdmu fis-setturi ta' "l-agrikoltura, il-kaċċa u l-forestrija", "il-lukandi u r-ristoranti" u "s-saħħa u l-ħidma soċjali". Għall-kuntrarju għar-rati ta' aċċidenti, ir-rati għall-problemi tas-saħħa relatati max-xogħol huma simili fiż-żewġ sessi. Il-ħaddiema nisa bi problemi tas-saħħa relatati max-xogħol ħafna drabi jirrapportaw l-MSD (60 %), li minnhom 16 % jirrapportaw ukoll sintomi ta' stress, dipressjoni u ansjetà.

Hemm differenza oħra bejn is-sessi: il-livelli tal-aċċidenti fost l-irġiel jidhru li jonqsu bl-età, filwaqt li ma hemm kważi l-ebda influwenza ta' età fuq il-perċentwal ta' ħaddiema nisa li sofrew xi aċċident.

Il-livelli ta' aċċidenti fost l-irġiel jidhru li jonqsu bl-età, filwaqt li ma hemm kważi l-ebda influwenza ta' età fuq il-perċentwal ta' ħaddiema nisa li sofrew xi aċċident. Din id-differenza għandha tkompli tiġi analizzata.

Għandha titqajjem ukoll kwistjoni ta' metodoloġija. Studju tal-2002 (Dupré, Eurostat 2002) sab li d-differenza bejn in-nisa u l-irġiel kienet iżgħar meta r-rati ta' inċidenza ġew ikkalkulati fuq bażi ekwivalenti ta' full-time, minħabba li n-nisa ħadmu part time aktar spiss mill-irġiel u għalhekk kienu esposti għar-riskju ta' aċċidenti għal ħinijiet iqsar. Kieku r-rati ta' inċidenza kienu standardizzati wkoll għall-impjegji differenti li fihom jaħdmu n-nisa u l-irġiel, ir-rati ta' inċidenza kienu jkun kważi l-istess fid-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit. Sfortunatament, din id-data standardizzata mhijex disponibbli mill-Eurostat għal snin oħrajn.

Studju tal-2002 sab li d-differenza fir-rati ta' aċċidenti bejn in-nisa u l-irġiel kienet iżgħar meta ġew ikkalkulati fuq bażi ekwivalenti ta' full-time, minħabba li n-nisa ħadmu part time aktar spiss mill-irġiel u għalhekk kienu esposti għar-riskju ta' aċċidenti għal ħinijiet iqsar. Kieku dawn kienu standardizzati wkoll għall-impjegji differenti, ir-rati ta' inċidenza kienu jkun kważi l-istess.


Issa hemm aktar informazzjoni minn qabel dwar it-tipi ta' aċċidenti u problemi tas-saħħa li n-nisa huma esposti għalihom fuq il-post tax-xogħol, li qed jiġu rikonoxxuti aktar bħala relatati b'mod dirett mad-differenzi fit-tip ta' xogħol li jagħmlu. In-nisa huma aktar esposti mill-irġiel għaż-żliq, tfixkil fuq oġġetti u waqgħat u aċċidenti relatati mal-vjolenza. Fi studju esploratorju tal-Eurostat li jħares lejn il-kawżi u ċ-ċirkostanzi tal-aċċidenti, l-aktar tipi frekwenti ta' devjazzjoni fin-nisa kienu "żliq, tfixkil fuq oġġetti u waqgħat", li kkawżaw 29 % tal-aċċidenti gravi fl-2005, u "moviment tal-ġisem taħt jew minħabba stress fiżiku", li kkawżaw 21 % tal-aċċidenti gravi. B'mod sinifikanti, in-nisa sofrew aktar ta' spiss aċċidenti li jinvolvu "tagħmir għall-uffiċċju, tagħmir personali, tagħmir sportiv, armi u apparat domestiku" u "organiżmi ħajjin u l-bnedmin". Dan jidher li huwa relatat mal-impjegi u s-setturi li fihom jaħdmu, u jfisser ukoll li l-prevenzjoni tal-aċċidenti teħtieġ li tiġi ffukata mill-ġdid biex tindirizza ċ-ċirkostanzi rilevanti għal dawn l-aċċidenti, jekk trid tkun effettiva għall-ħaddiema nisa.

Xi wħud mill-karatteristiċi tax-xogħol li jitwettagħ min-nisa, pereżempju kwistjonijiet organizzattivi ta' xogħol bħal xogħol monotonu u ripetittiv li jwassal għall-għeja, interruzzjonijiet (b'mod konsiderevoli aktar frekwenti fl-impjegi tan-nisa) u anqas awtonomija, flimkien ma' inqas aċċess għat-taħriġ, jistgħu jwasslu wkoll għal żieda fir-riskju ta' aċċidenti.

B'mod sinifikanti, in-nisa jsofru aktar ta' minn żliq, tfixkil fuq oġġetti u waqgħat u aċċidenti li jinvolvu "tagħmir għall-uffiċċju, tagħmir personali, tagħmir sportiv, u apparat domestiku" u "organiżmi ħajjin u bnedmin". Dan huwa relatat mal-impjegi u s-setturi li fihom jaħdmu.

Setturi ekonomiċi bl-oġġla rati ta' inċidenza ta' aċċidenti fir-rigward tan-nisa kienu "l-agrikoltura, il-kaċċa u l-forestrija", "il-lukandi u r-ristoranti" u "s-saħħa u l-ħidma soċjali" (Dijagramma 5, rati ta' inċidenza: ħaddiema rġiel - blu-ħodor, ħaddiema nisa: ħomor-oranġjo). Minħabba l-perċentwal għoli ta' nisa li jaħdmu fis-servizzi, l-oġġla numri assoluti nstabu fis-setturi ta' "l-amministrazzjoni pubblika", "l-edukazzjoni", "is-saħħa" u servizzi oħrajn. L-Eurostat issa jippubblika rati ta' inċidenza għal aċċidenti fl-amministrazzjoni pubblika, l-edukazzjoni, is-saħħa u servizzi oħrajn (NACE L-P), fejn ħafna minn dawn l-impjegi huma fis-settur pubbliku. Fil-passat, madankollu, aktar minn 45 % tan-nisa impjegati li jaħdmu f'dawn is-setturi ma kinux koperti. Fis-setturi ta' "l-agrikoltura, il-kaċċa u l-forestrija" u "is-saħħa u l-ħidma soċjali" insibu kemm rata għolja ta' aċċidenti kif ukoll prevalenza għolja ta' problemi tas-saħħa relatati max-xogħol.

Dijagramma 5: Rata ta' inċidenza standardizzata ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol skont l-attività ekonomika, il-gravità u s-sess (kull 100 000 ħaddiem), UE-15, 1995-2006*



Manifattura	Manufacturing
Provvista tal-elettriku, tal-gass u tal-ilma	Electricity, gas and water supply
Kostruzzjoni	Construction
Bejgħ bl-ingrossa u bejgħ bl-imnut, tiswija	Wholesale and retail, repair
Lukandi u ristoranti	Hotels and restaurants
Trasport, ħażna u komunikazzjoni	Transport, storage and communication
Intermedjazzjoni finanzjarja; attivitajiet ta' proprjetà immobbli, kiri u negozju	Financial intermediation; real estate, renting and business activities

Sors: Eurostat, ESAW (2008) (*)rati ta' inċidenza: ħaddiema rgjel - blu-aħdar, ħaddiema nisa: aħmar-oranġjo

L-Eurostat issa jippubblika rati ta' inċidenza għal aċċidenti fl-amministrazzjoni pubblika, l-edukazzjoni, is-saħħa u servizzi oħrajn (NACE L-P), fejn ħafna minn dawn l-impjegji huma fis-settur pubbliku. Fil-passat, madankollu, aktar minn 45 % tan-nisa impjegati li jaħdmu f'dawn is-setturi ma kinux koperti. Fis-setturi ta' "l-agrikoltura, il-kaċċa u l-forestrija" u "s-saħħa u l-ħidma soċjali" insibu kemm rata għolja ta' aċċidenti kif ukoll prevalenza għolja ta' problemi tas-saħħa relatati max-xogħol.

Aċċidenti fit-traġitt u aċċidenti waqt is-sewqan lejn ix-xogħol

Bħala medja, kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa bl-età ta' bejn l-20 u l-74 sena jqattgħu tal-inqas minn siegħa sa siegħa u nofs kuljum jivvjaġġaw lejn ix-xogħol u lura. Madankollu, il-modi tal-ivvjaġġar huma differenti skont is-sessi. Il-ħaddiema nisa jidhru li jużaw il-karozzi privati inqas ta' spiss u jidhru li jqattgħu aktar ħin jimxu mill-kontropartijiet maskili tagħhom. Il-modi differenti ta' trasport, u l-obbligi tal-familja differenti, jista' jkollhom impatt fuq il-mudelli ta' aċċidenti fit-traġitt tan-nisa, u dan għandu jiġi investigat. Huwa possibbli li l-kunċett ta' aċċidenti fit-traġitt ikollu jiġi rivedut sabiex, pereżempju, jikkunsidra aċċidenti li jseħħu meta t-tfal ikunu qed jittieħdu l-iskola qabel persuna tmur għax-xogħol, li, skont xi studji, għadu fil-parti l-kbira d-dmir tan-nisa. Rieżami riċenti ta' aċċidenti fit-traġitt fil-Ġermanja (Eurogip, 2012) wera li r-rati ta' aċċidenti mhux fatali huma partikolarment għolja fis-servizzi tas-saħħa u l-assistenza soċjali, l-amministrazzjoni u l-bejgħ bl-imnut u x-xogħol tal-imħażen u li perċentwal għoli tal-aċċidenti fit-traġitt fatali ta' kuljum iseħħ ukoll f'dawk is-setturi ddominati min-nisa.



Ritratt minn Josu Gracia (kompetizzjoni fotografika EU-OSHA, 2009)

Esponimenti, problemi tas-saħħa u mard ikkawżat mix-xogħol

Ir-riskji għas-saħħa kkawżati mix-xogħol tal-ħaddiema nisa għandhom it-tendenza li jkollhom x'jaqsmu mal-esposizzjoni tagħhom għal materjal, perikli fiżiċi u ergonomiċi, kif ukoll l-intimidazzjoni u d-diskriminazzjoni fuq il-post tax-xogħol. Dawn it-tipi ta' esponimenti huma partikolarment għoljin għan-nisa li jaħdmu fl-agrikoltura, il-lukandi, ir-ristoranti u l-kejtering, it-trasport u l-manifattura. In-nisa fis-settur tal-manifattura jirrapportaw ukoll rati għolja ta' esponiment għall-vibrazzjonijiet, li huwa riskju li normalment ma jiġix attribwit mal-postijiet tax-xogħol "tan-nisa". Barra minn hekk, għalkemm għall-

bidu jista' jidher li l-ħaddiema rġiel huma iktar esposti għal riskji speċifiċi mill-kontropartijiet femminili tagħhom, peress li l-ħaddiema nisa huma b'mod ġenerali segregati f'inqas setturi u ta' spiss iwettqu kompiti differenti mill-irġiel, f'xi każijiet huma jistgħu jkunu aktar esposti mill-irġiel kolleġi tagħhom. Skont ir-raba' EWCS, bħala medja, b'mod sostanzjali aktar ħaddiema rġiel (43 %) milli nisa (25 %) jkollhom iqandlu jew iġorru tagħbijiet tqal fuq il-post tax-xogħol. Madankollu, l-esponiment għal impjegi li jinvolvu tqandil jew ġarr ta' persuni għandu prevalenza ogħla fost il-ħaddiema nisa (11.1 %) milli fost il-ħaddiema rġiel (5.8 %) u huwa naturalment wieħed mill-fatturi ewlenin fil-kura tas-saħħa u l-kura fid-dar.

Wieħed mill-fatturi ta' riskju li għalihom l-esponiment tan-nisa għadu mhux evalwat biżżejjed huwa l-ħoss fuq il-post tax-xogħol, li jkompli jikkontribwixxi għal proporzjon għoli ta' mard ikkawżat mix-xogħol, prinċipalment rikonoxxut għall-ħaddiema rġiel. B'mod ġenerali, in-nisa jidhru li huma iktar esposti għal livelli medji ta' ħoss, bl-eċċezzjoni tas-setturi magħrufa għall-istorbju qawwi bħal dawk tat-tessuti u l-produzzjoni tal-ikel. Barra minn hekk, in-nisa huma kultant esposti għal ħsejjes f'daqqa u li jtellfu, li jistgħu jkunu b'mod konsiderevoli ogħla milli għall-ħaddiema rġiel. Dan huwa partikolarment il-każ għas-setturi tal-edukazzjoni, is-saħħa, il-lukandi, ir-ristoranti u l-kejtering u s-setturi soċjali li huma dominati min-nisa, kif ukoll għall-impjegi f'ċentri telefoniċi u uffiċċi oħrajn. Proporzjon kbir ta' nisa f'dawn is-setturi jirrapporta t-tinnitus (żanżin tal-widnjen), u proporzjon konsiderevoli jabti wkoll minn problemi fil-vuċi. Interessanti, skont Schneider (EU-OSHA, 2005), il-proporzjon ta' nisa li jirrapportaw li jbatu mill-ħsejjes fuq il-post tax-xogħol kien ogħla fl-Istati Membri aktar ġodda milli fl-UE-15. Il-livelli ta' ħsejjes jistgħu jkunu ogħla f'xi impjegi, bħal xogħol fl-iskejjel tat-trabi u skejjel primarji, fi swali ta' emerġenza ta' spartarjiet jew workshops tal-iskejjel, fejn jista' jkun hemm aktar mil-limiti ta' esponiment permissibbli fuq ix-xogħol.

Ħsejjes ta' livell medju u għoli jistgħu jwasslu ukoll għal mard ċirkolatorju u jikkontribwixxu għal stress relatat max-xogħol.

B'mod ġenerali, mal-ewwel daqqa t'għajn, il-ħaddiema rġiel spiss jidhru li huma iktar esposti għal riskji speċifiċi mill-kontropartijiet femminili tagħhom. Madankollu, peress li l-ħaddiema nisa huma aktar segregati f'inqas setturi u ta' spiss iwettqu kompiti differenti mill-irġiel, id-data għandha tiġi estratta skont is-setturi u l-impjegi. Meta ġew evalwati b'mod speċifiku, 30 % tal-ħaddiema nisa huma esposti għall-vibrazzjoni fil-manifattura. Għaldaqstant, il-vibrazzjoni għandha titqies bħala prijorità għall-prevenzjoni fil-postijiet tax-xogħol tan-nisa fl-industrija. Il-ħaddiema nisa jistgħu jiġu esposti wkoll għal livelli għolja ta' ħoss u riskji ergonomiċi, kif ukoll aċċidenti li jinvolvu l-makkinarju fis-setturi rilevanti, pereżempju fl-industrija tal-agrikoltura, tal-produzzjoni tal-ikel u tat-tessuti.



Bil-permess ta' INSHT

Problemi ta' saħħa mentali — kwistjoni emerġenti

Fi ħdan il-modulu ad hoc tal-Istħarriġ dwar il-Forza tax-Xogħol 2007 fir-rigward tal-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u problemi ta' saħħa relatati max-xogħol, 8.6 % tal-ħaddiema fl-UE-27 (eskluzja Franza) irrapportaw problema waħda jew aktar ta' saħħa relatata max-xogħol matul il-perjodu ta' 12-il xahar qabel il-istħarriġ. Ir-rati kienu simili għall-ħaddiema nisa u rġiel. Il-prevalenza ta' problemi ta' saħħa relatati max-xogħol żdiedet bl-età għaż-żewġ sessi minn madwar 3 % fil-grupp ta' età bejn il-15 u l-24 sena għal kważi 12 % fil-grupp ta' età bejn il-55 u l-64 sena. Dan joħloq kuntrast mal-frekwenza ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, li baqgħet kważi kostanti fin-nisa u naqset bl-età fl-irġiel. Fi ħdan il-grupp tal-ħaddiema nisa bi problema ta' saħħa relatata max-xogħol, 60 % irrapportaw l-MSD. L-istress, id-dipressjoni u l-ansjetà ġew irrapportati minn 16 % tan-nisa u l-uġiġħ ta' ras u/jew l-istrapazz tal-għajnejn minn 6 %. Il-mard jew l-ilmenti l-oħra kollha ġew irrapportati minn inqas minn 5 % tan-nisa.

Fl-UE qed tiġi osservata tendenza ta' żieda fl-assenteiżmu u rtirar bikri minħabba problemi ta' saħħa mentali, b'mod partikolari b'rabta mal-istress u d-dipressjoni. In-nisa huma affettwati b'mod partikolari minn din it-tendenza. Il-Fondazzjoni tas-Saħħa Mentali (2007) tissuġġerixxi li n-nisa huma partikolarment esposti għal xi wħud mill-fatturi li jistgħu jżidu r-riskju relattiv ta' saħħa mentali dgħajfa minħabba r-rwol u l-istatus li huma tipikament ikollhom fis-soċjetà. Xi wħud mill-fatturi soċjali ewlenin li jistgħu jaffettwaw is-saħħa mentali tan-nisa jinkludu:

- Aktar nisa milli rġiel huma l-persuna ewlenija li tiegħu ħsieb it-tfal tagħhom u jistgħu jieħdu ħsieb qrafa dipendenti oħra wkoll — il-kura intensiva tista' taffettwa s-saħħa emozzjonali u fiżika, l-attivitajiet soċjali u l-finanzi.
- In-nisa spiss ilaħħqu ma' rwoli multipli — dawn jistgħu jkunu ommijiet, imsieħba u persuni li jindukraw, kif ukoll ikunu impjegati f'xogħol imħallas u jmexxu familja.
- Hemm rappreżentanza żejda tan-nisa f'impjegi bi dħul baxx u ta' status baxx (ta' spiss part time) u hemm aktar probabbiltà li jgħixu fil-faqar milli l-irġiel.
- Il-faqar, il-ħidma prinċipalment fid-dar fuq xogħol domestiku u t-tħassib dwar is-sigurtà personali jistgħu jwasslu biex in-nisa jħossuhom partikolarment iżolati.
- Il-karatteristiċi tal-ħidma tagħhom, in-nuqqas ta' progressjoni fil-karriera, l-impjegi multipli, l-intensifikazzjoni tax-xogħol u n-nuqqas ta' awtonomija jikkontribwixxu għal livelli ogħla ta' tensjoni u ta' stress.

Ix-xogħol tal-klijenti, il-vjolenza u l-fastidju



Skont l-aħħar stħarriġ tal-ħaddiema Ewropej, in-nisa għandhom riskju psikosoċjali ogħla minħabba li dawn jaħdmu f'impjegi fejn hemm kuntatt aktar dirett mal-klijenti. In-nisa rrapportaw livelli kemxejn ogħla ta' attenzjoni sesswali mhux mixtieqa, theddid, imġiba umiljanti, fastidju sesswali u bullying, filwaqt li l-irġiel irrapportaw livelli ogħla ta' vjolenza fiżika fuq il-post tax-xogħol.

Riċerka riċenti tal-EU-OSHA dwar is-settur tat-trasport kellha sejbiet simili u tispjega wħud mill-kwistjonijiet ewlenin. Filwaqt li ħaddiema kienu esposti dejjem aktar għall-vjolenza, il-possibbiltajiet biex jiġu rrapportati u indirizzati aċċidenti vjolenti kienu limitati. Il-ħaddiema tat-trasport kienu ta' spiss jinstabu fuq quddiem nett tar-riorganizzazzjoni u kienu fil-"linja ta' quddiem" jikkomunikaw it-tibdil organizzattiv lill-klijenti. Għaldaqstant kienu esposti għal reazzjonijiet ta' rabja u għal fastidju. Għalhekk ir-rapport irrakkomanda li l-proċeduri ta' rapportar għandhom jiġu implimentati u mtejbja, u li l-prevenzjoni ta' aċċidenti vjolenti u ta' fastidju mill-klijenti jiġu inklużi fil-ġestjoni ġenerali tal-OSH.

Irrakkomanda wkoll li l-ħaddiema jiġu offruti aktar appoġġ. Fir-rigward tal-ħaddiema nisa, ir-rapport sab nuqqas tal-adattament tal-kondizzjonijiet fiżiċi u organizzattivi għall-ħaddiema nisa u rrakkomanda implimentazzjoni urġenti tal-bidliet. Studju partikolari li għalih saret referenza fir-rapport sab diskriminazzjoni doppja (razzjali u bbażata fuq is-sess) kontra l-persunal tat-trasport pubbliku femminili. Impjegi tat-trasport bi proporzjon dejjem aktar jiżdied ta' ħaddiema nisa kienu s-sewwieqa tax-xarabanks tal-iskola, u l-ħaddiema fis-servizzi tat-trasport pubbliku, tat-taksis u tal-kurrier. Barra

minn hekk, filwaqt li ta' spiss ikun espost għal riskji simili, il-persunal femminili ta' appoġġ u amministrattivi kien ta' spiss injorat. Eżempji tipiċi huma l-ħaddiema li jnaddfu u l-ħaddiema tal-uffiċċju fis-settur tat-trasport, kif ukoll ħaddiema fl-ospitalità fuq vapuri jew ferroviji.

Ir-riċerka tal-EU-OSHA dwar is-settur tat-trasport sabet nuqqas ta' adattament tal-kondizzjonijiet fiżiċi u organizzattivi għall-ħaddiema nisa u rakkomandat li l-bidliet jiġu implimentati b'mod urġenti. Impjiegi tat-trasport bi proporzjon dejjem aktar jiżdied ta' ħaddiema nisa kienu s-sewwieqa tax-xarabanks tal-iskola, u l-ħaddiema fis-servizzi tat-trasport pubbliku, tat-taksis u tal-kurier. Ta' spiss, il-ħaddiema li jnaddfu u l-ħaddiema tal-uffiċċju fis-settur tat-trasport, kif ukoll ħaddiema fl-ospitalità fuq vapuri jew ferroviji, kienu injorati.

B'mod ġenerali, ir-riskju li jiġi esperjenzat theddid ta' vjolenza u vjolenza reali jinstab l-akbar fis-settur tal-kura tas-saħħa, l-amministrazzjoni pubblika u d-difiża, iżda impjiegi oħrajn qegħdin jaraw ukoll żieda fil-vjolenza. Hemm differenzi konsiderevoli bejn l-Istati Membri varji; dawn id-differenzi jistgħu jkunu dovuti għal nuqqas ta' rappurtar f'xi pajjiżi u għarfien akbar f'pajjiżi oħrajn. Wieheċ mill-impjiegi f'riskju huwa t-tagħlim, fejn il-professjoni hija magħmula minn maġġoranza ta' nisa u tal-inqas terz tas-sitt miljun għalliem fl-UE għandhom aktar minn 50 sena. Il-vjolenza fl-iskejjel tista' tiġi minn diversi sorsi: studenti, ġenituri tal-istudenti u għalliema oħra. Madankollu, dan mhux qasam riċerkat sew u jeħtieġ tiġi mwettqa aktar riċerka dwar il-kawżi u l-konsegwenzi, sabiex ikunu jistgħu jiġu ġġenerati soluzzjonijiet aħjar biex tiġi indirizzata l-vjolenza fl-iskejjel. Il-fastidju ċibernetiku, bħala forma relattivament ġdida ta' bullying, l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni għall-imġiba ripetutament deliberata u ostili minn individwu jew grupp, bl-intenzjoni li ssir ħsara lil oħrajn, huwa prevalenti fost l-għalliema. Dan jista' jieħ u l-forma ta' trażmissjoni kontinwa ta' posta elettronika u theddid, li jagħmlu lill-għalliema s-suġġett ta' ridikolaġni fil-fora jew l-ippowstjar ta' dikjarazzjonijiet foloz. Stħarriġ fost organizzazzjonijiet nazzjonali tal-għalliema żvela li l-kawża kkwotata l-aktar ta' spiss ta' fastidju ċibernetiku kienet is-sess, segwita mill-oriġini razzjali jew etnika, l-orjentazzjoni sesswali, l-età, id-diżabilità, ir-reliġjon u t-twemmin.

Rieżami riċenti tal-EU-OSHA dwar il-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol (EU-OSHA, 2011b) tipprovdi wkoll rieżami fil-fond tad-data mill-Istati Membri differenti, u l-EU-OSHA pprovdiet pariri dwar kif tiġi organizzata l-prevenzjoni tal-OSH u eżempji ta' Prattika tajba f'diversi mill-prodotti ta' informazzjoni tagħha. Ir-rapport jippreżenta l-prevalenza tal-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol abbażi ta' statistika internazzjonali u nazzjonali, kif ukoll ir-riżultati ta' studji xjentifiċi dwar l-anteċedenti u l-konsegwenzi ta' vjolenza relatata max-xogħol. Stħarriġ tan-netwerk tal-punt fokali tal-Aġenzija jissuġġerixxi li għad m'hemmx biżżejjed għarfien u rikonoxximent tal-problemi fir-rigward tal-vjolenza u l-fastidju minn partijiet terzi f'ħafna Stati Membri tal-UE, u hemm il-ħtieġa ċara li tiġi promossa u mxerrda Prattika tajba u miżuri ta' prevenzjoni li huma sensittivi għall-kuntest nazzjonali. Xi miżuri proposti mill-UE, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, l-Organizzazzjoni Dinjia tas-Saħħa u l-esperti nazzjonali huma inklużi f'dan ir-rapport.

Differenza oħra bejn is-sessi tista' tinstab fir-rigward tal-attenzjoni sesswali mhux mixtieqa. Il-fastidju sesswali huwa rappurtat tliet darbiet aktar ta' spiss mill-ħaddiema nisa milli mill-ħaddiema rġiel fl-Ewropa. Id-differenza bejn is-sessi hija saħansitra aktar ċara meta r-riżultati jiġu kkunsidrati fil-livell ta' pajjiż. In-nisa taħt it-30 sena, u n-nisa f'impjiegi mhux manwali — b'mod partikolari fil-maniġment — huma partikolarment f'riskju li jingħataw attenzjoni sesswali mhux mixtieqa. Barra minn hekk, in-nisa fuq il-kuntratti definiti jew il-ħaddiema tal-aġenziji temporanji (5 %) jirrapportaw livelli oġġla minn dawk fuq kuntratti indefiniti (2 %).

Id-diskriminazzjoni u l-fastidju spiss imorru id f'id. Huwa Interessanti li, fl-2005, kważi 42 % tan-nisa li rrapportaw li esperjenzaw diskriminazzjoni minħabba l-età semmew ukoll il-bullying jew il-fastidju fuq il-post tax-xogħol. Dan il-proporzjon jista' jiġi mqabbel ma' inċidenza medja globali ta' bullying jew fastidju ta' madwar 6 % fost il-ħaddiema nisa. Barra minn hekk, kważi 23 % tan-nisa li esperjenzaw diskriminazzjoni minħabba l-età rrapportaw wkoll id-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, meta mqabbla ma' madwar 2 % tal-ħaddiema nisa globali.

ħaddiema li jesperjenzaw vjolenza jew bullying fuq il-post tax-xogħol ikollhom aktar problemi ta' saħħa relatati max-xogħol minn dawk li ma jesperjenzawx dan. L-esponiment potenzjali għall-vjolenza fuq ix-xogħol instab li huwa assoċjat ma' żieda sinifikanti fir-riskju potenzjali kemm ta' problemi ta' dipressjoni kif ukoll problemi relatati mal-istress kemm fin-nisa kif ukoll fl-irġiel. Ir-riskju relattiv instab li jiżdied b'mod progressiv biż-żieda tal-prevalenza ta' vjolenza u ta' theddid. Il-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol għandhom effetti immedjati fuq in-nisa, inkluż nuqqas ta' motivazzjoni, telf ta' fiduċja

u stima personali mnaqqsa, dipressjoni u rabja, ansjetà u irritabilità, u jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp tal-MSD. Maż-żmien, dawn is-sintomi x'aktarx li jiżviluppaw f'mard fiżiku, disturbi riproduttivi, mard kardjovaskulari u disturbi mentali, u jistgħu jwasslu għal riskju akbar ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol, invalidità u anke suwiċidju.

Barra minn hekk, in-nisa li jaħdmu fl-istabbilimenti tal-klijenti tagħhom jistgħu jkunu partikolarment vulnerabbli għall-attakki, kemm fiżikament kif ukoll psikoloġikament. Il-kamp ta' applikazzjoni għall-adattament tal-kondizzjonijiet tagħhom tista' tkun limitata u jistgħu jaħdmu f'diversi impjegi u għal diversi impjegaturi. Il-politika u l-prevenzjoni jeħtieġ li jindirizzaw is-sitwazzjoni speċifika ta' dawn in-nisa u jidentifikaw modi kif jinfurzaw il-prinċipji tal-leġiżlazzjoni tal-OSH għalihom u juru kif dawn jistgħu jiġu protetti aħjar. Il-mod kif dawn il-ħaddiema jistgħu jintlaħqu u jiġu kkonsultati dwar is-sitwazzjoni speċifika tagħhom jista' jkun ta' sfida partikolari għas-servizzi tal-ispezzjoni u tal-prevenzjoni.

In-nisa li jirritornaw għax-xogħol wara responsabbiltajiet ta' indukrar ta' spiss ikollhom isofru minn diskriminazzjoni, bħal pereżempju jingħataw biss responsabbiltajiet limitati ta' xogħol, allokazzjoni inġusta ta' xogħol u/jew ċaħda ta' aċċess għal kompiti speċifiċi. In-nisa li jaħdmu part time, fuq xiftijiet u fuq ħinijiet tax-xogħol mhux standard jistgħu jitħallew barra mill-ekwazzjoni u ma jiġux indirizzati minn sforzi ta' prevenzjoni.

Il-manigġers u l-ħaddiema għandhom bżonn taħriġ dwar kif jistgħu jindirizzaw bl-aktar mod effettiv il-vjolenza u l-fastidju. Amministrazzjoni effettiva tinkludi wkoll il-provvista ta' informazzjoni lill-klijenti u lill-pubbliku inġenerali. Sistemi ta' sigurtà ta' ħaddiema iżolati huma applikati f'oqsma oħrajn tal-industrija. Dawn jistgħu jiġu adattati wkoll għall-ħtiġijiet speċifiċi tas-setturi tas-servizzi ddominati min-nisa.

Mard muskuloskeletal (MSD) — problema ta' saħħa li dejjem tiżdied

Il-mard muskuloskeletal u l-istress relatat max-xogħol jibqgħu aktar ta' tħassib għan-nisa milli għall-irġiel (kif muri fir-riċerka preċedenti tal-EU-OSHA dwar kwistjonijiet tas-sessi fuq il-post tax-xogħol (EU-OSHA 2003a), Tabella 1 u 3). Dawn jistgħu jinteraġixxu wkoll biex jaggravaw il-problemi.

B'rabta mal-MSD, l-irfiġħ ta' tagħbijiet jew ta' persuni tqal jibqa' riskju għall-ħaddiema nisa, b'mod speċjali dawk li jaħdmu fil-kura tas-saħħa jew li jwettqu xogħol informali. Pereżempju, kif jintwera f'dan ir-rieżami, studju Ġermaniż sab li l-ħaddiema tal-kura tas-saħħa jgħorru tagħbijiet ikbar minn ħaddiema tal-kostruzzjoni. B'mod ġenerali, id-data tirrifletti l-perċezzjonijiet żbaljati li għadhom jeżistu dwar x'inhu xogħol ta' strapazz, b'mod speċjali għal dawk l-impjegi prinċipalment imwettqa min-nisa.

Meta tiġi estratta d-data skont is-setturi u l-impjegi, joħorġu riżultati interessanti. Bħala eżempju, l-irfiġħ jew il-ġarr ta' tagħbijiet tqal jaffettwaw medja ta' 5.8 % tal-ħaddiema, iżda fis-settur tal-kura tas-saħħa ddominat min-nisa dawn jaffettwaw kważi nofs il-popolazzjoni tax-xogħol (43.4 %), effett imrażżan permezz tal-apprezzament ġenerali medju tas-sitwazzjoni. Meta jitqies li l-grupp ewlieni fis-settur tal-kura tas-saħħa huwa kkaratterizzat minn nisa ta' età medja u nisa anzjani, dan jenfasizza l-ħtieġa li dawn jiġu kkunsidrati għall-prevenzjoni.



Bil-permess ta' INSHT

Is-setturi differenti ddominati min-nisa juru mudelli differenti ta' esponiment għall-fatturi ta' riskju li ġew relatati mal-MSD, u dan għandu jiġi kkunsidrat meta jkunu qed jifasslu l-prevenzjoni u l-azzjoni tal-OSH għal dawn il-postijiet tax-xogħol. Fis-setturi tal-ospitalità u tal-konsumatur, l-impjegi għandhom it-tendenza li jkunu aktar monotoni u ripetittivi, b'inqas ħtiġijiet ta' taħriġ irrapportati u inqas opportunitajiet ta' tagħlim, filwaqt li l-impjegi fis-settur tas-saħħa, l-amministrazzjoni pubblika u l-edukazzjoni jidhru li huma kkaratterizzati minn kompiti kumplessi, ħtiġijiet ta' taħriġ oġġli u aktar opportunitajiet ta' tagħlim. L-xogħol f'tim u r-rotazzjoni tal-kompiti huma pjuttost komuni fis-settur tas-saħħa, filwaqt li s-settur tal-edukazzjoni huwa kkaratterizzat minn xogħol aktar iżolat. Fl-edukazzjoni, ħaddiema tal-amministrazzjoni pubblika u tal-edukazzjoni jirrapportaw li bħala medja huma jridu jsolvu problemi aktar ta' spiss milli jagħmlu l-ħaddiema.

Fir-rigward tal-mard ikkawżat mix-xogħol rikonoxxut, filwaqt li r-rata ta' inċidenza tal-MSD hija aktar baxxa fil-ħaddiema nisa milli fil-ħaddiema rġiel, bl-eċċezzjoni tal-carpal tunnel syndrome u t-tenosinovite tal-id u tal-polz, meta jiġi kkunsidrat il-mard kollu kkawżat mix-xogħol, l-MSD jiffurmaw proporzjon ferm ogħla tal-mard kollu kkawżat mix-xogħol rikonoxxut fost il-ħaddiema nisa milli fost il-ħaddiema rġiel. Il-prevalenza u l-inċidenza tal-MSD ivarjaw skont is-settur okkupazzjonali fost in-nisa.

Riċerka riċenti mill-EU-OSHA (EU-OSHA, 2010) uriet li r-riskju ta' MSD fost in-nisa jista' jkun sottoklassifikat, u li mard speċifiku marbut ma' ħin twil f'pożizzjonijiet bilwieqfa, bilqiegħda u statiċi jistgħu jitħallew barra mill-istampa. Pereżempju, riċerkaturi Franċiżi sabu li ċerti impjiegi kienu assoċjati ma' riskju akbar ta' ostjoartrite fl-irkopptejn, il-ġenbejn u l-idejn; il-ħaddiema li nstabu li huma l-aktar f'riskju kienu n-nisa li jnaddfu, in-nisa fl-industrija tal-ħwejjegħ, bennejja rġiel u ħaddiema oħra tal-kostruzzjoni, u ħaddiema tal-agrikoltura rġiel u nisa. Din hija r-raġuni għaliex ir-rapport irrakkomanda li l-istħarriġ tal-ħaddiema nazzjonali jiġi estiż biex jinkludi sintomi fil-parti t'isfel tar-riġlejn, pereżempju uġiġħ fis-saqajn, il-ġenbejn u l-irkopptejn, fl-evalwazzjonijiet tagħhom u li huma jirreġistraw pożizzjonijiet statiċi u ħin twil f'pożizzjonijiet bilwieqfa u bilqiegħda u l-effetti tas-saħħa tagħhom. Attwalment, ix-xogħol statiku mhuwiex evalwat, u l-effetti tas-saħħa relatati mhumix riċerkati biżżejjed. Xi stħarriġ nazzjonali jindirizza dawn il-fatturi ta' riskju u juri li n-nisa jistgħu jkunu affettwati minnhom b'mod konsiderevoli — fatt li attwalment huwa eskluż mill-istampa Ewropea ġenerali.

Riċerka mill-EU-OSHA uriet li r-riskju ta' MSD fost in-nisa jista' jkun sottoklassifikat, u li mard speċifiku marbut ma' ħin twil f'pożizzjonijiet bilwieqfa, bilqiegħda u statiċi jistgħu jitħallew barra mill-istampa. Iżda xi Stati Membri fasslu programmi effettivi biex jindirizzaw ix-xogħol statiku, pereżempju fl-impjiegi tal-uffiċċju.

Ħafna mill-problemi tal-MSD esperjenzati mill-ħaddiema nisa jistgħu jiġu aggravati mill-fatt li t-tagħmir tax-xogħol (bħal skrivanji, siġġijiet u bankijiet tal-fabbrika) huwa mfassal biex jissodisfa il-ħtiġijiet ergonomiċi ta' raġel medju. L-insensittività għas-sessi fil-mod kif ix-xogħol u l-postijiet tax-xogħol huma ddisinjati tista' tikkontribwixxi għall-korrimet ta' strapazz ripetittiv fost il-ħaddiema nisa.

Ix-xogħol statiku jista' jaffettwa lin-nisa b'mod partikolari, peress li aktar nisa milli rġiel jaħdmu fis-servizz pubbliku u fl-impjiegi tal-uffiċċju. Minħabba l-kompjuters u l-użu tal-posta elettronika, m'hemmx aktar ħtieġa kbira biex il-persuni jiċċaqalqu fl-uffiċċju. Il-kompiti ta' kuljum li kienu parti mir-rutina ta' xogħol fl-uffiċċju — il-kunsinna tad-dokumenti bl-idejn, li wieħed jiċċaqalq minn postu biex imur jiddiskuti jew iqassam ix-xogħol ma' kollegi — issa jistgħu jitwettqu bi klikk sempliċi tal-maws. L-ebda moviment mhuwa meħtieġ. Hemm eżempji ta' Prattika tajba biex jiġu indirizzati dawn il-problemi. L-inizjattiva Ġermaniża "Kwalità Ġdida ta' Xogħol" żviluppat fuljett li joffri konsulenza lill-ħaddiema li jqattgħu parti kbira mill-ġurnata bilqiegħda, biex jgħinhom iqudu u jiċċaqilqu b'mod aktar frekwenti. Tingħata informazzjoni bażika dwar kif tiġi inkorporata l-organizzazzjoni tax-xogħol xierqa fid-disinn tal-post tax-xogħol ta' uffiċċju, inkluża għamara "dinamika" biex jagħmilha aktar faċli li persuna tiċċaqalq. Huwa jipprovi gwida dwar kif il-ħaddiema jistgħu jalternaw il-pożizzjonijiet fuq ix-xogħol, u joffri soluzzjonijiet dinamiċi għall-moviment frekwenti biex jgħin lill-ħaddiema jibqgħu b'saħħithom. Huwa r-rwol tal-EU-OSHA li tiġbor eżempji bħal dawn fl-Istati Membri u tgħin fil-promozzjoni u l-kondiviżjoni ta' dawn l-esperjenzi pożittivi.

F'xi Stati Membri, ir-rati tal-MSD qed jiżdiedu wkoll fost il-ħaddiema żgħażaġħ. Dan għandu jiġi esplorat biex l-attenzjoni titqiegħed fuq il-prevenzjoni għan-nisa żgħażaġħ u din tiġi mfassla għall-kondizzjonijiet speċifiċi tagħhom fuq il-post tax-xogħol.

F'xi Stati Membri, ir-rati tal-MSD qed jiżdiedu wkoll fost il-ħaddiema żgħażaġħ. Dan għandu jiġi esplorat biex l-attenzjoni titqiegħed fuq il-prevenzjoni għan-nisa żgħażaġħ u din tiġi mfassla għall-kondizzjonijiet speċifiċi tagħhom fuq il-post tax-xogħol.

Minbarra li nifhmu r-rwol ta' fatturi ta' riskju relatati max-xogħol għall-MSD li jiffaċċjaw il-ħaddiema nisa, huwa importanti wkoll li tiġi identifikata u mifhuma n-natura ta' fatturi ta' riskju li jħabbtu wiċċhom magħhom in-nisa fid-dar u kif dawn jikkontribwixxu għal jew jinteraġixxu ma' fatturi ta' riskju fuq il-post tax-xogħol. Fatturi ta' riskju fuq il-post tax-xogħol (xogħol ripetittiv u tagħmir ergonomiku dgħajfef) u l-fatturi fid-dar (fejn hemm inqas opportunità li wieħed jirrilassa u jagħmel eżerċizzju barra mix-xogħol) jistgħu jgħinu biex jispjegaw id-differenza osservata bejn is-sessi fil-gravità tas-sintomi.

Hemm perçeżżjoni li l-inviżibbiltà tar-riskji hija naturali għan-nisa, u dan huwa ffaċilitat mill-isterjotipar tal-effetti tad-distribuzzjoni tar-riskji. Pereżempju, huwa aċċettat li n-nisa li jaħdmu bħala infermiera u għalliema se jlaħħqu mal-ammont ta' xogħol tagħhom, bħala parti mill-kondizzjoni naturali tagħhom bħala ommijiet, aħwa u konjuġi, u għalhekk huma kkondizzjonati aħjar biex jitrattaw ma' pazjenti diffiċli, pereżempju. Għaldaqstant, ir-"riskju" tradizzjonalment kellu t-tendenza li jiġu injorat f'sitwazzjonijiet bħal dawn.

Jista' jiġi konkluż li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati l-kondizzjonijiet definiti ta' xogħol, fir-rigward mhux biss tar-riskji fiżiċi iżda anke riskji organizzattivi, meta titwettagħ l-evalwazzjoni tar-riskju.

L-evitar tas-suppożizzjonijiet huwa essenzjali sabiex jiġu stabbiliti miżuri xierqa ta' prevenzjoni u sabiex il-ħafna ħaddiema nisa f'dawn is-setturi jingħataw it-taħriġ u l-appoġġ xierqa.

L-esponiment tan-nisa għal sustanzi perikolużi jibqa' fil-parti l-kbira tiegħu mhux eżaminat

Dan ir-rieżami sab li l-esponiment għal sustanzi perikolużi għadu mhux evalwat biżżejjed. Matul dawn l-aħħar 20 sena, l-EWCSs żvelaw li l-ħaddiema nisa huma esposti aktar ta'spiss għal materjali infettivi bħall-iskart, fluwidi tal-ġisem u materjali tal-laboratorju fuq ix-xogħol, u l-ħaddiema nisa jirrapportaw aktar mard infettiv mill-kontropartijiet maskili tagħhom.

Fost l-esponimenti għal sustanzi perikolużi, l-immaniġġjar ta' sustanzi kimiċi u materjali infettivi jista' jinstab l-aktar fis-settur tas-saħħa ddominat min-nisa, iżda wkoll f'impjiegi ta' servizzi oħrajn. Dawn l-esponimenti huma spiss injorati. Barra minn hekk, il-ħaddiema fis-setturi tas-servizzi, bħall-kura tas-saħħa, is-settur tax-xagħar u l-kożmetoloġija, jistgħu jkunu esposti wkoll għal karċinoġeni perikolużi fuq il-post tax-xogħol. Fl-"impjiegi ekoloġiċi", bħall-immaniġġjar tal-iskart, in-nisa jistgħu jkunu esposti għall-asbestos u t-trabijiet tas-silika, kif ukoll għal varjetà ta' sustanzi kimiċi u aġenti bijoloġiċi. Il-manifattura tal-ikel u l-industrija tat-tessuti u tal-ġilda huma setturi oħra fejn in-nisa jistgħu jkunu esposti għal varjetà ta' kimiki u ta' aġenti bijoloġiċi.

Normalment, in-nisa mhumieks ikkunsidrati li huma esposti għal karċinoġeni bl-istess mod bħal ma huma l-irġiel, iżda dawn jistgħu jkunu hekk f'impjiegi speċifiċi, pereżempju dry-cleaners esposti għat-trikloroetilin; il-ħaddiema dentali esposti għall-berillju; il-ħaddiema tal-kura tas-saħħa esposti għall-virus tal-epatite, li jista' jikkawża l-kanċer tal-fwied, jew għall-mediċini ċitostatiċi; jew il-ħaddiema tal-manifattura esposti għas-silika jew għall-fibri tal-minerali. Dan huwa rifless ukoll fl-għadd baxx ta' mard okkupazzjonali nnotifikat, għalkemm bi skrinjar u monitoraġġ usa', iċ-ċifri nazzjonali wrew żieda bil-mod fil-każijiet innotifikati tal-mesoteljoma fin-nisa.



Bil-permess ta' INSHT

L-esponimenti f'dawn l-impjiegi, iżda anke f'kompiti oħra bħat-tindif, jistgħu jkunu varjati u huma ta' spiss imprevedibbli. Din hija r-raġuni għaliex huwa kruċjali li jiġu evitati suppożizzjonijiet dwar dak li n-nisa huma esposti għalih u jiġu applikati l-istess prinċipji ta' evalwazzjoni, sostituzzjoni u eliminazzjoni tar-riskji, u l-ġerarkija ta' miżuri ta' prevenzjoni, kif definit fl-approċċ tal-prevenzjoni tal-UE, bħal fil-każ ta' ħaddiema oħrajn. Tabella 1 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-ħafna esponimenti li n-nisa jistgħu jġarrbu.

Tabella 1: Eżempji ta' esponimenti potenzjali għal sustanzi perikolużi għall-ħaddiema nisa

Sustanza	Sors	Ċirkostanzi	Xogħol, komputu
Aġenti bijoloġiċi u infettivi	Animali Oġġetti tal-ikel, prodotti li jitħassru Insetti u vetturi oħra Kuntatt ma' passiġġieri, pazjenti, klijenti	Tindif Kuntatt ma' oġġetti tal-ikel Kuntatt ma' klijenti u prodotti infettati Kuntatt ma' animali Qatgħat u tingiż Kuntatt ma' aġenti infettivi waqt l-ivvjaġġar barra mill-pajjiż	Bdiewa u ħaddiema agrikoli Ħaddiema li jnaddfu Ħaddiema tas-servizzi u tal-manutenzjoni Persunal tal-kura tas-saħħa Parrukkiera Persunal għall-forniment tal-ikel Għalliema u ħaddiema tal-iskejjel tat-trabi Ħaddiema fis-settur tal-bejgħ Kura fid-djar
Trabijiet, partiċelli	Prodotti perikolużi Fibri tessili (eż. qoton) Oġġetti tal-ikel (trab tal-qamħ, trab minn oġġetti tal-ikel maħżuna)		Ħaddiema tat-tessuti Ħaddiema li jnaddfu u dry-cleaners Ħaddiema tal-manutenzjoni
Prodotti tal-kożmetiċi		Is-settur tax-xagħar Kura domestika Kura tas-saħħa	Parrukkiera Ħaddiema tal-kura tas-saħħa
Diżinfettanti	Prodotti tat-tindif Prodotti tal-kura tas-saħħa	Tindif tal-postijiet tax-xogħol Dizinfazzjoni fil-kura tas-saħħa	Ħaddiema tal-kura tas-saħħa Ħaddiema li jnaddfu Ħaddiema tal-manutenzjoni
Dħaħen tal-egżost Egżost u partiċelli tad-diżil	Egżost minn magna tal-kombustjoni, inklużi magni tad-diżil u magni oħra fuq trakkijiet, vapuri, ferroviji u xarabanks	Kuntatt mhux intenzjonat waqt it-tagħbija u l-ħatt Manutenzjoni Riforniment ta' fjuwil Żoni għall-parkeġġ tal-vetturi	Ħaddiema tal-manutenzjoni Ħaddiema fis-settur tal-konsumatur Sewwieqa, ħaddiema tal-kunsinna u tal-merkanzija Kurriers Ħaddiema fuq vjaġġi relatati man-negozju Ħaddiema tat-trasport
Sustanzi ta' sensitizzazzjoni	Oġġetti tal-ikel, prodotti li jitħassru Aġenti tat-tindif		Forniment tal-ikel, kokijiet Ħaddiema tal-merkanzija Ħaddiema li jnaddfu
Pestiċidi u sustanzi kimiċi tal-ħażna	Oġġetti tal-ikel Annimali	Agrikoltura u trobbija tal-annimali Ortikultura Ħaddiema li jimmaniġġjaw oġġetti minn kontenituri u minn żoni tal-ħażna	Bdiewa u ħaddiema agrikoli Ġardinara Settur tal-konsumatur Ħaddiema li jnaddfu

Sustanza	Sors	Ċirkostanzi	Xogħol, komputu
Ċomb u metalli oħrajn	Manifattura ta' tagħmir elettroniku Kura dentali Ottometristi	Manifattura ta' prosteżi dentali, nuċċalijiet, tagħmir elettroniku	
Solventi	Prodotti tat-tindif Karburi Arja ambjentali Żebgħa, linka, kolla u verniċ Prodotti kożmetiċi Reżina u kolla Drogi	Tindif Tindif bix-xott tat-tessuti Stampar Xogħol tal-laboratorju Il-ġestjoni tal-medikazzjoni Manifattura ta' tagħmir dentali u ottometriku	Manifattura Industrija tal-ġilda Industrija tat-tessuti Ħaddiema li jnaddfu u dry-cleaners Parrukkiera Servizzi fuq vapuri, ferroviji, xarabanks Stampar Xogħol tal-laboratorju, spiżjara
Sustanzijammabbli u splussivi	Solventi (ara hawn fuq) Karburi	Tindif, tindif bix-xott Il-ġestjoni ta' prodotti li fihom is-solventi Aċċidenti u tixrid Manutenzjoni Riforniment tal-fjuwil	Ħaddiema li jnaddfu, dry-cleaners Ħaddiema tal-manifattura Ħaddiema tal-manutenzjoni
Sustanzi karċinoġeni			
Drogi	Drogi ċitostatiċi		Kura tas-saħħa
Asbestos	Materjali tal-iżolament Il-ġestjoni tal-iskart		Ħaddiema għall-ġestjoni tal-iskart Ħaddiema tal-manutenzjoni u tat-tindif Qraba tal-ħaddiema tal-asbestos
Terra li fiha l-asbestos	Kura tas-saħħa Laboratorji		
Fibri minerali	Il-ġestjoni tal-iskart Manifattura ta' ħġieġ u oġġetti magħmula mill-ħġieġ		
Silika kristallina	Ħaddiema esposti għat-trab u t-trab tal-ambjent Xkatlar ta' tessut manifatturat u ta' prodotti oħra	Xkatlar ta' tessuti Trattament ta' brix ta' materjali li jiġġeneraw is-silika, bħall-ħġieġ	Manifattura Industrija tat-tessuti Ħaddiema li jnaddfu, eż. fuq siti tal-konstruzzjoni jew minn ilbies ikkontaminat

Sustanza	Sors	Ċirkostanzi	Xogħol, komputu
Berillju	Ħaddiema dentali		Manifattura ta' prosteżi dentali
Dħaħen tal-issaldjar karċinoġeni	Manifattura ta' tagħmir elettroniku		
Solventi karċinoġeni	Manifattura, pereżempju ta' żraben u ta' prodotti tal-ġilda Laboratorji	Użu taż-żebgħa u tal-kolla Użu ta' solventi organiċi	Manifattura ta' żraben u ta' ġilda Ħaddiema tal-laboratorji, spiżjara
Koloranti karċinoġeni	Industrija tat-tessuti Koloranti tax-xagħar	Għoti ta' kulur lix-xagħar u tessuti	Industrija tat-tessuti Parrukkiera
Dħaħen tad-diżil	Vetturi, inklużi f'żoni ta' ħażna	Xogħol f'żoni ta' ħażna Ħaddiema li jsuqu u jieħdu ħsieb tal-vetturi	Ħaddiema tat-trasport Ħaddiema fis-settur tal-konsumatur Kurriers u ħaddiema fuq vjaġġi relatati man-negozju Ħaddiema li jnaddfu f'żoni b'għadd kbir ta' vetturi
Ossidu tal-etilen	Kura tas-saħħa	Diżinfekzzjoni ta' tagħmir mediku	
Formaldeid	Prodotti kożmetiċi Prodotti tal-kura tas-saħħa		Parrukkiera u professjonijiet assoċjati Kura tas-saħħa
Kostitwenti tal-lasktu	Settur tal-konsumatur Manifattura		
Dħaħen tad-tabakk	Lukandi, ristoranti u forniment tal-ikel		
Trikloroetilen	Tindif, tindif bix-xott Manifattura		Ħaddiema li jnaddfu u dry-cleaners Manifattura
Sustanzi radjuattivi	Kura tas-saħħa Laboratorji		

Id-differenzi bejn is-sessi fil-teħid u l-metabolizzazzjoni ta' sustanzi perikolużi ġew esplorati ulterjorment: instab li, bħala medja, in-nisa għandhom dimensjonijiet tal-ġisem iżgħar minn tal-irġiel, li huwa ekwivalenti għal wiċċ iżgħar għall-esponiment kimiku minn ġol-ġilda. Madankollu, minkejja dan il-wiċċ iżgħar il-fluss tad-demem tal-organi tagħhom huwa relattivament oġġla, u b'hekk tiżdied ir-rata li biha s-sustanzi kimiċi li jiċċirkolaw fid-demem jilhqgħu t-tessuti; il-klirjanza tal-kliewi tagħhom hija wkoll iktar bil-mod minn tal-irġiel, li tnaqqas il-kapaċità tagħhom li jarmu l-komposti tossiċi. Għaldaqstant, il-perspettiva tas-sessi fl-esponiment hija rilevanti ħafna.

L-evidenza xjentifika qiegħda turi dejjem iżjed li xi sustanzi kimiċi industrijali, magħrufa bħala sustanzi li jfixxlu s-sistema endokrinali (EDCs), jew li jfixxlu l-ormoni, jista' jkollhom effetti konsiderevoli fuq il-ħaddiema u jaġixxu fuq it-trabi tagħhom, b'mod partikolari jekk l-esponiment iseħħ waqt l-iżvilupp tal-fetu. Stadji oħra ta' żvilupp rapidu huma vulnerabbli wkoll għat-tfixkil tal-ormoni. Bl-esponiment, in-nisa u l-bniet huma f'riskju akbar li jiżviluppaw problemi tas-saħħa riproduttivi bħall-pubertà bikrija, l-

infertilità u l-kanċer tas-sider



Bil-permess tal-Bord Awstrijaku għall-Kumpens tal-Ħaddiema

Xi sustanzi kimiċi industrijali, magħrufa bħala sustanzi li jfixxlu s-sistema endokrinali (EDCs), jew li jfixxlu l-ormoni, jista' jkollhom effetti konsiderevoli fuq il-ħaddiema u jaġixxu fuq it-trabi tagħhom. Bi-esponiment, in-nisa u l-bniet huma f'riskju akbar li jiżviluppaw problemi tas-saħħa riproduttivi bħall-pubertà bikrija, l-infertilità u l-kanċer tas-sider.

Mard u kanċer ikkawżati mix-xogħol

L-informazzjoni dwar il-kanċer ikkawżat mix-xogħol fin-nisa għadha skarsa, għalkemm ir-rikonoxximent riċenti tax-xogħol bil-lejl bħala kawża ewlenija ta' kanċer tas-sider wassal għal skoperta ġdida, li ppermettiet li jiġu kkunsidrati fatturi organizzattivi bħala l-kawża ewlenija għall-mard li normalment ikun attribwit lil sustanzi perikolużi. Dan ir-rieżami jikkonferma wkoll li l-valutazzjoni tal-kanċer u l-monitoraġġ tal-esponiment għall-karċinoġeni, kif ukoll listi ta' mard ikkawżat mix-xogħol, għadhom iffokati b'mod qawwi fuq l-impjegi tal-irġiel u l-esponimenti tal-irġiel. Saru tentattivi inizjali biex jingħataw pariri dwar kif jiġi organizzat aħjar ix-xogħol bix-xift u l-iskedi ta' mistrieħ sabiex jiġu evitati riskji ta' kanċer. Dawn l-inizjattivi huma ppreżentati f'dan ir-rapport.

Studju Franċiż li għadu għaddej sab rati simili ta' kanċer ikkawżat mix-xogħol fiż-żewġ sessi minn esponimenti għal tal-inqas tliet karċinoġeni differenti. Każijiet ta' mesoteljoma rikonoxxuti fin-nisa qegħdin jiżdiedu wkoll, u l-possibilità ta' rabta bejn il-kanċer u l-esponiment okkupazzjonali għal sustanzi kimiċi ġiet stabbilita għan-nisa f'xi impjegi tas-servizzi, bħall-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, il-parrukkiera u l-ħaddiema tas-servizzi tat-tessuti u tad-djar li huma ta' età medja.

Ir-rikonoxximent riċenti tax-xogħol bil-lejl bħala kawża ewlenija ta' kanċer tas-sider wassal għal skoperta ġdida, li ppermettiet li jiġu kkunsidrati fatturi organizzattivi bħala kawża ewlenija għall-mard li normalment ikun attribwit lil sustanzi perikolużi. Dan ir-rieżami jikkonferma wkoll li l-valutazzjoni tal-kanċer u l-monitoraġġ tal-esponiment għall-karċinoġeni, kif ukoll listi ta' mard ikkawżat mix-xogħol, għadhom iffokati b'mod qawwi fuq l-impjegi tal-irġiel u l-esponimenti tal-irġiel. Saru tentattivi inizjali biex jingħataw pariri dwar kif jiġi organizzat aħjar ix-xogħol bix-xift u l-iskedi ta' mistrieħ sabiex jiġu evitati riskji ta' kanċer. Dawn l-inizjattivi huma ppreżentati f'dan ir-rapport.

Madankollu, ir-rati ta' rikonoxximent għadhom baxxi ħafna, bħal ma huwa wkoll l-istat ta' għarfien dwar l-esponimenti li jistgħu jwasslu għall-kanċer ikkawżat mix-xogħol fin-nisa. Fl-Istati Uniti, l-Istitut Nazzjonali għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (NIOSH) ikompli jistudja r-rabtiet bejn is-sustanzi perikolużi l-ossidu tal-etilene (ETO), il-poliklorobifenil (PCBs) u l-perkloroetilene u l-kanċer fin-nisa (b'mod speċjali tas-sider u dak ċervikali). L-ETO huwa użat biex jisterilizza l-provvisti mediċi, u fl-2001 kien stmat li aktar minn 100 000 mara fuq il-postijiet tax-xogħol tal-Istati Uniti kienu esposti

għas-sustanza. Il-PCB huma komposti li qabel kienu użati fl-industrija tal-elettriku li ġew ipprojbati mill-1977. Madankollu, prodotti magħmula mill-PCB għandhom jinstabu fuq il-post tax-xogħol u fl-ambjent, għalhekk il-ħaddiema jibqgħu esposti għal dan il-kompost. In-nisa li jaħdmu fl-industrija tat-tindif bix-xott huma esposti għall-perkloroetilene peress li huwa s-solvent ewlieni użat f'din l-industrija.

Studji preċedenti li sabu li l-assistenti nisa fuq it-titjiriet kienu f'riskju akbar li jiżviluppaw il-kanċers kollha, b'mod partikolari l-kanċer tal-melanoma u tas-sider, kienu kkonfermati.

Studju riċenti (Tieves, 2011) wera li l-qofol ta' kollox jista' jkun is-sensibilizzazzjoni: analiżi ddettaljata ta' data nazzjonali dwar il-mard ikkawżat mix-xogħol turi li l-mard tal-ħaddiema nisa huwa b'mod sinifikanti ferm anqas innotifikat u, meta jkun innotifikat, ir-rati ta' rikonnoxximent huma ħafna aktar baxxi. Ħafna mard mhuwix evalwat għall-komponent okkupazzjonali tiegħu. Ir-rabta bejn l-esponiment okkupazzjonali u l-mard hija wkoll ferm inqas esplorata għall-ħaddiema nisa, li jwassal għal ommissjoni ta' fatturi ta' riskju rilevanti għan-nisa mill-evalwazzjoni globali. Dan jissuġġerixxi l-ħtieġa għal evalwazzjoni aħjar tal-mard tal-kanċer relatat mas-sustanzi kimiċi fin-nisa.

Analiżi ddettaljata ta' data nazzjonali dwar il-mard ikkawżat mix-xogħol turi li l-mard tal-ħaddiema nisa huwa b'mod sinifikanti ferm anqas innotifikat u, meta jkun innotifikat, ir-rati ta' rikonnoxximent huma ħafna aktar baxxi.

Kif innutat, in-nisa jaħdmu part time aktar spiss mill-irġiel. Il-ħaddiema part-time għandhom it-tendenza li jkollhom inqas aċċess għal taħriġ, inqas kontroll fuq ix-xogħol tagħhom, u inqas aċċess għal servizzi ta' prevenzjoni. Dawn il-fatturi kollha jżidu l-esponiment tagħhom. B'dan il-mod, kwistjonijiet usa' jistgħu jinfluwenzaw b'mod konsiderevoli s-sitwazzjoni tas-saħħa u s-sigurtà u l-kapaċità ta' dawn il-ħaddiema biex jindirizzaw l-esponiment tagħhom. Barra minn hekk, dawn jistgħu jiġihallaw barra minn riċerka rilevanti u għalhekk jiġu injorati. L-esponimenti huma rarament iddokumentati.

Esponimenti ikkombinati

Dan ir-rieżami pprova jesplora letteratura li tiddeskrivi esponiment kkombinata għan-nisa fuq il-post tax-xogħol (it-Tabelli 2, 4). Rieżami riċenti tal-EU-OSHA (EU-OSHA, 2009a) indirizza esponimenti ikkombinati għal ħsejjes u sustanzi ototossiċi u sab li dawn jistgħu jkunu rilevanti għan-nisa f'setturi u impjiegi varji, f'setturi tal-manifattura bi proporzjon għoli ta' ħaddiema nisa, bħall-produzzjoni tal-ikel u l-industrija tat-tessuti, kif ukoll f'setturi tas-servizzi bħal-lukandi, ir-ristoranti u l-forniment tal-ikel u l-kura tas-saħħa, jew fit-tindif u l-manutenzjoni industrijali. Esponimenti ikkombinati ta' ħsejjes u sustanzi kimiċi jistgħu jwasslu għal effetti newrotossiċi.

Ir-rieżamijiet tar-riskji emerġenti tal-Osservatorju Ewropew tar-Riskju enfasizzaw ukoll l-esponiment kkombinat bħala kwistjoni partikolari għar-riċerka, b'mod speċjali għall-ħaddiema fil-professjonijiet tas-servizzi.



Bil-permess ta' INSHT

Analiżi ddettaljata tas-sorsi ta' data nazzjonali u Ewropej turi li f'ħafna professjonijiet, in-nisa huma esposti għal diversi riskji ergonomiċi fi kwalunkwe ħin partikolari, li mbagħad jistgħu jikkontribwixxu għall-prevalenza oġġla ta' MSD meta mqabbla mal-ħaddiema rġiel. Is-setturi differenti juru mudelli differenti ta' esponimenti għall-fatturi ta' riskju differenti, iżda fis-setturi kollha diversi fatturi ta' riskju huma ħafna aktar prevalenti mill-medja. Bħala eżempju, filwaqt li l-ħaddiema fis-settur tal-lukandi, tar-ristoranti u tal-forniment tal-ikel iwettqu aktar ta' spiss kompiti monotoni u ripetittivi, iġorru tagħbijiet tqal u huma esposti għal pożizzjonijiet li jikkawżaw għeja, il-kontropartijiet tagħhom fis-settur tal-kura tas-saħħa jirrapportaw kompiti kumplessi, interruzzjonijiet frekwenti u xogħol bil-kompjuters. Iż-żewġ gruppi huma esposti ħafna għal tul ta' żmien bilwieqfa u għall-fatturi oħra ta' riskji fiżiċi u organizzattivi li jistgħu jwasslu għal MSD.

Ir-rieżamijiet tar-riskji emerġenti tal-Osservatorju Ewropew tar-Riskju enfasizzaw ukoll l-esponiment kkombinat bħala kwistjoni partikolari għar-riċerka, b'mod speċjali għall-ħaddiema fil-professjonijiet tas-servizzi.

Minbarra l-fatturi ta' riskju uniku, kif muri minn studju Franċiż, esponimenti multipli għal aktar minn fattur ta' riskju wieħed relatati mal-MSD huma kemxejn aktar komuni fost in-nisa milli fost il-kontropartijiet maskili tagħhom (SUMER, 2003). Barra minn hekk, filwaqt li l-esponimenti naqsu bl-età għall-ħaddiema rġiel, dawn żdiedu għall-ħaddiema nisa. Il-mudelli ta' esponimenti ikkombinati huma wkoll distinti u karatterizzati minn ripetittività u pożizzjonijiet li huma partikolarment ta' strapazz mil-lat ergonomiku (tagħwiġ, liwi u tiġbid).

Studji oħra jenfasizzaw il-pożizzjonijiet bilwieqfa jew bilqiegħda fit-tul flimkien ma' xogħol statiku bħala partikolarment rilevanti għall-professjonijiet tan-nisa u mhumiex evalwati biżżejjed fi sħarriġ u f'għodod ta' monitoraġġ nazzjonali. Studju Ewropew sab li kien hemm proporzjon ogħla ta' nisa li jwettqu kompiti ripetittivi għal perjodu itwal mill-irġiel u li dan jista' jkun minħabba l-ħtieġa li jinżammu impjegji fl-oqsma li huma adattati għall-ħtiġijiet soċjali usa' tagħhom.

Skont ir-raba' EWCS, aktar ħaddiema nisa (48.5 %) mill-kontropartijiet maskili tagħhom (43.1 %) ħadmu bil-kompjuters. Barra minn hekk, il-ħaddiema nisa (38.0 %) użaw l-Internet u l-posta elettronika aktar ta' spiss fuq ix-xogħol mis-sess oppost (34.5 %). In-nisa huma predominanti fis-setturi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u dak pubbliku, kif ukoll fl-impjegji klerikali, li kollha jistgħu jiġu kkaratterizzati minn użu akbar tal-IT, pożizzjonijiet statiċi u l-pożizzjonijiet bilwieqfa jew bilqiegħda fit-tul.

Kompiti kumplessi jmorru id f'id mal-ħtieġa għal aktar taħriġ fil-kura tas-saħħa u fl-edukazzjoni, filwaqt li kompiti monotoni huma kkombinati ma' xogħol b'ritmu mgħaġġel u skadenzi stretti fis-settur tal-lukandi, tar-ristoranti u tal-forniment tal-ikel. Fattur komuni għall-professjonijiet kollha tas-servizzi huwa li l-pass huwa dipendenti mill-klijenti u li hemm interruzzjonijiet frekwenti.

Studju riċenti tal-EU-OSHA (2009b) sab li l-età tal-ħaddiema u l-fatt li l-ħaddiema li jnaddfu qed jaħdmu billejl jew kmieni filgħodu taw kontribut għar-riskju ta' korrimenti minħabba żliq u tfixkil f'oġġetti, hekk kif il-ħinijiet ta' reazzjoni tagħhom jżdiedu u l-livelli ta' konċentrazzjoni jonqsu billejl. Karatteristika tas-settur tat-tindif fl-Ewropa hija d-dominanza tan-nisa, b'mod partikolari nisa maturi. Madankollu, l-età mhijiex l-unika raġuni għar-rati għolja ta' aċċidenti. Il-ħaddiema li jnaddfu jkollhom jaħdmu fuq pavimenti maħmuġin, pavimenti mxarriba, kisi differenti tal-pavimenti u bidliet minn żoni mxarribin għal żoni xotti. Barra minn hekk, il-ħaddiema li jnaddfu rament jistgħu jinfluwenzaw l-ordni fuq il-post tax-xogħol. Għalhekk, ir-riskju ta' tfixkil ikkawżat minn oġġetti mwaqqgħa mal-art huwa pjuttost għoli. L-industrija tat-tindif timpjega wkoll proporzjon għoli ta' ħaddiema minn minoritajiet etniċi u ħafna ħaddiema migranti, li jistgħu jaħdmu mingħajr ma jifhem b'mod adegwat l-istruzzjonijiet tal-persuna li tħarreġ jew ta' min iħaddem. Fuq kollox, hemm it-tendenza li jiġu injorati s-saħħa u s-sigurtà fl-impjegji b'paga baxxa bħal mhuwa t-tindif.

Filwaqt li r-rieżami jipprovdi xi informazzjoni riċenti dwar esponimenti ikkombinati fl-impjegji tan-nisa, dan jenfasizza wkoll lil dan kollu, bħala qasam fejn hemm bżonn ta' aktar riċerka biex titjieb il-prevenzjoni.



Bil-permess ta' INSHT

Tabella 2: Riskji kkombinati — kwistjoni ta' importanza kbira għan-nisa fuq il-post tax-xogħol

2	Riżultati
Xogħol fis-setturi tas-servizzi	
Impjiegi mhux koperti mil-leġiżlazzjoni tal-OSH	
Pożizzjonijiet bilwieqfa jew bilqiegħda fit-tul	
Pożizzjonijiet statiċi	Stress u problemi ta' saħħa mentali
Xogħol monotonu u ripetittiv	Aċċidenti differenti: żliq, tfixkil fuq oġġetti u waqgħat, vjolenza relatata, korrimenti kkawżati minn labar tas-siringi, qatgħat u tfekkik
Il-ġarr ripetittiv ta' tagħbijiet u l-ġarr ta' persuni	L-għeja u l-problemi konjittivi
Esponiment għal aġenti bijoloġiċi u kimiċi	Problemi muskuloskeletal
Kuntatt mal-klijenti u mal-pazjenti	Mard infettiv
Xogħol fl-istabbilimenti tal-klijenti	Problemi fil-ġilda, ażma
Rwoli multipli	
Nuqqas ta' informazzjoni u taħriġ	
Kontroll, awtonomija u appoġġ dgħajfa	

Tabella 3: Eżempji ta' perikli u riskji li nstabu fl-impjiegi ddominati min-nisa

Żona tax-xogħol	Bijoloġiċi	Fatturi ta' Riskju u problemi tas-saħħa Fiżiċi Kimiċi		Psikosoċjali
Kura tas-saħħa	Mard infettiv — permezz ta' taħlit ta' demm, respiratorju, eċċ.	Tqandil manwali u pożizzjonijiet ta' strapazz; radjazzjoni jonizzanti	Aġenti tat-tindif, tal-isterilizzazzjoni u tad-diżinfekzjoni; mediċini; gassijiet anestetiċi	Xogħol “emozzjonalment eżiġenti”; xogħol bix-xift u ta' billejl; vjolenza mill-klijenti u l-pubbliku
Ħaddiema tal-iskejjel tat-trabi	Mard infettiv, b'mod partikolari dak respiratorju	Tqandil manwali; pożizzjonijiet ta' strapazz		“Xogħol emozzjonali”
Tindif	Mard infettiv; dermatite	Tqandil manwali; pożizzjonijiet ta' strapazz; żliq u waqgħat; idejn imxarrba	Aġenti tat-tindif	Ħinijiet diffiċli; vjolenza, eż. jekk taħdem b'mod iżolat jew fit-tard
Ikel produzzjoni	Mard infettiv, eż. jinġarr mill-annimali u minn spori tal-moffa; trabijiet organiċi	Movimenti ripetittivi, eż fl-impjiegi tal-imballaġġ jew biċċeriji; feriti ta' skieken; temperaturi kesħin; ħsejjes	Residwi tal-pestiċidi; aġenti sterilizzanti; ħwawar u addittivi ta' sensitizzazzjoni	Stress assoċjat ma' xogħol ta' linja tal-immuntar ripetittiv

Żona tax-xogħol	Bijoloġiċi	Fatturi ta' Riskju u problemi tas-saħħa Fiżiċi Kimiċi		Psikosoċjali
Forniment tal-ikel u ristoranti xogħol	Dermatite	Tqandil manwali; tqattigħ ripetittivi; qatgħat minn skieken; ħruq; żliq u waqgħat; sħana; aġenti tat-tindif	Tipjip passiv; aġenti tat-tindif	Stress minħabba xogħol mgħaġġel, komunikazzjoni mal-pubbliku, vjolenza u fastidju
Tessuti u ħwejjeġ	Trabijiet organiċi	Ħsejjes; movimenti ripetittivi u pożizzjonijiet strambi; korrimenti bil-labar	Koloranti u sustanzi kimiċi oħra, inklużi l-formaldeid fil-preses permanenti u solventi għat-tneħħija tat-tbajja'; trab	Stress assoċjat ma' xogħol ta' linja tal-immuntar ripetittiv
Laundries	Bjankerija infettata, eż. fl-isptarijiet	Tqandil manwali u pożizzjonijiet ta' strapazz; sħana	Solventi għall-ħasil bix-xott	Stress assoċjat ma' xogħol ripetittiv u b'rata mgħaġġla
Settur taċ-ċeramika		Movimenti ripetittivi; tqandil manwali	Uċuħ tal-ħġieġ, ċomb, trab tas-silika	Stress assoċjat ma' xogħol ta' linja tal-immuntar ripetittiv
"Dawl" manifattura		Movimenti ripetittivi, eż. fix-xogħol ta' linja tal-immuntar; pożizzjonijiet skomdi; tqandil manwali	Sustanzi kimiċi fil-mikroelettronika	Stress assoċjat ma' xogħol ta' linja tal-immuntar ripetittiv
Ċentri telefoniċi		Problemi fil-vuċi assoċjati mat-taħdit; pożizzjonijiet skomdi; pożizzjoni bilqiegħda fit-tul	Kwalità tal-arja ta' ġewwa batuta	Stress assoċjat mal-komunikazzjoni mal-klijenti, ritmu ta' xogħol u xogħol ripetittiv
Edukazzjoni	Mard infettiv, eż. respiratorju, ħożba	Pożizzjoni bilwieqfa fit-tul; problemi fil-vuċi	Kwalità tal-arja ta' ġewwa batuta	Xogħol "emozzjonalment eżiġenti", vjolenza

Sors: EU-OSHA (2003a: 12-13)

Id-diżabilità u r-riabilitazzjoni

Peress li l-kapaċità tax-xogħol saret kwistjoni ewlenija fil-politika soċjali, bħala riżultat tat-tixjiħ tal-popolazzjoni li taħdem, u meta wieħed jikkunsidra l-fatt li l-ħaddiema nisa jsufu aktar minn mard li jwassal għal assenzi twal minn fuq il-post tax-xogħol bħall-MSD u l-problemi ta' saħħa mentali, dan ir-rieżami haress lejn l-aċċess tan-nisa għar-riabilitazzjoni u l-iskemi ta' ritorn għax-xogħol u l-aċċess tan-nisa b'diżabilità għax-xogħol. Il-kapaċità tax-xogħol hija kwistjoni importanti wkoll hekk kif aktar u aktar nisa ta' età ikbar jidhru fis-suq tax-xogħol u l-età tal-irtirar qed tiġi rieżaminata fir-rigward tan-nisa

f'ħafna sistemi tal-pensjoni nazzjonali.

Fl-analiżi tal-ħaddiema b'diżabbiltà u l-aċċess tagħhom għal riabilitazzjoni vokazzjonali u kumpens, id-data turi li, bħala medja, fl-UE n-nisa u l-irġiel għandhom it-tendenza li jkollhom rati simili ta' diżabbiltà. Din l-ugwaljanza għandha t-tendenza li tonqos, madankollu, meta l-ħaddiema jkollhom aċċess għar-riabilitazzjoni u japplikaw għall-kumpens. B'mod ġenerali, hemm anqas probabbiltà li t-tobba jirrakkomandaw programmi ta' riabilitazzjoni għan-nisa, li jista' jkun wieħed mill-fatturi li jikkontribwixxu għal rati ta' parteċipazzjoni aktar baxxi tan-nisa f'dawn l-iskemi. Fatturi oħra li jikkontribwixxu jistgħu jkunu l-età tagħhom, id-dfuh aktar baxx tagħhom u l-fatt li ta' spiss huma jkunu qed jieħdu ħsieb persuni dipendenti minnhom.

L-istudju sab ukoll li m'hemm l-ebda linja ċara miġbuda bejn id-diżabbiltà miksuba u d-diżabbiltà marbuta ma' fatturi oħra, u dan kien il-każ b'mod speċjali għall-ħaddiema nisa. Meta jiksbu impjieg, in-nisa b'diżabbiltà xorta jibqgħalhom ostakli x'jegħlbu, bħall-perċezzjoni tagħhom tal-impjieg tagħhom, is-sottoimpjieg, in-nuqqas ta' akkomodazzjoni għad-diżabbiltà tagħhom u l-attitudnijiet ta' min iħaddem. L-akkomodazzjoni hija aspett kruċjali tal-kapaċità tan-nisa biex jagħmlu progress fil-karrieri tagħhom. Kwistjoni li affettwat kif in-nisa għelbu l-problemi kienet l-assistenza fuq il-post tax-xogħol, iżda din kienet l-aktar influwenzata minn jekk id-diżabbiltà kinix viżibbli jew le. Studju partikolari rrapporta li perċentwal akbar ta' nisa b'diżabbiltà "viżibbli", bħal amputazzjonijiet, riġlejn artifiċjali jew persuna għamja li tirrikjedi l-użu ta' bastun u klieb gwida, x'aktarx li kienu jiddikjaraw li rċevew l-assistenza aktar minn dawk li d-diżabbiltà tagħhom kienet inqas viżibbli.

Studju partikolari sab li t-taħriġ ta' riabilitazzjoni vokazzjonali kien ippreġudikat lejn l-industrija aktar milli lejn setturi bħas-servizzi u s-settur pubbliku, fejn in-nisa huma predominanti. Barra minn hekk, l-iskemi ta' riabilitazzjoni vokazzjonali kienu mħaddma fuq is-suppożizzjoni li l-impjieg se jkun full-time, għalhekk naqas milli jikkunsidra l-mudelli tax-xogħol li jistgħu jkunu aktar adattati għall-ħaddiema nisa. Dan imbagħad wassal għal parteċipazzjoni baxxa. Peress li f'tit nisa għażlu li jattendu, ma kien hemm l-ebda pressjoni fuq iċ-ċentri biex jibdlu l-iskemi tagħhom biex jakkomodawhom. Studju ieħor irrimarka li l-kumpens spiss jonqos milli jqis il-bżonnijiet ta' kura tat-tfal waqt li tkun għaddejja r-riabilitazzjoni.

Fl-isvezja, evalwazzjoni partikolari tar-relazzjoni bejn il-liv minħabba mard u l-pensjoni ta' invalidità sabet li, għalkemm aktar nisa milli rġiel ingħataw pensjoni ta' invalidità minħabba l-kondizzjoni tagħhom, aktar nisa ngħataw pensjoni ta' invalidità temporanja part-time u aktar irġiel ingħataw pensjoni permanenti. Dan minkejja l-fatt li n-nisa kellhom rata ogħla ta' liv minħabba mard fit-tul. Dawn l-awturi jissuġġerixxu li peress li l-irġiel huma aktar probabbli li jaħdmu full-time jista' jkun hemm preġudizzju kulturali kontra l-għoti ta' pensjoni parzjali. Barra minn hekk, dawn jinnutaw li jekk in-nisa jiddikjaraw li huma kapaċi jagħmlu xogħol tad-dar, rament jingħataw pensjoni ta' invalidità full-time. Il-ħtieġa għan-nisa biex b'mod konsistenti u kostanti jkollhom *jiġġustifikaw* id-dritt tagħhom għal kumpens ma tidhirx li kellha xi żvilupp kbir mis-snin ħamsin u sittin, meta ġew enfasizzati għall-ewwel darba d-diffikultajiet li n-nisa kienu jiltaqgħu magħhom meta jfittxu kumpens għal korrimenti u mard relatati max-xogħol.

Jista' jiġi konkluż li jeħtieġ li aktar nisa jidħlu għal dawn l-iskemi, peress li n-nisa b'diżabbiltà, kemm jekk miksuba fuq ix-xogħol kemm jekk le, huma limitati fl-għażla tagħhom ta' impjieg, u jistgħu jaħdmu f'impjegi li huma ripetittivi u jistgħu jkunu aktar perikolużi, peress li l-istazzjonijiet tax-xogħol, il-makkinarju u t-tagħmir li jużaw huma ta' spiss maħsuba biex jintużaw mill-irġiel.

Ir-riċerka tal-EU-OSHA dwar ħaddiema żgħażaġħ sabet ukoll li l-aċċess għall-ħaddiema żgħażaġħ għall-iskemi ta' riabilitazzjoni kien limitat ħafna. Dan għandu jiġi kkunsidrat ukoll għan-nisa żgħażaġħ, b'mod partikolari peress li r-riċerka turi wkoll li dawn juru livelli għolja ta' MSD, u l-livelli ta' mard fiż-żgħażaġħ instabu li qed jiżdiedu fl-Istati Membri meta d-data ġiet analizzata bir-reqqa.

Konklużjonijiet għall-politika, ir-riċerka u l-prevenzjoni

Proporzjon kbira ta' nisa jaħdmu f'impjegi li huma sikuri u li joffru opportunitajiet ta' taħriġ u promozzjoni. Madankollu, ħafna ma jaħdmux f'impjegi bħal dawn u huwa importanti li dan it-tħassib jitpoġġa fuq l-aġenda għal min ifassal il-politika u r-riċerkaturi.

B'aktar u aktar nisa jaħdmu taħt kondizzjonijiet tax-xogħol mhux standard, kwistjonijiet oħra li jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz ta' riċerka, leġiżlazzjoni u prevenzjoni huma:

- Kif jistgħu jintlaħqu nisa li jaħdmu fi tmiem il-ġimgħa, part time u bix-xift.
- Kif jiġu inklużi fi spezzjonijiet fuq il-post tax-xogħol mill-ispetturi jew professjonisti tal-OSH.

- Kif jiġi evalwat l-esponiment tagħhom.
- Kif tiġi żgurata r-rappreżentanza tagħhom bħala ħaddiema.
- Kif tiġi ggarantita l-OSH tan-nisa li jaħdmu fis-servizzi personali, fil-bini/djar ta' min iħaddimhom.
- Kif tiġi ggarantita l-OSH ta' nisa li jaħdmu għal diversi persuni li jħaddmuhom.

Huwa importanti għan-nisa li l-evalwazzjonijiet tar-riskju jikkunsidraw riskji psikosoċjali kif ukoll fiżiċi. Dan huwa minħabba li ħafna nisa, aktar milli rġiel, jaħdmu fl-edukazzjoni, fil-kura tas-saħħa, fis-settur tal-bejgħ bl-imnut u fis-setturi tal-lukandi, tar-ristoranti u tal-forniment tal-ikel, li jinvolvi l-kuntatt wiċċ imb'wiċċ mal-konsumaturi u l-klijenti. Barra minn hekk, in-nisa għadhom jieħdu ħsieb il-parti l-kbira tal-kura tat-tfal u tax-xogħol tad-dar fid-djar. Ħafna minn dawn huma impjegati fis-settur pubbliku li għalihom l-implimentazzjoni tal-OSH hija sfida.

Ta' min ifakkar li n-nisa, bħall-irġiel, mhumex kategorija unika ta' ħaddiema; huma forza tax-xogħol diversa u l-ħtiġijiet tal-gruppi ta' etajiet differenti u ta' kulturi differenti fi ħdan dan il-korp tal-ħaddiema jistgħu jkunu differenti. Fid-dawl ta' dan, huwa meħtieġ approċċ aktar immirat u sensitiv għas-sessi fir-rigward tar-riċerka u l-prevenzjoni.

Kif ġie spjegat matul is-snin, aktar informazzjoni, u għalhekk riċerka, hija meħtieġa biex jiġu investigati r-rabtiet bejn is-saħħa riproduttiva tan-nisa u l-kondizzjonijiet li jaħdmu taħthom. Dan għadu mhux prijorità fl-aġendi tal-politika jew tar-riċerka u dan jeħtieġ li jinbidel. Barra minn hekk, in-nisa għandhom rata għolja ta' żvilupp ta' ċerti kanċers, bħal dak tas-sider, tal-kolorettali u tal-endometriju, li ġew assoċjati ma' fatturi ambjentali u kondizzjonijiet tax-xogħol, u hemm bżonn ta' aktar riċerka biex jiġu esplorati aktar dawn ir-rabtiet.

Kwistjonijiet usa' oħrajn

Il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata ġie irriċerkat b'mod konsistenti matul dawn l-aħħar 20 sena u l-evidenza turi li l-kapaċità li jkun hemm bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja tad-dar tibqa' problematika għan-nisa u tħalli impatt fuq il-benesseri psikoloġiku tagħhom saħansitra aktar milli fuq l-irġiel. B'mod ġenerali, hemm it-tendenza li n-nisa jitqiesu bħala l-"persuni li jindukraw" fis-sistema soċjali u għalhekk jassumu r-responsabbiltà mid-dar u mit-tfal u l-ġenituri. Għalhekk, meta l-ħtiġijiet tax-xogħol u tad-dar huma kkombinati, in-nisa jkollhom aktar responsabilitajiet u jaħdmu ħinijiet itwal mill-irġiel. Anke f'pajjiżi fejn hemm politiki dwar il-"ħaddiema nisa" li huma favur il-familja, in-nisa jesperjenzaw stress aktar spiss mill-irġiel u huma ddiskriminati fir-rigward tal-kumpens relatat max-xogħol għal diżabbiltà minħabba l-kapaċità tagħhom li jagħmlu xogħol tad-dar.

Bħal fil-każ ta' xogħol part-time, xi nisa jagħżlu li jaħdmu bix-xift, għal darb'oħra, spiss biex jindirizzaw l-obbligi tal-kura tat-tfal u tal-kura tal-anzjani. In-nisa migranti u dawk li jaħdmu "b'mod informali" x'aktarx li jimpenjaw ruħhom ukoll f'dawn il-mudelli tax-xogħol. Dawn il-mudelli tax-xogħol, filwaqt li mhumex speċifiċi għas-sessi, jagħmlu lin-nisa aktar vulnerabbli għar-riskji u l-perikli fuq ix-xogħol. Huwa importanti li r-riskji tal-OSH jiġu analizzati skont is-sess u s-settur, kif ukoll skont l-impjeg.

Implikazzjonijiet għall-prattika u r-riċerka

Dan ir-rieżami jeżamina bosta aspetti tan-nisa fuq il-post tax-xogħol u t-tħassib dwar l-OSH tagħhom. Madankollu, hemm diskrepanzi fir-riċerka li jeħtieġ li jiġu indirizzati, u hemm politiki li huma promossi minn perspettiva ta' "ħaddiem" li hija aktar ta' benefiċċju għall-impjegati rġiel milli għall-impjegati nisa. Kif juri dan ir-rieżami, hemm ħtieġa ta' aktar riċerka f'dawn l-oqsma bħal **kondizzjonijiet mhux standard tax-xogħol, ħaddiema domestiċi fi ħdan familji multipli jew f'uffiċċji multipli, il-ħaddiema li qegħdin jikbru fl-età fis-settur tas-saħħa, ir-rata dejjem tikber ta' intensità tax-xogħol, l-evalwazzjoni tar-riskji għall-ħaddiema nisa, l-esponimenti multipli inklużi riskji bijoloġiċi, ix-xogħol dejjem aktar statiku fis-servizzi, riċerka speċifika għan-nisa dwar ir-riabilitazzjoni u d-dħul mill-ġdid fix-xogħol u x-xogħol informali**. Dawn l-oqsma li qed jikbru, iżda li mhumex riċerkati biżżejjed, għandhom jipprovdu informazzjoni li tispjega b'mod aktar dettaljat il-kwistjonijiet li għandhom impatt fuq l-OSH tan-nisa. Huwa importanti li l-impjeg ikun adattat għall-ħaddiem, aktar milli l-ħaddiem ikun adattat għall-impjeg, b'mod speċjali meta wieħed iħares lejn il-ħaddiem minn perspettivi differenti, pereżempju bħala mara, żagħżuġ, migrant jew b'diżabbiltà. B'mod ġenerali, l-OSH jeħtieġ li tirrifletti l-ħtiġijiet speċifiċi tal-ħaddiem.

Tabella 4: Kif ix-xejriet tal-impjegi u l-esponimenti ikkombinati jista' jkollhom impatt fuq l-OSH tan-nisa

Xejriet	Implikazzjonijiet tal-OSH
Xejriet tal-impjegi	
	L-istress u l-problemi tas-saħħa relatati, l-għeja u l-problemi tas-saħħa konjittivi
In-nisa huma kkonċentrati dejjem aktar fl-impjegi parttime u impjegi każwali, b'mod partikolari fis-settur tal-bejgħ bl-imnut u s-servizzi tal-konsumatur, li jħallu impatt fuq is-salarji u l-prospetti tal-karriera tagħhom	Il-korrimenti ta' strapazz ripetittiv ikkawżati minn xogħol ripetittiv u monotonu
Ix-xogħol u impjegi informali fil-kura fid-dar u bħala ħaddiema tat-tindif qegħdin jiżdiedu, b'mod speċjali għan-nisa migranti	Il-kontroll tax-xogħol baxx u l-awtonomija, sentimenti ta' stima personali baxxa, motivazzjoni baxxa u nuqqas ta' sodisfazzjon fuq ix-xogħol għan-nisa
It-tluq lejn "impjegi żgħar" mhux koperti mil-liġi tax-xogħol	L-OSH diffiċli li tiġi organizzata għan-nisa li jaħdmu fl-istabbilimenti tal-klijenti tagħhom, kif isir l-infurzar, kif isiru evalwazzjonijiet tar-riskji, kif tiġi żgurata l-protezzjoni tax-xogħol
In-nisa għadhom jiġu wara l-irġiel fir-rigward tal-avvanz fil-karriera, il-livelli ta' kumpens u l-kisba ta' status oġġla	Inqas aċċess għal taħriġ (OSH), konsultazzjoni, inqas rappreżentanza fit-teħid ta' deċiżjonijiet li jista' jinfluwenza l-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom
Is-segregazzjoni fuq il-post tax-xogħol	
In-nisa għadhom jaħdmu prinċipalment fis-servizzi, filwaqt li l-irġiel jaħdmu l-aktar fil-kostruzzjoni, fl-utilitajiet, fit-trasport u fil-manifattura	Riskji differenti għall-irġiel u għan-nisa — pożizzjonijiet bilqiegħda u bilwieqfa fit-tul u xogħol statiku huma sinifikanti għan-nisa
Żidiet fl-attività huma l-oġġla għan-nisa bl-età ta' bejn il-55u l-64 sena	Aktar kuntatt mal-klijenti — aktar fastidju u vjolenza
Nisa ta' età akbar jaħdmu aktar fl-edukazzjoni, fis-saħħa u l-ħidma soċjali u l-amministrazzjoni pubblika	Riskji differenti għall-gruppi ta' età differenti — il-prevenzjoni għandha tiġi mfassla apposta
L-impjegi fil-manifattura qegħdin jonqsu	Rati ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol staġnati f'xi setturi, mhux irregjistrati fl-edukazzjoni, fil-kura tas-saħħa u s-setturi b'rati għolja ta' xogħol informali (pereżempju l-agrikoltura)
Il-forza tax-xogħol femminili qed tikber fl-età f'xi setturi (il-manifattura, l-agrikoltura)	In-nisa ta' età akbar huma esposti għal xogħol tqil
In-nisa għandhom rappreżentanza għolja fix-xogħol informali, fid-dar u fis-servizzi domestiċi	Inqas aċċess għat-taħriġ għal nisa ta' età akbar, inqas aċċess għall-konsultazzjoni, ir-rappreżentanza u servizzi preventivi fis-settur informali
L-organizzazzjoni tax-xogħol u l-ħin tax-xogħol	
Meta jiġu kkunsidrati kemm ix-xogħol imħallas kif ukoll dak mhux imħallas (domestiku), in-nisa għandhom l-itwal ġimgħa ta' xogħol totali, b'mod speċjali jekk jaħdmu full-time Xejriet ta' ħinijiet tax-xogħol irregolari, b'mod speċjali fis-settur informali, fuq xogħol fl-istabbilimenti tal-klijenti, u fil-kummerċ tar-ristoranti u tal-lukandi Xogħol bix-xift u fi tmiem il-ġimgħa fl-Horeca, fis-settur tal-konsumatur u fil-kura tas-saħħa jikkonċerna lin-nisa ta' kull età Anqas awtonomija fuq il-post tax-xogħol	Stress
	Disturbi fiċ-ċirkolazzjoni
	Problemi riproduttivi
	Mard muskuloskeletal
	Anqas aċċess għal servizzi preventivi, konsultazzjoni, rappreżentanza
	Diffikultajiet fil-valutazzjoni ta' dak li hu relatat max-xogħol u l-implimentazzjoni tal-bidliet
	Il-liġi tax-xogħol ma tapplikax għal impjegi żgħar, l-infurzar huwa diffiċli

Xejriet	Implikazzjonijiet tal-OSH
	Diffikultajiet biex tiġi infurzata l-OSH għall-impjieg multipli u għat-tibdil ta' impjieg b'mod kostanti
	Esponimenti diffiċli li jiġu evalwati għall-impjieg multipli, diffikultajiet biex jiġu mmonitorati u rreġistrati r-riskji u l-effetti fuq is-saħħa
Nisa ta' età iżgħar	
Id-differenza fil-qgħad bejn iż-żgħażaġħ irġiel u ż-żgħażaġħ nisa naqset b'mod ċar; f'xi pajjiżi l-qgħad taż-żgħażaġħ irġiel saħansitra sar kemxejn ogħla.	Riskji u xejriet differenti għall-gruppi ta' età differenti — il-prevenzjoni għandha tkun imfassla apposta
In-nisa ta' età iżgħar jaħdmu aktar fis-settur tal-konsumatur u fl-Horeca	Nuqqas ta' esperjenza u taħriġ għan-nisa żgħażaġħ
In-nisa ta' età iżgħar jaħdmu aktar f'impjieg li jirrikjedu kwalifiki baxxi u fuq kuntratti temporanji	Nisa ta' età iżgħar esposti għall-fastidju sesswali
Id-differenza fil-pagi bejn is-sessi diġà mill-bidu tal-karriera	Esponiment għoli għall-vjolenza, minħabba kuntatt mal-klijenti
Id-differenza fl-impjieg hija b'mod partikolari għolja għall-ommijiet bl-età ta' bejn il-15 u l-24 sena bi tfał iżgħar ħafna u bi tfał tal-iskola	Aċċidenti fuq il-post tax-xogħol anke jżjeddu f'ċertu pajjiżi f'setturi ddominati min-nisa, bħall-Horeca
	Inqas aċċess għall-konsultazzjoni, servizzi preventivi, rappreżentanza fil-livell tal-intrapriża
	Ommijiet żgħażaġħ huma grupp partikolarment vulnerabbli

Rakkomandazzjonijiet dwar il-Politika

Riċentement ġiet evalwata l-Istrateġija ta' ħames snin tal-Kummissjoni Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol 2007-2012. Kif innota l-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu dwar l-Istrateġija f'Jannar 2008 (PE, 2008):

huwa inkwetanti li t-tnaqqis fin-numru ta' aċċidenti u ta' mard fuq il-post tax-xogħol ma kienx mifrux b'mod uniformi peress li ċerti kategoriji ta' ħaddiema (eż. migranti, ħaddiema b'kuntratti prekarji, nisa, ħaddiema ta' età iżgħar u ta' età ikbar), ċerti kumpaniji (l-aktar intrapriżi żgħar u medji (SME) u l-mikrointrapriżi), ċerti setturi ta' attività (b'mod partikolari l-konstruzzjoni, is-sajd, l-agrikoltura u t-trasport), u f'ċerti Stati Membri jippreżentaw rati ta' aċċidenti u ta' mard fuq il-post tax-xogħol ħafna ogħla mill-medja tal-UE.

L-Istrateġija stabbilixxiet mira biex tnaqqas ir-rata ta' inċidenza tal-aċċidenti fuq il-post tax-xogħol b'25 % għall-UE-27, permezz ta' appoġġ għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-leġiżlazzjoni tal-UE. L-Istrateġija se jkoll għall-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali biex jinkoraġġixxu u jappoġġaw approċċi li huma ffukati fuq is-saħħa fuq il-post tax-xogħol u biex jidentifikaw riskji potenzjali ġodda. Madankollu, hemm indikazzjonijiet ċari li r-rati ta' aċċidenti qed jistaġnaw jew saħansitra jżjeddu f'xi setturi bi proporzjon għoli ta' nisa, bħas-setturi tal-ospitalità jew tal-kummerċ.

Azzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-OSH huma inklużi wkoll fid-Dokument ta' Hídma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-Azzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel 2010-2015 (KE, 2010b) li jinkludu miżuri sabieħ:

- tiġi promossa l-evalwazzjoni tal-impatt tal-politiki u l-programmi dwar is-saħħa u s-sessi;
- jiġu kkunsidrati l-aspetti tas-sessi fil-Istrateġija li jmiss tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (2013-2020);
- jiġu kkunsidrati l-aspetti relatati mas-sessi fil-ħídma leġiżlattiva dwar l-ergonomija u l-mard muskuloskeletal relatati max-xogħol (WRMSDs) kif ukoll fil-ħídma preparatorja għal rieżami possibbli tad-Direttiva 2004/37/KE; u
- jiġu kkunsidrati l-aspetti relatati mas-sessi fil-ħídma preparatorja għal rieżami possibbli tad-Direttiva 2004/37/KE dwar il-karċinoġeni u l-mutaġeni.

Rakkomandazzjonijiet oħra jistgħu jittieħdu mir-riżultati ta' dan ir-rapport:

- Il-ħtieġa għal leġiżlazzjoni u monitoraġġ tas-saħħa u s-sigurtà speċifiċi għas-sessi għandha tiġi evalwata mill-ġdid, peress li s-setturi tradizzjonalment meqjusa bħala ta' "riskju baxx", pereżempju dawk li jinvolvu l-edukazzjoni u l-impjieg relatati mal-uffiċċju, issa huma meqjusa

bħala aktar perikolużi, pereżempju fir-rigward tal-fastidju u tal-istress. Jista' jiġi konkluż li l-kondizzjonijiet definiti ta' xogħol, fir-rigward mhux biss tar-riskji fiżiċi iżda wkoll dawk organizzattivi, jeħtieġ li jiġu kkunsidrati meta titwettagħ l-evalwazzjoni tar-riskju. Huwa essenzjali li jiġu evitati suppożizzjonijiet sabiex jiġu stabbiliti miżuri xierqa ta' prevenzjoni u l-ħafna ħaddiema nisa f'dawn is-setturi jingħataw it-taħriġ u l-appoġġ xierqa.

- It-titjib tal-identifikazzjoni ta' riskji u esponimenti għandu jkun importanti biex "jaġġmel l-inviżibbli viżibbli", bħalma hija wkoll id-data mtejbja li tiddokumenta dawn ir-riskji u l-esponimenti, u l-effetti tas-saħħa relatati, u firxa usa' ta' indikaturi u strumenti ta' monitoraġġ aktar differenzjati biex jiġu riflessi l-kompiti, l-impjiegi u r-riskji li speċifikament jiġu ffaċċjati min-nisa.
- Tiġi żgurata l-parteċipazzjoni tan-nisa fid-diskussjonijiet ta' politika u meta titfassal il-leġislazzjoni. Se jkun importanti li jiġi żgurat li n-nisa jipparteċipaw fl-iżvilupp tal-istrateġiji u l-politiki tal-OSH u l-implimentazzjoni tagħhom fuq il-post tax-xogħol. Pereżempju, se jkun importanti li jiġi żgurat li aktar nisa jeleġġu b'mod dirett u jassumu rwoli bħala rappreżentanti tas-sigurtà u tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol, u li l-imsejtna soċjali jkollhom rwol importanti fit-tmexxija tal-integrazzjoni tas-sessi fl-OSH.
- L-Istati Membri għandhom ikunu mhegħa jimplimentaw b'mod attiv l-integrazzjoni tas-sessi fl-OSH u jinkludu l-element tas-sessi u tad-diversità fl-istrateġiji tal-OSH nazzjonali tagħhom.
- Kif ġie enfasizzat qabel mill-EU-OSHA, l-Istati Membri tal-UE, meta qed jittrasponu d-Direttivi, għandhom jiżguraw li l-ġeneru huwa ttrattat b'mod sistematiku u komprensiv. Dan huwa importanti b'mod speċjali hekk kif aktar nisa qed jidhru f'impjiegi li tradizzjonalment kienu ddominati mill-irġiel, bħall-konstruzzjoni, it-trasport u l-agrikoltura, u l-ħtiġijiet tal-OSH tagħhom jistgħu jkunu differenti.
- Approċċ usa' u aktar olistiku għall-OSH jippermetti wkoll bidla lil hinn minn enfasi esklussiva fuq l-aċċidenti lejn approċċ aktar komprensiv li jikkunsidra l-fatturi psikosoċjali, l-awtonomija fuq ix-xogħol u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, fost oħrajn.
- Xejriet riċenti fid-dinja tax-xogħol, bħaċ-ċaqliq mill-postijiet tax-xogħol industrijali għal dawk tas-servizzi, iż-żieda fil-mobilità, l-użu ta' teknoloġiji ġodda, l-intensifikazzjoni u ż-żieda fil-prekarjetà ta' xogħol jeħtieġ li jiġu evalwati għall-effett speċifiku tagħhom fuq in-nisa u l-OSH tagħhom. L-adattament tal-ġhodod ta' riċerka u ta' monitoraġġ jeħtieġ li jikkunsidra wkoll dawn ix-xejriet.
- Minħabba s-segregazzjoni okkupazzjonali prevalenti, hemm mudelli differenti ta' mard ikkawżat mix-xogħol bejn l-irġiel u n-nisa. Peress li l-istandards ikompli jirriflettu l-karatteristiċi maskili li ma jqisux id-differenzi fiżiċi u fiżjoloġiċi bejn l-irġiel u n-nisa, it-tassonomija attwali għadha ma tirriflettix biżżejjed l-esponimenti tan-nisa u l-problemi tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol. Għalkemm twettqu studji komprensivi fil-qasam tal-esponimenti okkupazzjonali tan-nisa fuq il-post tax-xogħol, ir-riċerkaturi enfasizzaw il-ħtieġa għal aktar esplorazzjoni relatata mal-esponimenti okkupazzjonali u n-nisa.
- L-adattament tal-prattika tal-ispezzjoni tal-post tax-xogħol għan-numru dejjem jikber ta' nisa fis-suq tax-xogħol, il-bidla osservata mill-industrija għas-servizzi, u l-bidliet fl-arranġamenti kuntrattwali. Huwa ġġustifikat approċċ ibbażat fuq is-sessi fir-rigward tal-interventi: ir-riżorsi għandhom jiġu evalwati għall-kontribut li jaġġu għall-forza tax-xogħol femminili dejjem tikber, u għal kif huma adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi f'dawn is-setturi tas-servizzi diversi. It-tfassil tar-riżorsi ta' prevenzjoni tal-OSH jindirizzaw dawn il-bidliet.
- Id-differenzi bejn il-pajjiżi huma enormi, u għal din ir-raġuni s-sitwazzjoni għandha tiġi evalwata b'mod differenzjat, u skont il-pajjiż. L-istrateġiji tal-OSH nazzjonali li jintegraw l-iżviluppi li jħallu impatt fuq is-sitwazzjoni tal-impjiegi tan-nisa, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, il-provvediment tas-saħħa, il-faċilitajiet tal-kura u l-istrateġiji tal-impjiegi, jistgħu jgħinu t-tfassil tal-azzjonijiet fil-livell nazzjonali u jaġġmuhom aktar effettivi. Barra minn hekk, l-impatt fuq is-sessi minħabba l-bidliet mgħaġġla fl-Istati Membri aktar ġodda għandhom jiġu mmonitorati sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' aktar inugwaljanza bejn is-sessi.
- Id-differenzi fost il-politiki tal-Istati Membri għandhom jiġu esplorati biex jiġu identifikati liema huma l-fatturi ta' suċċess għall-integrazzjoni effettiva tan-nisa fis-suq tax-xogħol, filwaqt li fl-istess waqt tiġi kkunsidrata s-sitwazzjoni tal-OSH tagħhom.
- Uħud mill-modi li ġew proposti sabiex l-impjiegi jsiru aktar sikuri jinkludu ż-żieda u t-titjib tat-taħriġ għall-ħaddiema, b'mod speċjali dawk li jaħdmu part time. Pereżempju, it-taħriġ u l-edukazzjoni dwar l-OSH jistgħu jiġu skedati fi żminijiet meta part-timers jew ħaddiema b'siġħat flessibbli jkunu jistgħu jipparteċipaw. Għan-nisa ta' età akbar li jidhru fis-suq tax-xogħol wara snin ta' inattività vokazzjonali, it-taħriġ mill-ġdid ikun ta' benefiċċju. Ix-xogħol flessibbli jkun ta' benefiċċju għan-nisa li għandhom kunflitti bejn ix-xogħol u l-familja, bħar-responsabbiltajiet ta' kura ta' tfal u ta' anzjani.

- Ħaddiema nisa fuq vjaġġi tan-negożju jew ħaddiema li jkollhom jaħdmu fl-istabbilimenti tal-klijenti jew tal-pazjenti tagħhom ma jistgħux jiġu koperti mill-istrutturi normali tal-OSH, bħas-servizzi preventivi tal-OSH u spezzjonijiet mill-awtoritajiet. Dawn il-ħaddiema jistgħu jkunu aktar vulnerabbli u dipendenti mill-klijenti tagħhom, filwaqt li fl-istess ħin ikollhom skop limitat biex jadattaw għall-kondizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Huma jistgħu jaħdmu wkoll għal diversi impjegaturi u f'diversi impjiegi. Il-politika, ir-riċerka u l-prevenzjoni għandhom jindirizzaw ir-riskji li l-ħaddiema nisa jistgħu jiffaċċjaw fl-irziezet, fid-djar (kura fid-dar, ħaddiema li jnaddfu, kura tat-tfal), fis-sewqan lejn ix-xogħol u fl-istabbilimenti tal-klijenti. Klijenti ta' dawn is-servizzi għandhom jiġu inklużi fil-gruppi fil-mira għall-informazzjoni tal-OSH u għall-kampanji għall-prevenzjoni f'dawn is-setturi, kif għandhom jagħmlu wkoll l-organizzaturi ta' dawn is-servizzi.

Il-monitoraġġ u l-istatistika

- L-għodod ta' monitoraġġ fil-livell Ewropew jeħtieġ li jiġu evalwati b'mod kritiku fir-rigward ta' kif jiġu kkunsidrati l-fatturi ta' konfużjoni u l-kwistjonijiet usa'. Skont l-istatistika Ewropea dwar l-aċċidenti nstab li d-differenza bejn in-nisa u l-irġiel kienet iżgħar meta r-rati ta' inċidenza ġew ikkalkulati fuq bażi ekwivalenti ta' full-time, peress li n-nisa ħadmu part time aktar ta' spiss mill-irġiel u għalhekk kienu esposti għar-riskju ta' aċċidenti għal ħinijiet iqsar. Jekk ir-rati ta' inċidenza kienu standardizzati wkoll għall-impjiegi differenti li fihom jaħdmu n-nisa u l-irġiel, ir-rati ta' inċidenza kienu jkunu kważi uguali għal ċerti pajjiżi. Sfortunatament, din id-data standardizzata mhijex disponibbli mill-Eurostat għal snin oħra.
- Il-pajjiżi kollha tal-UE għandhom jitħeġġu biex ikollhom Stħarriġ Nazzjonali tal-Kondizzjonijiet tax-Xogħol żviluppatti sew, li jiġu rieżaminati b'mod kritiku fir-rigward tal-aspetti tal-ġeneru u tad-diversità, sabiex tinkiseb informazzjoni li hija standard fost il-pajjiżi u tiġi pprovduta informazzjoni ddettaljata.
- Dan jista' jappoġġja wkoll it-tentattivi biex jiġu esplorati esponimenti multipli u biex jifassal approċċ aktar olistiku għar-riċerka, il-prevenzjoni u l-prattika tal-OSH.

L-aċċidenti u l-effetti fuq is-saħħa

- Ir-rati ta' aċċidenti ta' ħaddiema nisa mhumix jonqsu daqskemm qed jonqsu għall-ħaddiema rġiel. Hemm ħafna għarfien dwar l-aċċidenti mġarrba mill-ħaddiema rġiel skont il-gruppi ta' età u s-setturi differenti, iżda dan mhuwix il-każ għall-ħaddiema nisa. Sabiex tingħata l-attenzjoni għall-prevenzjoni tal-aċċidenti, għandha tinġabar aktar informazzjoni dwar it-tip ta' aċċidenti li n-nisa jsufu f'impjiegi u setturi differenti. Għandhom jiġu kkunsidrati fatturi bħal mhuma l-età, l-impjieg indipendenti, is-settur u l-impjieg, u l-isfond tal-migrazzjoni, kif ukoll l-impjiegi multipli. Ix-xogħol part-time u n-nuqqas ta' aċċess għal servizzi preventivi jistgħu jkunu wkoll fatturi li jikkontribwixxu.
- In-nisa u l-irġiel iġibu ruħhom b'mod differenti anki meta jaħdmu fl-istess settur u fl-istess tipi ta' impjiegi. In-nisa li jwettqu ċertu impjiegi, bħas-sewwieqa tat-taksis, ikollhom rati ta' aċċidenti aktar baxxi b'mod sinifikanti. Dan għandu jiġi esplorat sabiex jgħin fit-titjib tal-prevenzjoni.
- Ix-xogħol statiku, il-pożizzjonijiet bilwieqfa u bilqiegħda fit-tul huma fatturi ta' riskju partikolarment rilevanti għall-impjiegi ta' servizzi tan-nisa li attwalment mhumix mmonitorati u evalwati f'ħafna mill-istħarriġ tal-ħaddiema, u f'tit li xejn hemm riċerka dwar l-effetti fuq is-saħħa relatati. Din hija r-raġuni għaliex rapport riċenti tal-EU-OSHA rrakkomanda li jiġu inklużi fl-istħarriġ tal-ħaddiema, u li b'mod partikolari tiġi investigata l-okkorrenza ta' disturbi fil-parti t'isfel tar-riġlejn. Fir-rigward tal-età, l-istudju wera li r-rati ta' MSD fid-ħaddiema żgħażaġh kienu qed jiżdiedu f'xi Stati Membri. Dawn ix-xejriet għandhom jiġu segwiti fir-rigward tan-nisa żgħażaġh u għandhom jifasslu miżuri ta' prevenzjoni sabiex jitnaqqas ir-riskju tal-MSD tagħhom.
- In-nisa huma aktar suxxettibbli għall-għeja, dipressjoni u ansjetà mill-irġiel, u s-saħħa mentali aktar dgħajfa tagħhom tista' tkun marbuta mar-rwoli multipli li huma jwettqu fuq bażi ta' kuljum. Din id-data għandha tiġi evalwata fil-kuntest ta' mard kardjovaskulari bħala l-kawża ewlenija ta' mewt fil-pajjiżi tal-UE.
- L-esponimenti għal sustanzi perikolużi f'impjiegi tas-servizzi huma komuni, iżda għadhom sottovalutati. L-esponiment tan-nisa fil-kura tas-saħħa, fl-ospitalità, fid-dry-cleaning, fis-settur tax-xagħar u fil-ġestjoni tal-iskart jista' jinvolvi wkoll il-karċinoġeni. L-esponimenti f'dawn l-impjiegi, kif ukoll f'kompiti oħra bħat-tindif, jistgħu jkunu varjati u ta' spiss huma imprevedibbli. Din hija r-raġuni għaliex huwa kruċjali li jiġu evitati suppożizzjonijiet dwar dak li n-nisa huma esposti għalih u jiġu applikati l-istess prinċipji ta' evalwazzjoni, sostituzzjoni u eliminazzjoni tar-

riskji, u l-ġerarkija ta' miżuri ta' prevenzjoni, kif definit fl-approċċ tal-prevenzjoni tal-UE, bħal fil-każ ta' ħaddiema oħrajn. Id-differenzi bejn is-sessi fit-teħid u l-metabolizzazzjoni ta' sustanzi perikolużi għandhom jiġu esplorati wkoll aktar fil-fond.

- Jinħtieġ li r-riċerka tindirizza l-mard ikkawżat mix-xogħol li jaffettwa lin-nisa, b'mod partikolari l-kanċer ikkawżat mix-xogħol. Analiżi dettaljata ta' data nazzjonali turi li l-mard tal-ħaddiema nisa huwa b'mod sinifikanti ferm anqas innotifikat u, meta dan ikun innotifikat, ir-rati ta' rikonossiment huma ħafna aktar baxxi. Ħafna mard mhuwiex evalwat għall-komponent okkupazzjonali tiegħu. Ir-rabta bejn l-esponiment okkupazzjonali u l-mard hija ferm inqas esplorata wkoll għall-ħaddiema nisa, li jwassal għal ommissjoni ta' fatturi ta' riskju rilevanti għan-nisa mill-evalwazzjoni globali.
- Jeħtieġ li jkun hemm fehma usa' dwar is-saħħa riproduttiva. Kif issuġġerit fl-2003 mill-EU-OSHA, u kif ikompli jenfasizza n-"nuqqas" ta' riċerka, għandu jkun hemm fokus akbar fuq kwistjonijiet riproduttivi fir-rigward tar-riskji okkupazzjonali globali fl-aġenda tar-riċerka. Huwa aktar importanti li jiġi nnutat li, filwaqt li hemm xi riċerka dwar in-nisa tqal u l-ommijiet il-ġodda, hemm ħafna inqas riċerka dwar l-esperjenzi tal-ħajja ta' nisa oħrajn, bħall-effetti ormonali, disturbi ta' mestrwazzjoni u l-menopawsa.
- Barra minn hekk, fl-2003 ġie nnutat li r-riċerka fir-rigward tal-kanċer kienet tinvolvi l-aktar lill-irġiel, u din is-sitwazzjoni ma nbidlitx, kif muri f'dan ir-rieżami ta' terminu medju, għalkemm saru sforzi f'ċerti oqsma, pereżempju fir-rigward tal-kanċer tas-sider.
- Ir-rikonossiment tax-xogħol bil-lejl bħala fattur li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-kanċer tas-sider fil-ħaddiema nisa kien il-bidu għar-rikonossiment tal-kawżi organizzattivi tax-xogħol fl-iżvilupp tal-kanċer ikkawżat mix-xogħol. Dan jista' jwitti t-triq għal approċċ kompletament ġdid għall-kanċer ikkawżat mix-xogħol, billi jiġu kkunsidrati l-hekk imsejja riskji "moderati", minbarra r-riskji "serji" magħrufa. Bl-istess mod, dawn l-approċċi jistgħu jgħinu biex titwitta t-triq għal esplorazzjoni aħjar tar-riskji okkupazzjonali kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa f'impjegi tas-servizzi emerġenti u approċċ aktar olistiku għar-riċerka u l-prevenzjoni tal-OSH.
- Riċerka mid-WHO (WHO, 2009) irrakkomandat li titwettaq riċerka ffukata b'mod speċifiku fuq is-sessi fil-politiki u l-programmi dwar is-saħħa okkupazzjonali, sabiex jitjiebu t-taħriġ, il-kapaċità u l-għoti tas-servizzi tas-saħħa okkupazzjonali.

Vjolenza fuq il-post tax-xogħol

- Il-miżuri kontra l-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol għandhom jiġu adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tas-settur u l-grupp ikkonċernati. L-EU-OSHA pproduċiet xi gwida multilingwa għal xi wħud mis-setturi (l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, l-ospitalità).
- Għandhom jiġu implimentati sistemi ta' rappurtar effiċjenti għall-vjolenza fuq ix-xogħol biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' rappurtar. Dawn is-sistemi jeħtieġ li jkunu marbuta ma' miżuri rapidi għal azzjoni, kemm biex jipprovdu appoġġ immedjat għall-ħaddiema f'każ ta' avveniment kif ukoll għall-għoti ta' pariri wara l-avveniment.
- B'mod ġenerali, għandu jittieħed approċċ olistiku għall-OSH li jidentifika u jikkunsidra l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, il-fastidju u d-diskriminazzjoni. Biex tissaħħaħ is-sensibilizzazzjoni dwar il-ħtieġa għal approċċ bħal dan, il-partijiet ikkonċernati għandhom jiddiskutu l-attivitajiet tal-OSH fir-rigward tal-ħaddiema nisa.

Ir-riabilitazzjoni u l-integrazzjoni mill-ġdid

- Minħabba l-pożizzjoni tan-nisa fi ħdan il-forza tax-xogħol, dawk li jfasslu l-politika u l-organizzazzjonijiet tax-xogħol għandhom ikunu konxji li n-nisa b'diżabilità huma f'riskju ta' diskriminazzjoni doppja jew multipla u għalhekk jeħtieġu attenzjoni speċjali, u l-politiki b'attenzjoni fuq is-sessi għandhom jagħmlu konċessjonijiet għal din il-kwistjoni sabiex isaħħu l-linji gwida għall-integrazzjoni tad-diżabilità, b'mod speċjali peress li n-nisa b'diżabilità huma ddiskriminati aktar mill-irġiel b'diżabilità.
- Min iħaddem għandu jiġi mħeġġeġ li jkollu riabilitazzjoni flessibbli u effettiva fil-politiki tax-xogħol, biex b'hekk ħaddiema li huma kapaċi jaħdmu biss perċentwal tas-siġħat normali jinżammu fil-forza tax-xogħol. Din qed issir problema aktar kritika peress li l-popolazzjoni attiva fl-Ewropa qed tixjieħ. Il-ħaddiema nisa jeħtieġ li jiġu indirizzati b'mod espliċitu: il-miżuri ta' riabilitazzjoni għandhom ikunu mmirati wkoll lejn il-ħaddiema temporanji u part-timers, li ta' spiss huma nisa, żgħażaġh jew ħaddiema migranti.
- Il-politiki relatati mar-riabilitazzjoni u mar-ritorn għax-xogħol għandhom jindirizzaw ukoll il-

mudell ta' problemi speċifiċi tas-saħħa relatati max-xogħol għan-nisa, b'mod partikolari l-okkorrenza u d-distribuzzjoni tal-MSD u l-prevalenza oġġla ta' problemi ta' saħħa mentali.

- Dawk responsabbli mill-implimentazzjoni tas-sistemi jeħtieġ li jikkunsidraw kwistjonijiet tas-sessi, u b'mod partikolari l-ħajja fid-dar tan-nisa u kif din taffettwa r-riabilitazzjoni tagħhom. L-ispejjeż tar-riabilitazzjoni jeħtieġ li jinkludu l-ispejjeż kemm diretti kif ukoll indiretti.
- Jeħtieġ li jkun hemm aktar riċerka dwar in-nisa fir-rigward tat-taħriġ mill-ġdid vokazzjonali, ir-riabilitazzjoni u dħul mill-ġdid fix-xogħol.

Gruppi vulnerabbli ta' ħaddiema nisa

- Xi gruppi ta' nisa, bħan-nisa żgħażaġh jew ommijiet żgħażaġh, jistgħu jkunu partikolarment affettwati mill-kriżi finanzjarja, u jkun ta' siwi li jiġi mmonitorat kif dan iħalli impatt fuq is-saħħa u s-sigurtà tagħhom fuq il-post tax-xogħol. F'xi setturi fejn in-nisa jaħdmu f'numri kbar, bħas-settur tal-ospitalità, ir-rati ta' aċċidenti qed jiżdiedu jew jistaġnaw. Kif intwera fir-riċerka preċedenti tal-EU-OSHA, ħaddiema żgħażaġh f'dawn is-setturi jistgħu wkoll ikunu aktar vulnerabbli u l-kondizzjonijiet tal-impjieg tagħhom (eż. id-diffikultajiet biex jidħlu fis-suq tax-xogħol, il-kuntratti temporanji jew għal żmien qasir) jistgħu jgheġġluhom jaċċettaw kondizzjonijiet inferjuri ta' xogħol.
- In-nisa ta' età akbar huma aktar probabbli li jidħlu fil-forza tax-xogħol milli fil-passat, u huma grupp tant meħtieġ minħabba l-popolazzjoni globali li qed tixjieħ fl-Ewropa. F'dan ir-rigward għandhom jiġu esplorati kwalunkwe riċerka u miżura preventiva li jistgħu jitwettqu sabiex jiġi żgurat ambjent tax-xogħol aktar produttiv għal dan il-grupp.
- Aktar riċerka hija meħtieġa biex jiġu evalwati l-aspetti ta' prevalenza u tas-sessi fir-rigward tal-fenomeni ta' xogħol mhux iddikjarat fl-UE.
- Analiżi komprensiva hija meħtieġa fir-rigward tal-kondizzjonijiet tax-xogħol sabiex jiġi kkonfermat jekk hemmx differenzi sinifikanti bejn is-sessi bejn l-ekonomija formali u informali.
- L-informazzjoni dwar l-OSH tal-ħaddiema migranti tista' tkun sors ta' data dwar ħaddiema mhux iddikjarati u kwistjonijiet tas-sessi relatati max-xogħol. Għandha titwettaq aktar riċerka dwar il-ħaddiema nisa migranti u dwar ix-xogħol mhux iddikjarat.
- Jista' jkun ta' benefiċċju li jiġu żviluppati sinerġiji ma' organizzazzjonijiet li jipprovdu appoġġ lill-ħaddiema informali, pereżempju biex jitmexxa taħriġ tal-OSH iddefinit minn organizzazzjoni mhux governattiva għall-ħaddiema f'dan is-settur biex jiġi żgurat li huma f'qagħda aħjar li jindirizzaw xi wħud mir-riskji u l-perikli li jistgħu jiltaqgħu magħhom f'dawn l-impjiegi, peress li dawn il-ħaddiema mhux faċli li jintlaħqu.



Bil-permess ta' INSHT

L-integrazzjoni tas-sessi u l-OSH — eżempji ta' implimentazzjoni b'suċċess

L-informazzjoni hija partikolarment skarsa dwar il-politiki uffiċjali li għandhom l-għan li jindirizzaw il-kondizzjonijiet speċifiċi tan-nisa fuq il-post tax-xogħol, inkluża l-integrazzjoni effettiva tal-aspetti tas-sessi, pereżempju, fil-leġiżlazzjoni tal-OSH u l-prattika ta' spezzjoni billi jittieħed approċċ sensitiv għas-sessi. Għall-fini ta' dan ir-rapport, l-EU-OSHA ġabret informazzjoni dwar eżempji minn Stati Membri (Tabella 5), b'mod partikolari:

- Il-leġiżlazzjoni tal-OSH speċifika għan-nisa fuq il-post tax-xogħol u li tirrigwarda l-kwistjonijiet tal-OSH, li hija addizzjonali għad-dispożizzjonijiet dwar in-nisa tqal u l-ommijiet li jreddgħu li jimplimentaw id-Direttiva.
- Ir-riżultati tal-kampanji ta' spezzjoni mmirati.
- Gwida, pereżempju dwar l-OSH u kwistjonijiet ta' diversità li jindirizzaw is-sessi.
- Studji speċifiċi għas-sess dwar fatturi ta' riskju, bħal:
 - esponiment għal vjolenza u fastidju;
 - esponimenti għal aġenti bijoloġiċi u kimiċi, inklużi esponimenti għal aġenti infettivi, riskji ergonomiċi, riskji klimatiċi;
 - differenzi bejn is-sessi f'riskji ta' aċċidenti u kawżi u ċirkostanzi ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol;
 - kwistjonijiet organizzattivi dwar ix-xogħol (ħin tax-xogħol stramb; xogħol bix-xift, xogħol iżolat, eċċ);
 - l-użu ta' tagħmir protettiv personali u ta' tagħmir ieħor; u
 - xogħol fis-setturi tal-“irġiel”.
- Informazzjoni dwar ir-riżultati tas-saħħa:
 - Problemi speċifiċi tas-saħħa identifikati, pereżempju fl-istħarriġ, fir-riċerka jew l-ispezzjonijiet immirati.
 - Mard ikkawżat mix-xogħol rikonoxxut b'mod speċifiku.
- Kwistjonijiet relatati ma' gruppi speċifiċi (ħaddiema iżolati, ħaddiema migranti, ħaddiema nisa żgħażaġħ jew ta' età akbar, eċċ.).
- L-inklużjoni ta' kwistjonijiet dwar is-sessi fil-programmi ta' riċerka.
- Programmi dwar kif l-ispetturi tax-xogħol ikunu “konxji mis-sessi” jew kif jinkorporaw il-kwistjonijiet tas-sessi fil-ħidma tagħhom.
- Programmi dwar kif l-awtoritajiet tal-OSH jinkorporaw il-kwistjonijiet tas-sessi fil-ħidma tagħhom.



Ritratt minn Ruben Buhagiar (kompetizzjoni fotografika EU-OSHA, 2009)

- L-evalwazzjoni tal-programmi tax-xogħol għall-bilanċ bejn is-sessi (eż. li jiġi żgurat li l-ispertarjiet, il-lukandi, ir-ristoranti u servizzi tal-forniment tal-ikel, kif ukoll il-konstruzzjoni, jirċievu l-attenzjoni; ibbaġitjar sensitiv għas-sessi ⁽³⁾).

Uħud mill-eżempji huma inklużi matul dan ir-rapport u f'kapitolu apposta lejn l-aħħar tar-rapport (Kapitolu 8). Studju aktar dettaljat ta' eżempji ta' Prattika tajba b'hal dawn qed jiġi ppreparat attwalment mill-EU-OSHA u se jkun ippubblikat fl-2014.

Tabella 5: In-nisa u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol — eżempji ta' studji u politiki sensitivi għas-sessi inklużi f'dan ir-rapport

Pajjiż	Programm	Kwistjoni
L-Ewropa	NEXT	L-esplorazzjoni tal-esperjenzi ta' vjolenza relatata max-xogħol u t-tluq prematur mill-professjoni tagħhom fost infermiera f'10 Stati Membri
L-Ewropa	ETUCE It-Tieni Stħarriġ dwar il-Fastidju Ċibernetiku tal-Għalliema	L-esplorazzjoni tal-azzjonijiet u l-istrateġiji tal-junjins nazzjonali tal-għalliema; Ġabra ta' Prattika tajba biex jiġi rivedut il-Pjan ta' Azzjoni tal-ETUCE dwar il-Vjolenza u l-Fastidju fl-Iskejjel u biex jiġi inkluż il-fastidju ċibernetiku
L-Awstrija (L-Ispettorat Xogħol Awstrija)	Politika ta' integrazzjoni tas-sessi tal-Ispettorat tax-Xogħol tal-Awstrija	L-istrateġija tal-OSH skont is-sessi Politika għall-attivitajiet ta' spezzjoni tax-xogħol, it-taħriġ tal-ispetturi tax-xogħol Dokumenti ta' gwida relatati ma' aspetti tas-sessi tal-OSH u l-ispezzjoni fuq il-post tax-xogħol sensitiva għas-sessi Gwida għall-attivitajiet speċifiċi u għal setturi/impjiegi emerġenti, b'hal-kura fid-dar
L-Awstrija	L-integrazzjoni tas-sessi u l-esponiment għall-ħsejjes fl-orkestri	L-evalwazzjoni tar-riskju għall-mużiċisti nisa tal-orkestra It-tfassil ta' miżuri ta' prevenzjoni speċifiċi (arranġamenti tal-pożizzjoni bilqiegħda, protezzjoni tas-smiġħ, skrins, miżuri organizzattivi)

³ Skont il-European Women's Lobby, "l-ibbaġitjar fir-rigward tas-sessi" huwa l-proċess li permezz tiegħu l-baġits pubbliċi huma eżaminati sabiex jiġi vvalutat jekk dawn jagħtux kontribut jew le għall-ugwaljanza akbar bejn in-nisa u l-irġiel u sussegwentement biex iġibu l-bidliet li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi kif inhu xieraq. Fl-evoluzzjoni ta' dawn l-eżerċizzji, il-punt fokali kien fuq il-verifika tal-baġits tal-gvern fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq in-nisa u l-bniet. "Baġits sensitivi għas-sessi" mhumix baġits separati għan-nisa u l-irġiel. Huma tentattivi biex jaqsmu, jew iqassmu, il-baġit prinċipali tal-gvern skont l-impatt tiegħu fuq in-nisa u l-irġiel, u fuq gruppi differenti tan-nisa u l-irġiel (Women's Net, European Women's Lobby).

Pajjiż	Programm	Kwistjoni
L-Awstrija	Kampanja mmirata fid-djar tal-kura	L-OSH fid-djar tal-kura tal-anzjani u l-kura fid-djar, l-ispezzjoni settorjali sensittiva għas-sessi u l-inizjattiva ta' tqajjim ta' sensibilizzazzjoni biex tiġi evalwata u mtejbja s-sitwazzjoni tal-OSH prinċipalment tal-ħaddiema nisa fis-settur
Il-Finlandja	Il-proġett tal-Population Research Institute "L-Ugwaljanza u l-Multikulturaliżmu fuq il-Post tax-Xogħol"	Il-promozzjoni tal-parteciċipazzjoni fil-ħajja tax-xogħol tan-nisa bi sfond ta' immigrazzjoni Il-gruppi fil-mira kienu postijiet tax-xogħol li qed jirreklutaw immigranti u l-persunal tagħhom. L-istudju wera d-differenzi profondi bejn l-istrateġiji ta' integrazzjoni ta' nisa minn sfondi soċjoekonomiċi differenti. Dan wera l-importanza ta' networks personali u tal-kollegi li joffru appoġġ fil-kisba ta' suċċess fuq ix-xogħol
Il-Finlandja	FIOH, "Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u d-diversità fuq il-post tax-xogħol".	Il-ministeru waqqaf għan strateġiku dettaljat, biex tiżdied l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-ħajja tax-xogħol Finlandiża billi jiġi prodott għarfien xjentifiku ġdid u billi jiġu żviluppati għodod u metodi prattiċi għall-manigiers tar-riżorsi umani u l-professjonisti tal-OSH Il-programm ta' riċerka u ta' azzjoni dwar il- "bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata" ġie mniedi (2005-09) sabiex jappoġġja l-bilanċ bejn ix-xogħol, il-familja u sferi oħra tal-ħajja Il-proġett MONIKKO enfażizza l-importanza tal-ugwaljanza minn perspettiva usa', billi kkunsidra l-età, l-etniċità u s-sitwazzjoni tal-familja. L-Istitut abbozza Pjan ta' Ugwaljanza bejn is-Sessi, li tħejja b'kooperazzjoni mill-qrib ma' membri tal-persunal
Il-Finlandja	Il-programm WORK jiffoka fuq in-nisa fuq il-post tax-xogħol, b'mod speċjali fir-rigward taż-żieda kontinwa fil-kuntratti ta' impjieg atipiċi fil-Finlandja. B'mod partikolari, ġew iffinanzjati żewġ proġetti mill-Akkademja tal-Finlandja: "L-inugwaljanzi bejn is-sessi, ix-xogħol emozzjonali u estetiku u l-benesseri fix-xogħol" u "L-impatt ta' tibdil fl-istil tal-ħajja fuq il-kapaċità tax-xogħol tan-nisa tqal, il-liv minħabba mard u r-ritorn lura għall-impjieg"	L-inugwaljanzi bejn is-sessi, ix-xogħol emozzjonali u estetiku u l-benesseri fix-xogħol L-immappjar tal-prattiki tal-irġiel u n-nisa fil-ħajja tax-xogħol b'mod aktar ġenerali permezz ta' studji tal-każijiet kwalitattivi L-analiżi tal-prattiki tal-proċessi ta' reklutaġġ Il-prattiki ta' servizz tal-klijenti fiċ-ċentri telefoniċi u f'ditti żgħar tan-nisa L-impatt tat-tibdil fl-istil tal-ħajja fuq il-kapaċità tax-xogħol tan-nisa tqal, il-liv minħabba mard u r-ritorn lura lejn l-impjieg It-tnaqqis fil-liv minħabba mard Iż-żieda fil-kapaċità tax-xogħol u r-ritorn lejn ix-xogħol wara l-liv tal-maternità/tal-ġenituri

Pajjiż	Programm	Kwistjoni
Il-Finlandja	Il-proġetti FIOH dwar ħaddiema nisa sopravvienti tal-kanċer	L-impjeggi tas-sopravvienti tal-kanċer, il-kapaċità tax-xogħol tas-sopravvienti tal-kanċer, l-inkariku tax-xogħol tas-sopravvienti tal-kanċer Is-sopravvienti tal-kanċer irċevew u kienu jeħtieġu appoġġ soċjali mill-post tax-xogħol tagħhom u mis-servizzi tas-saħħa okkupazzjonali
Franza	L-analiżi tas-sessi skont l-istħarriġ SUMER (stħarriġ espert imwettaq minn professjonisti tal-OSH fost il-ħaddiema)	Id-dimensjoni tas-sessi fir-rigward tal-esponimenti u l-ilmenti fuq il-post tax-xogħol, il-fehma sintesizzata dwar l-esponimenti fuq il-post tax-xogħol, ibbażati fuq sorsi nazzjonali ta' monitoraġġ
Spanja (Reġjun ta' Castilla y León)	Gwida għall-prevenzjoni tar-riskji tal-OSH b'enfasi fuq is-sessi	Id-deskrizzjoni tas-sitwazzjoni tan-nisa fuq il-post tax-xogħol Farsa ġenerali lejn l-OSH rilevanti u l-leġiżlazzjoni dwar l-ugwaljanza u l-programmi ta' istituzzjonijiet rilevanti Ir-rakkomandazzjonijiet biex tiġi protetta s-saħħa tan-nisa fuq il-post tax-xogħol, inklużi l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, l-integrazzjoni tas-sessi fl-OSH u l-protezzjoni tan-nisa tqal u ta' dawk li qed iredgħu
Spanja	Gwida sensittiva għas-sessi għall-evalwazzjoni ta' tagħbijiet fiżiċi (Instituto Nacional de Seguridad e Higiene en el Trabajo)	Gwida li tindirizza l-mard muskuloskeletal u l-fatturi ta' riskju minn perspettiva ta' distinzjoni bejn is-sessi. Tipprovdi metodi ta' monitoraġġ, listi ta' kontroll u kwestjonarji dwar l-għeja, ix-xogħol fiżiku (evalwazzjoni ergonomika) u gwida dwar l-isfond, inklużi eżempji prattiċi
Spanja	Dulcinea — il-Proġett EQUAL	It-taħriġ tan-nisa għall-koordinazzjoni tal-karigi fil-kostruzzjoni
Spanja	L-Ugwaljanza bejn is-Sessi L-Osservatorju (Observatorio de la Mujer)	L-Osservatorju jipprepara l-istudji dwar l-impatt fuq is-sessi fil-militar
Il-Pajjiżi l-Baxxi	Taskforce DeeltijdPlus (Part-time Plus) L-imsieħba soċjali Olandiżi u l-gvern (il-Ministeru tal-Affarijiet Soċjali u l-Impjeggi) u l-awtoritajiet lokali	27 studju pilota li jinvestigaw l-ostakli u l-opportunitajiet biex is-suq tax-xogħol isir aktar flessibbli għan-nisa. L-oġettiv tat-taskforce huwa li jstimula n-nisa fil-Pajjiżi l-Baxxi li għandhom impjieg part-time ta' inqas minn 24 siegħa fil-ġimgħa biex jaħdmu iktar sigħat
Ir-Renju Unit	Skema tal-Ugwaljanza Unika għall-Eżekuttiv tas-Saħħa u tas-Sigurtà, 2010-2013	Jiġu identifikati s-setturi fejn in-nisa u/jew l-irġiel huma f'riskju u jiġi żgurat li eżempji tal-evalwazzjonijiet tar-riskju għal dawn l-oqsma jinkludu l-kwistjonijiet tal-OSH fir-rigward tas-sessi

Pajjiż	Programm	Kwistjoni
		Għall-promozzjoni ta' messaġġi speċifiċi għas-sessi dwar ir-riskji għas-saħħa fuq il-post tax-xogħol fuq is-sit web Jiġu indirizzati kwistjonijiet sabiex jiġi kkoreġut l-iffittjar xieraq mal-wiċċ ta' tagħmir respiratorju protettiv, b'mod partikolari fir-rigward tad-daqs/il-forma tal-wiċċ tal-mara Riċerka dwar ir-rabta rrappurtata ta' xogħol bix-xift mal-kanċer tas-sider u ta' mard ewlieni ieħor Studju ta' identifikazzjoni bikrija fis-settur agrikolu u tal-ikel dwar mard respiratorju fl-industrija tal-ħami biex tiġi inkluża d-diversità ta' kwistjonijiet fir-rigward ta' sess, età u razza Riċerka dwar ir-riskju tal-mesoteljoma fin-nisa u l-irġiel Titkompla r-riċerka sabiex jiġi stmat il-piż tal-kanċer ikkawżat mix-xogħol fir-Renju Unit, inkluż il-kanċer tas-sider u tal-prostata Jiġi mħeġġeġ aktar involviment tan-nisa fit-teħid tad-deċiżjonijiet fis-saħħa u s-sigurtà

Referenzi

- EU-OSHA (L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol) (2003), Kwistjonijiet ta' sessi fis-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol: Rieżami. Disponibbli fuq: <http://osha.europa.eu/en/publications/reports/209>
- EU-OSHA (L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol) (2005), L-Istorbu f'ċifri. Disponibbli fuq: <http://osha.europa.eu/en/publications/reports/6905723>
- EU-OSHA (L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol) (2007), L-Istudju tal-letteratura dwar l-ħaddiema migranti. Disponibbli fuq: <http://osha.europa.eu/en/publications/literature> analiżi/ħaddiema migranti
- EU-OSHA (L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol) (2008), Protezzjoni tal-ħaddiema fil-lukandi, ir-ristoranti u l-forniment tal-ikel. Disponibbli fuq: http://osha.europa.eu/en/publications/reports/TE7007132ENC_horeca
- EU-OSHA (L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol) (2009a), L-esponiment kkombinat għall-istorbu u sustanzi ototossici. Disponibbli fuq: http://osha.europa.eu/en/publications/literature_reviews/combined-exposure-to-noise-and-ototoxic-substances
- EU-OSHA (L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol) (2009b), Is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol ta' ħaddiema li jnaddfu, Reċensjoni tal-Litteratura tal-Osservatorju Ewropew tar-Riskju, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu. Disponibbli fuq: http://osha.europa.eu/en/publications/literature_reviews/cleaning_workers_and_OSH
- EU-OSHA (L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol) (2010), L-OSH f'ċifri: Mard muskuloskeletal relatat max-xogħol fl-UE - fatti u ċifri, Rapport tal-Osservatorju Ewropew għar-Riskju, il-Lussemburgu. Disponibbli fuq: <https://osha.europa.eu/en/publications/reports/TERO09009ENC/view>
- EU-OSHA (L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol) (2011a), L-OSH f'ċifri: Is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol fis-settur tat-trasport - ħarsa ġenerali. Disponibbli fuq: https://osha.europa.eu/en/publications/reports/transport-sector_TERO10001ENC/view
- EU-OSHA (L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol) (2011b), Vjolenza u fastidju fuq il-post tax-xogħol: Stampa Ewropea. Disponibbli fuq: <https://osha.europa.eu/en/publications/reports/violence-harassment-TERO09010ENC/view>
- KE (Kummissjoni Ewropea) (2002), Nadattaw għall-bidla fix-xogħol u fis-soċjetà: Strateġija ġdida tal-Komunità dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol 2002-2006, Brussell. Disponibbli fuq: [http://www.lex.unict.it/eurolabor/en/documentation/com/2002/com\(02\)-118e.htm](http://www.lex.unict.it/eurolabor/en/documentation/com/2002/com(02)-118e.htm)
- KE (Kummissjoni Ewropea) (2010a), "L-irġiel u l-ugwaljanza bejn is-sessi: L-indirizzar tar-rwoli tal-familja maqsumin skont is-sess u l-impjiegi fil-kura soċjali", Nota ta' analiżi. Data meħuda, minn: ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=5532&langId=en
- KE (Kummissjoni Ewropea) (2010b), "L-azzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel 2010-2015 li jakkumpanjaw il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Strateġija għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel 2010-2015, {COM(2010) 491}", Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni. Disponibbli fuq: <http://www.google.es/url?sa=t&rct=i&q=&esrc=s&source=web&cd=1&ved=0CCwQFiAA&url=http%3A%2F%2Fec.europa.eu%2Fsocial%2FBlobServlet%3FdocId%3D5776%26langId%3Den&ei=crUoUty6M8iLtQaltCgDQ&usq=AFQiCNH4UDnIABMoESauxHZzmDzNQkhtw&bvm=bv.51773540.d.Yms>
- Eurofound (Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol) (2005), Biletta, I. & Meixner, M., L-aspett tematiku tal-EIRO: Ir-relazzjonijiet industrijali u x-xogħol mhux iddikjarat. Disponibbli fuq: <http://www.eurofound.europa.eu/publications/htmlfiles/ef05135.htm>
- Eurogip (2012), Rieżami statistiku tal-korrimenti fuq il-post tax-xogħol: data tal-2009-2010 il-Ġermanja. Disponibbli fuq: http://www.eurogip.fr/en/docs/Eurogip_Point_stat_GER0910_71EN.pdf

- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew (2008), tal-15 ta' Jannar 2008 dwar l-istrategġija Komunitarja 2007-2012 għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Meħuda fis-16 ta' Awwissu 2013 minn <http://www.europarl.europa.eu/sides/getDoc.do?type=TA&reference=P6-TA-2008-0009&language=mt>
- Eurostat (2002), Dupré, D., "Is-saħħa u s-sigurtà tal-irġiel u n-nisa fuq il-post tax-xogħol", Statistics in Focus, 34/2002. Disponibbli fuq: http://www.eds-destatis.de/en/downloads/sif/link_02_04.pdf
- Eurostat (2009), De Norre, B., "8.6 % tal-ħaddiema fl-UE esperjenzaw problemi tas-saħħa relatati max-xogħol: Is-setturi differenti juru mudelli distinti ta' esponiment għall-fatturi ta' riskju differenti, iżda fis-setturi kollha diversi fatturi ta' riskju huma ħafna aktar prevalenti mill-medja.", Statistics in Focus, 63/2009. Meħuda fit-30 ta' Ġunju 2009, minn: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/KS-SF-09-063/EN/KS-SF-09-063-EN.PDF
- Eurostat (2010), Is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fl-Ewropa (1999-2007): Ritratt statistiku, L-Impjiegi, L-Affarijiet Soċjali u L-Opportunitajiet Indaqs tal-Kummissjoni Ewropea, Eurostat. Meħuda fit-13 ta' Ġunju 2013, minn: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/cache/ITY_OFFPUB/KS-31-09-290/EN/KS-31-09-290-EN.PDF
- Eurostat (2013) L-istatistika dwar differenza bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa. Meħuda fl-20 ta' Lulju 2013, minn: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/statistics_explained/index.php/Gender_pay_gap_statistics
- Leigh, J.P., & Du, J. (2012), "Il-pagi baxxi huma fatturi ta' riskju għall-ipertensjoni", Il-Ġurnal Ewropew tas-Saħħa Pubblika, Vol. 22, Nru 6, p. 854-859.
- Mental Health Foundation (2007), In-nisa u s-saħħa mentali. meħuda fl-20 ta' Diċembru 2010, minn <http://www.mhf.org.uk/information/mental-health-a-z/women/>
- Riedmann, A. & Fischer, G. (2007), Xogħol mhux iddikjarat fl-Unjoni Ewropea, Rapport Speċjali tal-Ewrobarometru 284, TNS Opinion & Social, Kummissjoni Ewropea. Disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/public_opinion/archives/ebs/ebs_284_en.pdf
- SUMER (2003), Deskrizzjoni u riżultati. Disponibbli fuq: <http://www.travail-solidarite.gouv.fr/etudes-recherche-statistiques-de,76/statistiques,78/sante-au-travail,87/enquetes,273/>
- Tieves, D. (2011), In-nisa u l-mard okkupazzjonali fl-Unjoni Ewropea, ETUI. Disponibbli fuq: <http://www.etui.org/Publications2/Reports/Women-and-occupational-diseases-in-the-European-Union>
- WHO (L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa) (2009), In-nisa u s-saħħa: Evidenza tal-lum, l-aġenda ta' għada, Ġinevra. Disponibbli fuq: http://whqlibdoc.who.int/publications/2009/9789241563857_eng.pdf

L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA) tikkontribwixxi biex tagħmel il-postijiet tax-xogħol fl-Ewropa aktar siguri, aktar f'saħħithom u aktar produttivi. L-Aġenzija tirriċerka, tiżviluppa, u tiddistribwixxi informazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà affidabbli, ibbilanċjata, u imparzjali u torganizza kampanji pan-Ewropej għall-ħolqien ta' kuxjenza. Imwaqqfa mill-Unjoni Ewropea fl-1994 u bbażata f'Bilbao, Spanja, l-Aġenzija tiġbor flimkien rappreżentanti mill-Kummissjoni Ewropea, il-gvernijiet tal-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem u tal-ħaddiema, kif ukoll esperti ewlenin f'kull wieħed mill-Istat Membri tal-UE u lil hinn.

L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

Posta elettronika: information@osha.europa.eu

<http://osha.europa.eu>